MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-21 ta' Mejju, 2015

Numru. 202/2013

**Il-Pulizija**

**(Supretendent Paul Vassallo)**

**(Spettur Angelo Gafa')**

**vs**

**RAYMOND FERRIS**

**(ID: 661661M)**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **RAYMOND FERRIS** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 661661(M) gie mressaq quddiemha u akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer, f’Novembru 2008 jew fix-xhur u s-snin ta’ qabel, talab, irceva jew accetta xi offerta jew weghda ta’ xi vantagg mhux xieraq ghalih innifsu jew ghal hadd iehor bil-ghan li jesercita xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi xi persuna li hemm imsemmija fis-Sub-titolu IV tat-Titolu III tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, fil-kapacita’ tieghu ta’ ufficjal jew impjegat pubbliku, in konnessjoni mal-kariga jew impieg tieghu, talab, irceva jew accetta ghalih jew ghal haddiehor xi rigal jew weghda jew offerta ta’ xi rigal fi flus jew f’utli iehor, jew ta’ xi vantagg iehor, li ghalihom hu ma kellux jedd;

U aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, b’mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifici foloz, jew billi nqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ kerediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta’ aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu ta’ George Farrugia mill-Mosta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-ligi, tapplika l-provvedimenti ta' l-Artikolu 119 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom estratt mill-att tat-twelid tal-imputat a fol. 3, fedina penali a fol. 4, passaport u l-karta tal-Identita' tal-imputat a fol 10.

Rat illi din il-kawza giet assenjata temporanjament lil din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita b'digriet ta' Assenjazzjoni tal-Prim'Imhallef datat 21 ta' April 2014 u b'mod permanenti b'digriet tal-20 ta' Novembru 2014.

Illi nhar is-6 ta' Marzu, 2013 xehed l-**Ispettur Angelo Gafa'** u spjega li fl-ghoxrin (20) ta' Jannar 2013 l-gazzetta Malta Today kienet ippubblikat artiklu fejn fih gie allegat li kien hemm korruzzjoni fix-xiri taz-zejt mill-Korporazzjoni Enemalta. Fil-kors tal-investigazzjoni taghha, il-Pulizija kienet interrogat lil certu George Farrugia li dan kien agent tal-kumpanija fost ohrajn Trafigura liema kumpanija kienet indikata f'dak l-artiklu tal-Malta Today. Kien jirrizulta wkoll li kien agent ta' kumpaniji ohra fosthom Total, sussidjarji taghha, inkluz Totsa liema allura dawn il-kumpaniji l-Enemalta kienet tixtri minn ghandhom, kemm l-Enemalta u kif ukoll l-MOBC – meta l-artiklu kien jiffoka fuq xiri ta' xejn mill-Enemalta u dan George Farrugia kien gie nterrogat mill-Pulizija u ftit wara kien inghata l-proklama mill-President ta' Malta. Dan kien fl-ghaxra (10) ta' Frar, elfejn u tlettax (2013). Wara dak, l-ghada hdax (11) ta' Frar, tnax (12) ta' Frar u anke granet wara, dan George Farrugia kien gie mitkellem mill-Pulizija biex jaghtihom dettalji

ta' x'involviment kellu f'allegat kazi ta' korruzzjoni jew allegat reati ohra u fost dak li qal, indika li kien hemm process ta' privatizazzjoni tal-Petroleum Division tal-Enemalta li sal-gurnata ta' llum ghadu qed jigi processat. Filfattv qalilhom dan George Farrugia li kien tefa' offerta f'dan il-process ta' privatizazzjoni. L-offerta ntefghet bhala Power Plan Ltd. u ghal din l-offerta huwa kien inghaqad ma' *group* Grieg bl-isem ta' Mamidakis. Fil-fatt dan George Farrugia kien qalihom ukoll li kien hemm erba' (4) offerenti fosthom Power Plan, il-kumpanija tieghu, Falzon Group, BB Energy u Island Bunker Oils Ltd. Skont George Farrugia l-Adjudication Board kien ghazel li jibda jinneggozja ma' BB Energy pero' kien qalilhom li sal-gurnata ta' llum dan il-process kien ghadu ghaddej.

Waqt li kien qed jitkellem fuq dan il-process ta' privatizazzjoni, dana George Farrugia kien spjega li hu dak iz-zmien kien jitkellem ma' certu Ray Ferris li kien il-persuna nkarigata minn dan il-process ta' privatizazzjoni tal-Petroleum Division fl-Enemalta u qalilhom li darba minnhom dan Ray Ferris, ghall-habta tal-elfejn u sebgha (2007) u l-elfejn u tmienja (2008), dan Ray Ferris kien mar fl-ufficcju ta' George Farrugia f'Hal Qormi u qallu li jekk ried seta' jghinu fl-offerta tieghu ghall-privatizazzjoni tal-Petroleum Division u qallu li dan seta' jaghmlu billi jezercita influwenza fuq membri fl-Adjudication Board. Ghal dan kollu, Ray Ferris talab erbghin elf ewro (€40,000) minghand George Farrugia li izda dawn il-flus kellhom jghaddu ghandu jekk galadarba l-kumpanija Power Plan tirbah dan it-*tender*.

Fil-fatt, aktar 'il quddiem George Farrugia kien elabora dwar dan u hu jghid li meta Ray Ferris kien qallu: "jiena nista' nghinek", George Farrugia nnifsu kien qallu: "jiena niehu hsiebek". Pero' qallu: "nixtieq inkun naf x'qed

tippretendi minghandi". U kien hemmhekk, ghaliex George Farrugia qallu: "jiena m'inhiex wahdi bhal ma' taf f'din l-offerta imma ghandi dan il-*group* Grieg mieghi" u hemmhekk skont George Farrugia kien Ray Ferris li ndika l-ammont ta' erbghin elf Ewro (€40,000). Aktar minn hekk pero' fix-xahar ta' Dicembru elfejn u sebgha (2007), qrib il-Milied ta' dik is-sena, dan Ray Ferris kien talab lil George Farrugia sabiex jaghtih erba' (4) rigali sbieh, erba' (4) rigali sbieh tal-fidda li hu qallu kellu jghaddihom lil dawn il-membri tal-Adjudication Board li hu kellu jezercita din l-influwenza fuqhom.

Min-naha tieghu George Farrugia kien qalilhom li kien xtara erba' (4) centrijiet tal-fidda minghand Azzopardi Jewellers tal-Furjana li skont George Farrugia dawn kienu swewh madwar elfejn Euro 'il wiehed. George Farrugia kien anke prova jgibilhom l-ircevuti rispettivi ta' dan pero' qal li wisq probabbli kienu nxtraw mill-*credit card* ta' Power Plan u ghaldaqstant ma kellux dawn id-dettalji f'idejh. Il-Pulizija ndagat dwar dawn Ray Ferris u anke dwar il-process ta' privatizazzjoni tal-Petroleum Division. Fil-fatt kien privatizazzjoni tal-*petroleum division* tal-Enemalta u allura l-installazzjonijiet taghha, kif ukoll il-privatizzazzjoni tal-kumpanija Mediterranean Offshore Bankering Company Ltd. fil-qasir MOBC.

Minn investigazzjonijiet tal-pulizija rrizulta li f'Dicembru, elfejn u erbgha (2004) il-kabinett tal-Ministri kien iddecieda li fil-fatt jikkummercjalizza l-operat tal-*petroleum* tal-Enemalta u kif ukoll l-attivitajiet tal-MOBC. Dan il-kommercjalizazzjoni kienet tfisser li l-infrastrutturi tal-Petroleum Division u l-MOBC kellhom jigu mikrija lil dan l-investitur li kellu jintghazel ghal tletin (30) sena u ghaldaqstant f'dawn it-tletin (30) sena kull kummerc, kull

attivita' kummercjali tal-Petroleum Division u l-MOBC kellhom jghaddu ghand dan il-*bidder*.

F'Mejju, elfejn u hamsa (2005) il-Gvern kien ta direzzjoni lill-Privatization Unit sabiex jista' jiehu dan il-process f'idejh u issa allura f'nofs is-sena elfejn u sitta (2006) il-MIMCOL kienet krejat registru ta' assi kemm tal-Petroleum Division tal-Enemalta u kif ukoll tal-MOBC biex allura dak li huwa nteressat ikun jaf x'assi hemm li diehel ghalihom.

Fl-ghaxra (10) ta' April, elfejn u sebgha (2007) harget *an expression of interest*. Din giet ippubblikata fil-gazzetta tal-Gvern u fil-fatt kienu dahlu hamsa u ghoxrin (25) *expression of interests* izda minn dawn kienu biss sittax (16) li dahlu *confidentality agreement* kif ukoll il-hlas relattiv biex issa allura setghu jimxu ghall-process li jmiss. Kull wahda minn dawn is-sittax (16)-il kumpanija kkwalifikat ghall-istadju ta' wara u allura issa fl-erbgha (4) ta' Dicembru, elfejn u sebgha (2007) gie ppubblikat *invitation to tender* fil-gazzetta tal-Gvern fejn tlettax (13) minn dawn is-sittax (16)-il kumpanija hallsu l-*fee* relattiva ta' elf u hames mitt Lira Maltin biex setghu allura jigbru d-dokumentazzjoni kompluta. Minn dawn it-tlettax (13)-il kumpanija, tmienja (8) kienu zaru dawk li jsejsu *electronic data rooms*. Dawn l-*Electronic Data Rooms* allura jkunu kmamar fejn ikun hemm *audio visual presentation* ta' x'qed jigi kkumercjalizzat u dawn id-Data Rooms kienu miftuha bejn l-erbatax (14) ta' Jannar u l-hamsa u ghoxrin (25) ta' Jannar, tas-sena elfejn u tmienja (2008). Il-*closing date* tas-*submissions* issa kien hemm rikjesta mill-*bidders* u kienet giet estiza mit-tmintax (18) ta' April sas-sittax (16) ta' Mejju, elfejn u tmienja (2008). Sa dik id-data allura, sas-sittax (16) ta' Mejju, elfejn u tmienja (2008) dahlu erba' (4) offerti

Power Plan Limited, li George Farrugia kien allura d-Direttur taghha, BB Energy, Petroleum Tanking li kien konsorzju maghmul minn Gasan Group, Island Oils Holdings u Tumas Group, kif ukoll Falzon Service Station Limited li dawn kienu assocjati ma' Alliance Oil Company, kumpanija Russa.

Sar process ta' evalwazzjoni mill-Adjudication Committee li dan kien kompost mic-Chairman Emanuel Ellul, li huwa c-Chairman tal-Privatisation Unit, l-Inginier Alexander Tranter li dak iz-zmien kien Chairman tal-Enemalta, Mr. Alfred Camilleri, dan huwa l-Permanent Secretary fil-Ministeru tal-Finanzi, Mr. Ivan Falzon ukoll mill-Privatisation Unit, Mario Mizzi tal-MIMCOL u Dr. Godwin Debono mill-OPM fejn dawn ikkonkludew li l-ahjar offerta li dahlet kienet ta' BB Energy. Is-*second ranking* kienet Petroleum Thanking il-konsorzju kif spjegajt ta' Gazan Island Oils u Tumas Group, filwaqt li fit-tielet post kien hemm Power Plan u Falzon flimkien.

U ghaldaqstant fis-sebgha (7) ta' Ottubru, elfejn u tmienja (2008) l-Adjudication Committee kien irrakkomanda li l-Gvern jibda bin-negozjati mal-*first ranking bidder* BB Energy u allura issa fl-ghoxrin (20) ta' Novembru, elfejn u tmienja (2008) id-Department of Information hareg *press release* fejn informa li l-Gvern kien ikkonferma r-rakkomandazzjoni tal-Adjudication Committee fis-sens li jibdew negozjati ma' BB Energy u dawn in-negozjati huma nfurmati li ghadhom ghaddejjin sa llum. Il-Petroleum Division tal-Enemalta hija xi haga kumplessa, hemm diversi nstallazzjonijiet. Installazzjonijiet li ilhom anke zmien, installazzjonijiet li ghaddejin minn taht l-art u ghaldaqstant il-*favourite bidder* BB Energy ghaddej b'negozjati mal-Privatisation Unit dwar dawn il-kummercjalizazzjonijiet ta' dan il-Petroleum Division.

Dwar Ray Ferris l-impjieg tieghu mal-Enemalta rrizulta li dan dahal fl-Enemalta fl-ewwel (1) ta' Gunju, elfejn u hamsa (2005) fil-kariga ta' Projects Developments and Coordination Manager, kien dahal fuq kuntratt ta' tlett (3) snin. Il-kuntratt tieghu kien rega' gie *renewed* ghal tlett (3) snin ohra fejn issa d-*designation* tieghu saret taqra Chief Officer Program Services and Facilities Management Office. Imma fit-tnax (12) ta' Dicembru, elfejn u tmienja (2008) dan l-isem inbidel ghal Chief Projects Officer. L-impjieg ta' Ferris fl-Enemalta gie tterminat fit-tlettax (13) ta' Jannar, elfejn u tnax (2012).

Invista tal-allegazzjonijiet maghmula minn George Farrugia vis a vis Raymond Ferris, Raymond Ferris ghandu ID Card Number 661661M, dana fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Frar, elfejn u tlettax (2013) intalab jattendi fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija fejn dakinhar allura gie nfurmat li l-pulizija kellha mandat ta' arrest u tfittxija mahrug mill-Magistrat Carol Peralta dakinhar stess u allura kien gie nfurmat li kien jinsab arrestat, inghata d-drittijiet kollha skont il-Ligi u beda biex jirrifjuta dan id-dritt li jikkonsulta privatament ma' avukat jew prokuratur legali qabel ma jigi nterrogat.

Wara dan is-Sur Ferris beda jigi nterrogat wara d-debita twissija li ma kienx obbligat li jwiegeb ghal dak li jigi mistoqsi u dak li jinghad jista' jingieb bhala prova, pero' min-naha tieghu dan baqa' jichad kull involviment ta' ghemil ta' korruzzjoni. Ghalkemm inizjalment pero' dan is-Sur Ferris cahad li qatt xi darba rcieva xi rigali minghand is-Sur George Farrugia aktar tard dan ikkonferma li fil-fatt kien ircieva tlett (3) rigali tal-fidda minghand Farrugia. L-ewwel li qalilhom dawn ir-rigali kien bidilhom f'*cash* ghand

Azzopardi Jewellers pero’ aktar tard, kwazi, kwazi mmedjetament xi hames minuti wara rega’ bidel il-verzjoni u qal li dawn it-tlett (3) rigali kien bidilhom ma’ *silver tray* minghand l-istess Azzopardi Jewellers fejn qal li Azzopardi kien ghamel stima tar-rigali li kien ghaddielu George Farrugia, fejn kien stmahom elfejn u seba’ mitt Ewro (€2,700) u qal li fil-fatt kien zied xi haga maghhom biex allura xtara dan it-*tray*.

Spjega wkoll dwar it-*tray*. Dan it-*tray* fil-fatt huwa kien ghamel tfittxija fir-residenza tieghu f’Tas-Sliema akkumpanjat mis-Surgent 474 Norbert Said fejn is-Sur Ferris kien indikalhom liema huwa t-*tray* rispettiv u dan gie elevat mill-pulizija. Fl-istess gurnata u cioe’ nhar is-sebgha u ghoxrin (27) ta’ Frar, elfejn u tlettax (2013) wara nofsinhar is-Supretendent Paul Vassallo  akkumpanjat minn PC 1349 Ranier Agius kienu marru ghand Azzopardi Jewellers fil-Furjana, hadu t-*tray* maghhom u fil-fatt meta Joseph Azzopardi ta’ Azzopardi Jewellers gie muri dan it-*tray* ezaminah u ftakar li dan kien bieghu xi snin ilu. Ftakar f’dan it-*tray* ghaliex kellu iehor simili tieghu imma kien jizen inqas bhala *weight* u kien ta’ valur inqas fil-fatt. Inizjalment Azzopardi ma setghax jiftakar lil min bieghu, pero’ mbaghad ftakar li dan bieghu lil xi Head of Department. Kien gie ssuggerit il-kunjom Ferris u hemmhekk ftakar li fil-fatt kien bieghu lil Ray Ferris ghaliex huwa stess ftakar il-*first name* ta’ dan il-klijent. Ftakarha mill-memorja u qal ukoll li dan Ray Ferris kien fil-passat xtara diversi affarijiet ohra minghandu. Ftakar ukoll is-Sur Azzopardi li dan it-*tray* kien bieghu lis-Sur Ferris bi skambju ta’ oggetti ta’ inqas valur  kif ukoll ziedu xi *cash* ghaliex dan it-*tray* allura kien *upgrade*. Kien anke tahom id-dettalji. Fil-fatt jirrizulta li dan it-*tray* kien prodott fl-elf, tmien mija u tmienja u ghoxrin, kien *Sterling Silver* u llum-il gurnata huwa stmat tlett elef u tmien mitt Ewro (€3,800). Pero’ s-Sur Azzopardi qalilhom li fil-bidu tas-sena elfejn u

tmienja (2008) dan it-*tray* kien jigi valutat ghall-ammont ta' madwar tlett elef Ewro (€3,000). Gie mistoqsi wkoll biex jaghtihom *record* ta' dawn it-*transactions* pero' qal li m'ghandux.

Fl-istess gurnata sebgha u ghoxrin (27) ta' Frar, elfejn u tlettax (2013) ghall-habta tas-sitta (6:00) ta' filghaxija s-Sur Ferris irrilaxxja stqarrija bil-miktub u dan wara li kien gie kkonfrontat mas-Sur George Farrugia. Rega' cahad kull involviment fi prattici korrotti. Ikkontradixxa lis-Sur Farrugia fuq numru ta' affarijiet u stabbilixxa dan li ser jghid. Is-Sur Ferris spjega li mindu spicca mill-Enemalta dan kien baqa' bla mpjieg u allura kien ilu issa sena u xahrejn minghajr impjieg. Ikkonferma wkoll li bejn Gunju, elfejn u erbgha (2004) u Jannar, elfejn u tnax (2012) kien Chief Projects Officer fl-Enemalta, kien inkarigat mill-Gas u Petroleum Divisions kif ukoll mill-kordinament tal-privatizazzjoni ta' dawn iz-zewg (2) divizjonijiet, ghaliex jispjega li aktar qabel il-privatizazzjoni tal-Petroleum Division tal-Enemalta, l-Enemalta kienet ipprivatizzat il-Gas Division. Kien ukoll inkarigat minn din il-privatizazzjoni wkoll is-Sur Ferris. Is-Sur Ferris insista li l-*job* tieghu mill-Enemalta kien spicca ghaliex il-pozizzjoni tieghu ma kinitx ghadha tezisti fil-korporazzjoni minhabba l-istrutturar li kien sar u kkonfermalhom li fil-fatt kien fit-terminazzjoni tal-impjieg tieghu, dan kien ircieva s-somma ta' erbgha u sittin elf u erba' mitt Ewro (€64,400).

Huma kkonfermaw dan mal-Enemalta, ikkonfermaw li dan kien inghata din is-somma. Ikkonferma wkoll is-Sur Ferris li waqt il-process ta' privatizazzjoni tal-Petroleum Division huwa kien il-liaison officer bejn il-korporazzjoni u l-Privatisation Unit. Ma setax jiftakar il-perjodu ta' dan il-process pero' ftakar, anzi kkonferma li huwa ma kienx parti mill-

Adjudicating Committee. Kien gie mistoqsi jghid min kienu n-nies fuq l-Adjudicating Committee, il-membri allura u ghal dakinhar tal-ewwel stqarrija u cioe' s-sebgha u ghoxrin (27) ta' Frar, elfejn u tlettax (2013) is-Sur Ferris ftakar zewg (2) ismijiet biss, ic-Chairman Emanuel Ellul kif ukoll l-Inginier Alexander Tranter li kien Chairman tal-EneMalta.

Dwar George Farrugia s-Sur Ferris li huwa gharaf fl-Awla bhala l-imputat, ikkonferma li kien jafu u qalilhom li jafu ghaliex kien wiehed mill-*bidders* tal-Petroleum Division Privatisation. Qalilhom ukoll li f'numru ta' okkazjonijiet kien zar lil George Farrugia fl-ufficcju tieghu f'Hal Qormi, fl-ufficcju ta' John's Garage u qalilhom darba minnhom mar fuq talba ta' George Farrugia li qallu li xtaq ikellmu dwar il-privatizazzjoni tal-Petroleum Division. U dan is-Sur Ferris ikkonferma li kien waqt il-process ta' privatizazzjoni izda qabel ma t-*tender* kien gie aggudikat. Qalilhom is-Sur Ferris li meta mar fl-ufficcju ta' Farrugia, is-Sur George Farrugia qallu dan il-kliem: "Ara kif taghmel biex niehu din it-*tender*".

F'dak l-istadju skont is-Sur Ferris, din hija kontradetta mis-Sur George Farruga ghaliex is-Sur George Farruga jghid li s-Sur Ferris kien qallu li jista' jezercita nfluwenza, is-Sur Farrugia skont is-Sur Ferris f'dak l-istadju hareg tlett (3) rigali rreppjati li allura ma kienx jaf x'kienu jikkontjenu u allegatament is-Sur George Farrugia qallu: "Ara lil min ha taghti dawn ir-rigali biex niehu t-*tender*." Is-Sur Ferris spjega li hu kien ha dawn ir-rigali, kien ippreokkupat u ddecieda li jzommhom ghalih innifsu. U meta fetahhom kien skopra li fil-fatt wiehed minnhom kien centru, *centre piece* tal-kristall u l-fidda u t-tnejn ohra kienu dawk li huwa qal kienu zewg (2)

bomboniere tal-fidda, li kollha kellhom indikazzjoni li kienu mixtrija minghand Azzopardi Jewellers tal-Furjana.

Skont is-Sur Ferris meta l-*bid* ta’ George Farrugia kienet giet skwalifikata, ghalkemm kif spjega qabel il-*bid* ta’ Farrugia qatt ma giet skwalifikata imma giet *third ranking*, dan kien mar ghand Azzopardi Jewellers b’dawn it-tlett rigali u wara li stmahhomlu elfejn u seba’ mitt Ewro (€2,700) dan ha s-*silver tray* u zied xi flus ghax-xiri ta’ dan it-*tray*. Is-Sur Ferris fl-istqarrija tieghu kien cahad li qatt xi darba kien qal lil George Farrugia li seta’ jezercita nfluwenza fuq il-membri tal-Adjudicating Committee u iktar u iktar irribatta l-allegazzjoni li qatt xi darba talab dawn ir-rigali lis-Sur George Farrugia huwa nnifsu. Hu wkoll innega l-allegazzjoni ta’ George Farrugia li hu kien talbu erbghin elf Ewro (€40,000) sabiex bhala kumpens li kien sejjer jezercita din l-influwenza u liema flus kellhom jithallsu jekk kemm-il darba George Farrugia kellu jirbah din it-*tender*. Dakinhar tas-sebgha u ghoxrin (27) ta’ Frar, elfejn u tlettax (2013) is-Sur Ferris kien inzamm arrestat fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija mal-lejl. L-ghada filghodu rega’ gie nterrogat ukoll wara d-debita twissija skont il-Ligi. F’dik it-tieni stqarrija s-Sur Ferris rega’ kkonferma l-kontenut tal-ewwel stqarrija u din id-darba ftakar li l-Adjudication Committee kien kompost mis-Sur Emanuel Ellul, Alexander Tranter, Alfred Camilleri, Dr. Debono u Mario Mizzi. Il-guranta ta’ qabel qalilhom li kien jiftakar tnejn (2) biss ic-Charmain Emanuel Ellul u l-Inginier Alexander Tranter, l-ghada filghodu ftakar il-membri kollha tal-Adjudication Committee. Kien f’dik il-guranta tat-tmienja u ghoxrin (28) ta’ Frar, elfejn u tlettax (2013) li s-Sur Ferris tressaq il-Qorti b’arrest quddiem il-Magistrat tal-ghassa Dr. Anthony Micallef Trigona akkuzat bi *trading influence*, korruzzjoni u frodi b’qerq ghad-dannu ta’ George Farrugia.

F’dan l-istadju esebixxa xi dokumenti, beda biex esebixxa bhala Dok. GA1 korrispondenza li kien ircieva minghand il-Privatisation Unit fl-erbatax (14) ta’ Frar, elfejn u tlettax (2013), din il-korrispondenza hija ffirmata mis-Sur Emanuel Ellul Chairman ta’ dan il-Privatisation Unit fejn allura fil-*covering letter* qed jindika x’qed jannetti maghha, inkluz allura minuti tal-Adjudication Committee li kien sar fid-disgha (9) ta’ Gunju, elfejn u tmienja (2008), Proces Verbal tat-*Tendering Open Session* tad-disgha (9) ta’ Gunju, elfejn u tmienja (2008), *finiancial, legal and technical evaluation* tal-*bids* datata sitta (6) ta’ Ottubru, elfejn u tmienja (2008), rapport tal-Adjudication Committee li kien ghadda ghand il-Ministru fis-sebgha (7) ta’ Ottubru, elfejn u tmienja (2008), ittra lill-Ministru tal-Finanzi datata tlieta u ghoxrin (23) ta’ Lulju, elfejn u tmienja (2008), kif ukoll il-*press release* datata ghoxrin (20) ta’ Novembru, elfejn u tmienja (2008) li permezz taghha kien gie mhabbar li BB Energy kienet il-*preferred bidder*. Dawn id-dokumenti kollha komplessivament gew esebiti u mmarkati bhala Dok GA1.

Ix-xhud exebixxa esebixxa mandat ta’ arrest mahrug mill-Magistrat Dr. Carol Peralta nhar is-sebgha u ghoxrin (27) ta’ Frar, elfejn u tlettax (2013) fil-konfront tal-imputat is-Sur Raymond Ferris li gie mmarkat bhala Dok. GA2.

Esebixxa bhala Dok. GA3 dikjarazzjoni ta’ rifjut ghall-parir legali li s-Sur Raymond Ferris li gharfu fl-Awla bhala l-persuna li rrilaxxa din id-dikjarazzjoni kien ghamel fil-prezenza tieghu, tas-Supretendent Paul

Vassallo u ta' PS 474 Norbert Said fil-hdax u ghoxrin (11:20) ta' nhar is-sebgha u ghoxrin (27) ta' Frar, elfejn u tlettax (2013). Dan huwa Dok. GA 3.

Esebixxa bhala Dok. GA4 stqarrija li l-imputat irrilaxxa nhar is-sebgha u ghoxrin (27) ta' Frar, elfejn u tlettax (2013) fis-sitta ta' filghaxija (6:00pm). Din hija komposta minn erba' (4) faccati. Fuqhom gharaf il-firem tieghu, tal-imputat Raymond Ferris, gharfu fl-Awla u tas-Supretendent Paul Vassallo. Din l-istqarrija ttiehdet wara d-debita twissija skont il-Ligi. Dan huwa Dok. GA4 u hija komposta minn erba' (4) faccati.

Bhala Dok. GA5 esebixxa t-tieni stqarrija li l-imputat rrilaxxa nhar it-tmienja u ghoxrin (28) ta' Frar, elfejn u tlettax(2013) fl-ghaxra u ghaxra ta' filghodu (10:10am). Din ukoll ittiehdet wara d-debita twissija skont il-Ligi. Hija komposta minn zewg (2) faccati u fuqha gharaf il-firem tieghu, tal-imputat Raymond Ferris u tas-Supretendent Paul Vassallo. Dan huwa Dok. GA5.

Esebixxa bhala Dok. GA 6 it-*tray* illi huwa xehed dwaru li gie elevat mir-residenza tal-imputat nhar is-sebgha u ghoxrin (27) ta' Frar, elfejn u tlettax (2013).

Huwa esebixxa bhala Dok. GA7 ricevuta rispettiva li s-Sur Raymond Ferris kien inghata dakinhar li l-pulizija elevat dan it-*tray* minghandu u allura fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Frar, elfejn u tlettax (2013) liema rcevuta hija ffirmata mis-Sur Raymond Ferris u mis-Surgent 474 Norbert Said addett fl-ufficcju tieghu liema rcevuta tindika li dan it-*tray* kien gie elevat mir-residenza tal-imputat fil-prezenza tieghu. Dan huwa Dok. GA7.

Esebixxa bhala Dok. GA8 l-*employment history* tal-imputat li kienet intbghatet lill-pulizija nhar is-sebgha u ghoxrin (27) ta' Frar, elfejn u tlettax (2013) mill-ETC u dan id-dokument gie esebit u mmarkat bhala Dok. GA8.

Finalment esebixxa *email* li giet immarkata bhala Dok. GA9 li huwa kien ircieva minghand Miss Claire Axiaq, Personal Assistant tal-Executive Chairman tal-Enemalta fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Frar, elfejn u tlettax (2013) fejn fiha tathom indikazzjoni tad-*designations* tas-Sur Ferris waqt li kien impjegat mal-Korporazzjoni Enemalta. Id-dokumenti annessi ma' din l-*email* juru li s-Sur Ferris kien anke ghadda minn proceduri ta' dixxiplina fil-Korporazzjoni Enemalta. Dawn id-dokumenti komplessivament gew esebiti u mmarkati bhala Dok. GA9.

L-istess xhud fl-istess seduta in kontro-ezami gie mistoqsi jekk lilu s-sur Farrugia qallu illi kien hemm erba' (4) rigali, erba (4) centri li jiswew bejniethom kollha tmint elef (8,000) huwa spjega li le. Mistoqsi jekk hux elfejn (2,000) il-wiehed huwa spjega li kien qal li jekk jiftakar sew kienu jiswew cirka elfejn Ewro (€2,000) il-wiehed. Gie mistoqsi li s-Sur Ferris lilu qallu li kien hemm tlieta (3) illi bejniethom kienu jiswew certament inqas mit-*tray* li kien tlett elef (3,000) ghaliex zied xi haga mela allura jaqbilx mieghu illi skont il-verzjoni tas-Sur Ferris ma setghux kienu iktar minn elfejn (2,000) jiswew, mhux iktar minn tlieta (3) u mhux inqas minn tnejn (2). Huwa spjega li George Farrugia qal li fejn jiftakar hu kien xtara erba' (4) rigali li jiswew cirka elfejn Ewro (€2,000) il-wiehed. Meta kien sar il-konfront mas-Sur Ferris u s-Sur Ferris baqa' jinsisti li kienu tlieta (3) George Farrugia qal jista' jkun li kienu tlieta (3). Is-Sur Ferris qallu li dawn ir-rigali

kienu gew stmati lilu xi ftit taz-zmien wara minghand Azzopardi globalment bhala elfejn u seba’ mitt Ewro (€2,700). Pero’ issa dwar kemm jinxtraw u dwar kemm jigu valutati ma jahsibx li Azzopardi Jewellers u kwalunkwe *retailer* iehor ha jivvalutahom l-istess ammont daqs li kieku jbieghhom. Mistoqsi jekk Azzopardi Jewellers huwiex l-istess bniedem li minghandu nxtraw it-tlieta (3) jew l-erbgha (4) li qal l-iehor u l-istess bniedem li partat dawk it-tlieta (3) jew l-erbgha (4) li nxtraw minghandu b’xi haga tieghu stess huwa spjega li iva hekk hu jrid jaqla’ mill-bejgh ta’ dawk it-tlieta (3). Id-difiza spjegat li meta s-soltu  tpartat, hu hekk jafha u se jaghti opinjoni hu issa ghax hu ta opinjoni, meta tpartat m’ghand l-istess bniedem ma titlifx flus. Meta tmur tghidlu aghtini l-flus ta’ dik u jdahhal il-profitt. Huwa spjega li dak issa jixhed dwaru Azzopardi. Mistoqsi mid-difiza jekk meta marru jinvestigaw ghand Azzopardi l-klijent tieghu, l-akkuzat kien qieghed arrestat *under interrogation* ikkonferma li kien qieghed arrestat. Mistoqsi mid-difiza jekk is-Sur Ferris setghax kellmu lis-sur Azzopardi wiegeb li f’dak l-istadju le. Huwa spjega li hu mhux qed jghid li Azzopardi gidbilhom lilhom. Mistoqsi jekk Azzopardi ma gidbilhomx mela gidbilhom Farrugia li ghandu proklama biex ma jigdibx peress illi *two* (2) *times four* (4) *equals eight* (8) u *two* (2) *seven* (7) ghal *eight* (8) hemm avarija ta’ tliet darbiet u nofs. Huwa spjega li George Farrugia qed jghid li fejn jiftakar hu xtara erba’ (4) rigali. Id-difiza spjegat li jiswew elfejn (2,000) il-wiehed. Huwa spjega li jekk jiftakar sew kienu jiswew cirka elfejn Ewro (€2,000) il-wiehed. Id-difiza spjegat li jista’ jkun elfejn u tlett mija (€2,300) jista’ jkun aktar. Ix-xhud spjega li jista’ jkun iktar, jista’ jkun inqas, cirka. Id-difiza spejgat li hekk hu. Huwa spjega li issa, s-Sur Azzopardi ta’ Azzopardi Jewellers, hu ma qalilhomx kemm stmahom ir-rigali li ghaddielu s-Sur Ferris. Jiftakar li kien bieghlu t-*tray*, jghidilhom li dak iz-zmien it-*tray* kien valutat cirka tlett elef Ewro (€3,000), jiftakar li ziedu xi flus. Pero’ s-Sur Azzopardi qatt ma qalilhom dawk stmahomlu elfejn u seba’ mitt Ewro (€2,700). Ghaliex

jimmagina lanqas qalilhom li bieghhulu tlett elef Ewro (€3,000) l-anqas. Qalilhom li llum huwa valutat tlett elef u tmien mitt Ewro (€3,800) u fil-bidu ta’ Jannar elfejn u tmienja (2008) meta s-Sur Ferris qalilhom li probabilment mar partu ghand Azzopardi kien jigi valutat hekk. Jigifieri f’ebda mument ma’ Azzopardi qalilhom kemm stmalu r-rigali u kemm bieghlu t-*tray*, din ried jiccaraha. Id-difiza spjegatlu biex jara jekk jaqbilx mieghu illi dak li qalilhom l-akkuzat kwazi jikkombacjaw ma’ xulxin. Dak li qalilhom il-bniedem li jrid jghid il-verita’ u ha l-proklami, il-proklama huwa kwazi tlett darbiet iktar. Matematikament biss qed jghidlu issa. Ghax *three thousand* (3,000) li minnhom u tmint elef (8,000) li meta qed jghidulu ghandu l-proklama qalilhom erbgha (4) b’elfejn Ewro (€2,000). Hu fuq il-valur biss qed isaqsih mhux ghalfejn kienu ndirizzati, il-valur qalilhom tmint elef (8,000). Huwa spjega li kemm xtrahom George Farrugia b’certezza ma jafux, jista’ jkunu tlieta (3) u jistghu jkunu erbgha (4).

Ix-xhud spjega li George Farrugia kien tahom lis-Sur Ferris biex huwa jghaddihom lill-membri tal-Adjudicating Committee li kellhom jiddeciedu fuq dan it-*tender*. Huwa qal illi jekk Azzopardi evalwax l-oggetti mixtrija minghandu bl-istess prezz li hu jkun bieghhom xhur qabel, jahseb li din hija domanda li ghandha ssir lil Azzopardi stess u mhux lilu. Id-difiza spjegat li hu ghamel l-investigazzjoni, hu kellmu lis-Sur Azzopardi u ma kellmux biss fuq it-*tray*. Huwa spjega li lis-Sur Azzopardi kellmu s-Supretendent Paul Vassallo. Spjega wkoll li l-Prosekuzzjoni pero’ kellmet lis-Sur Azzopardi u ma setghet qatt kellmitu fuq it-*tray* biss, kellmitu fuq it-*tray* u fuq l-erba’ (4) oggetti. Huwa spjega li s-Sur Azzopardi ma ftakarx x’partat mas-Sur Ferris. Huwa rega’ spjega li l-investigazzjonijiet mas-Sur Azzopardi ghamilhom is-Supretendent Paul Vassallo. Is-Supretendent Paul Vassallo staqsieh, fittex u ma sab xejn fuq is-Sur Azzopardi. Huwa spjega li anke fuq

it-*tray* fittex dwar dik it-transazzjoni u ma sabiex. Pero’ Azzopardi ftakar lil min bieghu. Ghall-bidu ma setax jiftakar, gie ssuggerit il-kunjom Ferris u ftakar iva li kien bieghu lis-sur Raymond Ferris u ftakar li kien partu ma’ oggetti ohra.

Id-difiza staqsiet lix-xhud jekk l-ammont li qalilhom l-akkuzat illi kien ircieva kinitx tirraprezenta sena paga huwa wiegeb spjega li ma jafx. Inizjalment kellhom ittra li kienet turi li dan ircieva xi haga u qieghda parti mid-dokumenti esebiti bhala Dok. GA9 li kienu cirka ghoxrin elf (20,000). Is-Sur Ferris kien cahad maghhom li huwa rcieva ghoxrin elf (20,000). Kien hemm ittra li apparentament kien jirrizulta li l-ewwel l-Enemalta bghatitlu ittra li se thallsu tant, imma mbaghad irrizulta u kkonfermawlhom mill-Enemalta, kkonfermalhom ic-Chairman tal-Enemalta li kien hemm negozjati u din is-somma tellaghha ghal erbgha u sittin elf u erba’ mija (64,400). Issa dwar xiex kienet huwa ma dahalx fiha ghax ma kinitx parti mill-mertu tal-investigazzjonijiet tal-pulizija.

Illi nhar is-6 ta’ Marzu, 2013 xehed is-**Supretendent Paul Vassallo** u spjega li fis-sebgha u ghoxrin (27) ta’ Frar ta’ din is-sena huwa kien qed jassisti lill-kollega tieghu l-Ispettur Angelo Gafa` fl-investigazzjoni li kienet saret kontra Raymond Ferris. Raymond Ferris huwa ex impjegat tal-Enemalta li kien gie mplikat li ha xi oggetti in konnessjoni max-xoghol tieghu meta kien ghadu mpjegat mal-Enemalta. Huwa assista lill-Ispettur Gafa`. L-Ispettur Gafa` hawnhekk xehed fid-dettal fuq l-affarijiet pero’ x-xhud stqarr li m’ghandux xi jzid ma’ dak li qal hlief illi kien hu l-Ufficjal li mar u ghamel dak ix-xoghol ghand il-hanut tal-fidda. Ix-xhud kien mar hemmhekk ghall-habta tal-erbgha u kwart ta’ filghaxija (4:15p.m.), kien kellem lil certu

Joseph Azzopardi u kien urieh dik it-*tray* tal-fidda li kienet instabet mill-Ispettur Gafa`.

Spjega wkoll illi dakinhar filghodu meta kienu qed jitkellmu mas-Sur Ferris, l-imputat beda jinnega li qatt ha xi haga minghand George Farrugia u l-Ispettur Gafa` ddecieda li jmur jaghmillu *search* fir-residenza biex jara jekk isibx xi centri, ghax s'hemmhekk l-indikazzjoni kienet li dan kellu fil-pussess tieghu xi centri. L-Ispettur Gafa` ghajjat lis-Surgent tieghu li kienu se johorgu jaghmlu tfittxija u x-xhud baqa' l-ufficcju sakemm huma marru ghamlu tfittxija. Meta gie lura s-sur Gafa` qallu li x'hin waslu fil-karozza Ferris kien qallu illi c-centri kienu nbieghu u bihom kien inxtara dan it-*tray*. Allura s-Sur Gafa` mar u kkonfiska dak it-*tray* li hemm indikat hemmhekk. Is-Sur Ferris ikkonferma allura li dawk l-oggetti li kien inghata minn George Farrugia kien mar partathom u qal ghand Azzopardi Jewellers ghal dan it-*tray*.

Ix-xhud tenna li malli fetah il-hanut fl-erbgha u kwart ta' filghaxija (4:15p.m.) huwa mar hemmhekk biex jaghmel *inquires* hemmhekk ma' tal-hanut. Urieh it-*tray* lis-sur Azzopardi u qallu illi t-*tray* kien inxtara xi zmien ilu mill-hanut tieghu. L-ewwel staqsieh jekk kienx misruq, qallu "Le, bhalissa m'ghandux x'jaqsam." Qallu, "jekk joghgbok identifikali t-*tray* u jekk tiftakar min xtara dak it-*tray* minghandek." It-*tray* ftakru, qal, ghax ghandu iehor simili pero' ta' piz inqas, u fil-fatt gablu dan it-*tray* l-ohra minn gol-vetrina u urihielu, u qal mill-*marks* taghha, mill-*hallmarks* taghha fittex fil-ktieb tieghu u illi dawn kienu *Sterling Silver*, hija maghmula f'Londra fis-sena elf tmien mija u tmienja u ghoxrin (1828) u maghmulha mid-ditta Rebeccha Eames u Edward Barnes ta' Londra. Qal li dakinhar hu

jiswa’ dak il-hin madwar tlett elef u tmien mitt Ewro (€3,800). Staqsieh peress li kien ilu li nxtara daqsxejn kemm kien ilu ta’ zmien ilu u qallu li dak safejn jiftakru meta kien inxtara kien inxtara madwar tlett elef Ewro (€3,000). Staqsieh ukoll jekk kellux dokumentazzjoni dwar din it-transazzjoni halli jkunu jistghu jqabblu l-affarijiet li saru ma’ din il-haga biex jaraw x’jistghu jivverifikaw u qallu, “Jiena ma nzommx *records* ta’ tpartit, ghax jekk joqghod izomm ir-*records* ta’ tpartit hawn irid mahzen biex izomm id-dokumenti ta’ dawn ir-*records*.”

Ix-xhud staqsieh u beda jaghfsu dwarhom biex ifittex jekk jistax isib biex jaghtihom id-dokumenti jekk isib pero’ qal “Inutli ghax huwa ma jzommx *records*.” Huwa gie muri Dok. JA3 u spjega li dan huwa d-dokument tar-rifjut tal-parir legali u ffirmat minnu, mill-Ispettur Angelo Gafa`, Norbert Said u s-Sur Raymond Ferris fejn huwa nnega d-dritt li jkellem avukat waqt li kien arrestat. Huwa gie muri Dok. JA4 u spjega li Dok. JA4 hija stqarrija mehuda fis-sebgha u ghoxrin (27) ta’ Frar elfejn tas-sena elfejn u tlettax (2013), mehuda fl-ufficcju tal-Ispettur Angelo Gafa`. Prezenti ghal din l-istqarrija kien hemm ix-xhud, l-Ispettur Gafa` u s-Sur Raymond Ferris li qed jaghraf il-firem taghhom fid-dokument. Mistoqsi jekk hux qed jaghraf lill-imputat fl-Awla wiegeb li iva, qed jaghrfu hemmhekk, is-Sur Raymond Ferris. Ghax jaghrfu, ghax l-istess barbier juzaw. Gie muri wkoll Dok. JA 5 hu huwa spjega li Dok. JA5 hija stqarrija li hadu l-ghada filghodu biex jikkonfermaw xi affarijiet ohra u wkoll waqt li kienu qeghdin jaghrblu l-fatti filghaxija. Din hija stqarrija li tikkonsisti f’zewg faccati u l-istess iffirmawha huwa, s-Sur Gafa` u s-Sur Ferris. Hemmhekk qed jara l-firem taghhom u tieghu fid-dokument.

L-istess xhud fl-istess seduta in kontro-ezami spjega li jaqbel li jrid ikun hemm *records*. Filfatt uppretenda li kellu jmur hemmhekk u jfittex u jsib *record*. Dan anke sabiex ikunu jistghu jivverifikaw dak li qed jghidu n-nies. Huwa stqarr illi jekk ikollhom ir-*records* kien ikun ahjar ghal kullhadd fl-interess ta’ kullhadd. Huwa spjega li kieku huwa kellu suspett li persuna ghandu affarijiet misruqin ghandu u jghidlu li ma kellux *records* tal-affarijiet, kien igibu mieghu d-Depot, l-ufficcju u kien jarrestah. Pero’ f’dan il-kaz hawnhekk qeghdin jitkellmu fuq oggett illi l-imputat stess ammetta li kien mar partat ghandu, mela allura m’hemmx kwistjoni ta’ serq u mhux serq. Mistoqsi jekk talabx biex jara r-*records* tieghu wiegeb illi huwa staqsieh ghar-*records* tieghu. Huwa stabbilixxa minghand is-Sur Azzopardi wkoll illi s-Sur Ferris kien klijent regolari tieghu u allura seta’ ma partatx l-istess affarijiet.

Id-difiza spjegat li hu kien qed jinvestiga mhux ix-xiri tat-*tray*, hu kien qed jinvestiga zewg affarijiet. Kien qed jinvestiga illi l-klijenti tieghu suppost ghax qallu hekk Farrugia ha erba’ (4) affarijiet b’rigal u kellu jinvestiga wkoll halli jara meta mar il-klijent tieghu bi tlieta (3) x’gara u xi tpartit li sar. Huwa spjega li le. Gie mistoqsi jekk allura ma hassx id-dover li jghid lil Azzopardi “Mhux se noqghod billi tghid m’ghandekx ta’. Halli nara l-kotba tas-sales. Gibhomli, halli nara l-*accountant* tieghek x’nizzel, halli nara l-awditur tieghek x’nizzel.” Huwa spjega ha juru somom ta’ flus ghaddejjin mhux ha juru oggetti. Id-difiza spjegat li pero’ jrid jinvestiga mhux jehodha *for granted* imur xi hadd jghidlu “M’ghandi xejn ta’.” Jghidlu, “All right, grazzi.” Huwa spjega li huwa hemmhekk mar fuq il-fatt li George Farrugia qal illi stqarr mal-investigaturi illi kien ha xi affarijiet lis-Sur Ferris. Is-Sur Ferris fl-istadju fejn kien mar ghand Azzopardi tal-fidda kien diga’ ammetta hu wkoll li partathom. Mela allura fejn hi l-illegalita’? L-illegalita’

hemmhekk hija fil-fatt illi accetta affarijet biex jaghmel xi haga ohra. Id-difiza spjegat li le u ghaliex hemm kemm kemm ta' avarija, bejn tmint elef Euro (€8,000) u elfejn u hames mitt Ewro (€2,500) jew elfejn u seba' mitt Ewro (€2,700) dik li qed tipreokkupah. Hemm avarija li xi hadd li suppost jghid il-verita' u ghalhekk ha l-proklama bejn tmint elef Euros (€8,000) u *two thousand seven.* Huwa spjegalu biex ma jghaggilx, qal mitt darba s-Sur Gafa` illi safejn jaf hu l-oggetti nxtraw ghal elfejn (2,000) il-wiehed, sa fejn jaf hu, lanqas hu ma sab id-dokumenti tieghu. Id-difiza staqsiet jekk issa naqsu ghal *six hundred* (600).

Illi nhar is-6 ta' Marzu, 2013 xehed **PS 474 Norbert Said** u spjega li fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Frar elfejn u tlettax esegwew mandat ta' arrest u tfittxija mahrug mill-Magistrat Dottor Peralta fil-konfront tas-Sur Raymond Ferris illi qed jaghraf f'din l-Awla u wara li gie nfurmat bl-arrest tieghu kien inghata d-dritt tal-avukat fejn is-Sur Raymond Ferris kien ghazel illi ma jikkonsultax ma' avukat. Kien iffirma wkoll dikjarazzjoni. Hawnhekk gie muri Dok. GA 3 u huwa spjega li gharaf il-firma tieghu, tal-Ispettur Angelo Gafa`, tas-Supretendent Paul Vassallo u tas-Sur Raymond Ferris ghax kien iffirma quddiemu. Mistoqsi jekk jaghrafx fl-Awla lis-Sur Ferris huwa spjega li iva, diga' xehedha fil-fatt. Aktar tard ghall-habta tan-nofs siegha (12:30) assista lill-Ispettur Angelo Gafa` fejn kienet saret tfittxija fir-residenza tas-Sur Raymond Ferris sitwita f'The Rock Lands, Blk 2, Flat4, Windsor Street, Sliema fejn minn hemmhekk kienu elevaw platt tal-fidda. Huwa gie muri Dok GA6 u kkonferma li huwa l-istess wiehed. Mistoqsi jekk hux dak spjega li iva u x'hin waslu l-ufficcju mbaghad ghamillu l-ircevuta. Gie muri Dok. JA7 u spjega li jikkonferma l-firma tieghu u tas-Sur Raymond Ferris.

Illi nhar il-11 ta' April, 2013 xehed **PS 74 Mark Chetcuti** u spjega li fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Frar tas-sena, elfejn u tlettax (2013) gie rikjest mill-Ispettur Angelo Gafa' sabiex jigbed xi ritratti ta' *tray* lewn il-fidda. Huwa gibed tlett (3) ritratti fejn qeghdin jigu pprezentati bhala faxxiklu flimkien mar-rapport immarkati bhala Dok. MC 1. Mistoqsi jekk meta ha dawn ir-ritratti, apparti l-pulizija kien hemm xi hadd iehor prezenti li jaghrfu hemm gew, huwa spjega li kien hemm is-Sur Ray Ferris. Mistoqsi jekk hux qed jaghrfu hemm gew huwa spjega li ma jistax jghid li – huwa *just* gie mal-kuntistabbli, u qallu biex jiehu r-ritratti ta' dan it-*tray*. Qallu biex jiehu pacenzja u johrog 'il barra mid-dipartiment taghhom. Sussegwentement ix-xhud gibed ir-ritratti tat-*tray* u rega' tah it-*tray* lura, jigifieri *split second* rah huwa. Ma jistax jghid illi huwa huwa.

Illi nhar il-11 ta' April, 2013 xehed **Joseph Saliba** u spjega li huwa qed jixhed in rapprezentanza tal-Employment and Training Corporation (ETC). Huwa spjega li gie mitlub jipprezenta *employment history* tas-Sur Raymond Ferris. Ix-xhud filfatt ipprezenta dokument bl-istorja tas-Sur Ferris li gie mmarkat bhala Dok. JS 1. Mistoqsi jekk jirrizultalux minn din il-lista fejn kien impjegat l-imputat fis-sena elfejn u tmienja (2008) u s-snin ta' qabel wiegeb li jidher li kien qed jahdem l-Enemalta Corporation.

Illi nhar il-11 ta' April, 2013 xehed **Anthonny Bonello** fejn spjega li huwa jokkupa l-kariga ta' Executive Head Corporate Service l-Enemalta. Mistoqsi fuq x'hiex gie mitlub jixhed u x'ghandu xi jghid dwar dan huwa spjega li gie mitlub jesebixxi *employment history* ta' Mr. Ray Ferris ghall-korporazzjoni Enemalta. Mistoqsi x'ghandu xi jghid dwar dan huwa spjega li qed jesebixxi dokument Dok. AB 1 fejn hemm lista ta' dokumenti kollha li

fih dan il-*file* dwar il-*history* kollha tas-Sur Ferris. Jigifieri mill-ewwel gurnata li dahal sat-*termination date*. Dan il-*file* huwa Dok. AB 2. Mistoqsi fl-elfejn u tmienja (2008), l-impjieg tieghu x'kien sa Novembru elfejn u tmienja (2008) huwa spjega li fl-elfejn u tmienja (2008), sa Novembru, kien bhala Chief Programme Service and Facility Management Office. Mistoqsi kemm ilu fl-Enemalta wiegeb li ilu minn Gunju tas-sena elfejn u hamsa (2005). Mistoqsi jekk hu l-ewwelnett, is-Sur Ferris li qed jixhed dwaru jaghrfux hemm gew huwa spjega li iva u huwa ndika lill-imputat. Id-difiza spjegatlu li hu spjega d-*designation* tieghu x'kienet u ghalhekk gie mistoqsi x-xoghol tieghu x'kien jinvolvi li jiftakar hu, apparti li ghandu hemm hekk. Huwa spjega li kien involut fil-progetti u anke fil-*privatisation* tal-Petroleum Section li kellha l-Enemalta. Mistoqsi jekk huwa kienx il-liason officer mal-Privatisation Unit bejn l-Enemalta u l-Privatisation Unit spjega li iva u li dan ser isibu miktub fid-dokumenti kollha.

Illi nhar il-11 ta' April, 2013 xehed **Emanuel Ellul** u spjega li huwa jokkupa l-kariga ta' Chairman tal-Privatisation Unit u ilu jokkupa din il-kariga minn Gunju tas-sena elfejn (2000). Mistoqsi bhala Privatisation Unit, x'inhu x-xoghol tieghu huwa spjega li x-xoghol taghhom huwa meta l-gvern jiddeciedi biex ibiegh jew jillisja xi ntrapriza, jafda lilhom biex jaghmlu dan ix-xoghol. Gie muri Dok. GA 1 li huwa ittra li kienu rcevew fl-erbatax (14) ta' Frar, elfejn u tlettax (2013) bid-dokumenti annessi maghha. Id-dokument kollu, l-ittra flimkien mad-dokumenti kollha qieghda Dok. GA 1 komplessivament. Huwa gie mistoqsi jekk jikkonfermax din l-ittra, dokument "J1" li kien baghat lill-Pulizija u huwa spjega li iva. Gie mitlub jispjega ftit dik l-ittra dwar x'hiex kienet, liema privatizazzjoni qed jitkellmu dwarha u x'kien l-involviment tal-imputat f'dan kollu. Huwa spjega li fost ix-xoghol illi jaghmlu ghandhom il-*privatization* tal-Petroleum Operations

tal-Enemalta u l-*business* tal-MOBC u din l-ittra hija relatata ma' hekk. Kienu rcevew, fit-tlettax (13) ta' Frar, jidhirlu li l-Enemalta rceviet *request* biex jaghtu nformazzjoni fuq ix-xoghol tal-*privatisation* tal-Petroleum Operations. Ic-Chairman tal-Enemalta ovvjament peress li huma qed jaghmlu x-xoghol, irrefera lilhom u huma kkonfermaw lill-pulizija li huma kellhom x'jaqsmu ma' din. Il-pulizija talbuh *statement*, talbuh *by email*, imma mbaghad kellem lill-Ispettur Gafà biex jara ezatt x'kellhom bzonn. Hu kien insista li jtuh idea tal-process kif qed isir, però l-iktar li kien insista kienet illi jtuh ir-rapporti tal-Adjudication Committee. Ghamlu dak u l-ghada tawh din l-informazzjoni kollha, li qieghda fil-fatt f'din l-ittra. Din l-ittra hija parti mill-atti. Mistoqsi minn meta telqet din il-privatizazzjoni huwa spjega li jidhirlu li bdew f'xi Mejju, tal-elfejn u hamsa (2005) u l-process ghadu ghaddej sal-lum u din qed jghidha l-ghaliex huwa hawnhekk hawn dokumenti li probabbli qeghdin fil-process illi peress li l-process ghadu ghaddej, hemm certa nformazzjoni li jekk inhu possibbli jixtieq ma tohrogx fil-pubbliku.

Mistoqsi jara kemm-il offerta dahlu ghal din il-privatizazzjoni huwa spjega li dahlu erba' (4) offerti. Mistoqsi jghid min kienu dawn huwa spjega li l-offerti kienu minghand Falzon, BB Energy, Island Bunkering Oils u l-PPL. PPL hija Power Plan Limited. Mistoqsi l-*adjudication*, cioé r-rakkomandazzjoni lill-Kabinett meta saret huwa spjega li jixtieq jirrileva, ghadu kif qara minn gazzetta l-ghaliex huma ma johorgux *statements* minn dawn min ikun x'ismu, l-uniku *statement* li johrogu meta jkunu ghazlu *preferred bidder* u jsemmu lilu biss – haddiehor ma jsemmuhx. Mill-Qorti hareg illi Mr Farrugia fid-data li rcevew il-*bids*, sittax (16) ta' Mejju, elfejn u tmienja (2008). Mistoqsi ghal min qed jirreferi meta qal Mr Farrugia huwa spjega li Mr Farrugia, ma jafx x'jismu, il-bniedem li ghandu l-proklama tal-

President. Mistoqsi x'rilevanza ghandu ma' dan kollu huwa spjega li hemmhekk qed jghid, hemm ikkwotat, hemm *email* li dan qed jghid li dakinhar li rcevew il-*bids*, dan qed jghid min huma: "*Hey, partner, only four* (4) *bids have been submitted*. *Bids as follows*: Falzon, *no chance*; BB Energy, *no chance*; Island Bunkering Oils, *main competitor, and the best* PPL. *Best regards and thanks again*." U meta raha din u cioe' harget fil-gazzetti, fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Jannar tas-sena 2013, huwa baqa' mbellah kif dan kellu l-informazzjoni ta' min huma l-*bidders*. Huwa kompla spjega li l-process ikun, l-ewwelnett il-*bids* ma fethuhomx fis-sittax (16) ta' Mejju, il-ghaliex kellhom *injunction* mill-Qorti biex ma jifthuhomx. Kellhom protest minn ditta u ghamlet il-process fil-Qorti biex ma jifthuhomx. Il-Qorti ddecidiet li jistghu jifthuhom fil-bidu ta' Gunju u huma fethu l-*bids* fid-disgha (9) ta' Gunju. Huwa spjega li fid-dokumentazzjoni li hemm ipprezentata l-Qorti hemm process verbal li juri x'sar ghax huma fethu l-*bids* quddiem nutar. Ix-xhud tenna li ma jafx kif dan fis-sittax (16) ta' Mejju qed jghid min ghandu cans u min m'ghandux cans. Huwa ghamel referenza ghad-dokumentazzjoni fejn l-ewwel hemm minuti tal-Adjudication Committee, iltqghu biex jaghmlu qabel jifthu l-*bids*, jaghmlu l-*criteria* fuq x'hiex se jiggudikaw, qabel jifthu l-*bids*, ma jafux x'ghandhom, imma qabel jaghmlu l-*criteria*. Sussegwentement hemm il-process verbal u fethu l-*bids*. Meta fethu l-*bids* beda l-process tal-*adjudication*.

Ix-xhud spjega li meta' beda dan il-process kien hemm it-Technical Advisors li kellhom avukati, kellhom ditta mill-Ingilterra li huma specjalizzati fil-qasam taz-zjut u kellhom l-Financial advisors illi jaraw id-dokumentazzjoni. Il-kumitat tal-*adjudication*, li m'humiex it-teknici kienu hamsa (5) min-nies, fejn ix-xhud huwa c-Chairman ta' dak il-kumitat, ukoll jaraw, però finalment jiddiskutu mal-konsulenti u meta jigu ghar-rapport

joqghodu hafna fuq x'qalulhom il-konsulenti teknici. Hemmhekk fid-dokumentazzjoni, hemm rapport tal-konsulenti illi juru illi l-*preferred bidder* kien il-BB Energy. Hawnhekk ix-xhud ma xtaqx jispecifika min gie t-tieni pero' qal li fit-tielet post kien hemm tnejn f'daqqa. Wiehed minn dawk li gew fit-tielet post kien hemm il-Power Plan Limited (PPL). Sussegwentement ghamlu rapport huma *on the basis* tar-rapport li kellhom minghand it-teknici, l-Adjudication Committee, ghamlu rapport lill-Gvern biex jghidulu x'gara, fil-process x'sar, fejn waslu, x'ghamlu, u ssuggerew min ikunu l-*preferred bidders* u cioe' l-BB Energy, ghax kienu l-ewwel fir-rapporti kollha. Issa, dak jidhirlu li kien f'Ottubru tas-sena elfejn u tmienja (2008). Spjega li l-Adjudication Team kellhom ir-rapport tal-*adjudication* fis-sitta (6) ta' Ottubru, imbaghad huma bhala Adjudication Team, ghamlu r-rapport lill-Ministru fis-sebgha (7) ta' Ottubru. Dak ir-rapport huwa ffirmat mill-membri kollha tal-Adjudication Team. Sussegwentement il-Ministru jmur bir-rakkomandazzjoni taghhom il-Kabinett u l-Kabinett jaghtihom il-*go ahead* li jistghu jiddikjaraw lill-BB Energy bhala l-*preferred bidders*.

Mistoqsi meta harget fil-pubbliku din huwa spjega li fl-ghoxrin (20) ta' Novembru, tal-elfejn u tmienja (2008) huma hargu *press release* fejn habbru li l-BB Energy kienet maghzula bhala l-*first ranking bidder,* dak hu l-kliem illi uzaw. Ix-xhud tenna li kwarta jew forsi nofs siegha qabel huma javzaw lill-*bidders* l-ohra b'dan ghax peress li qeghdin fil-process ihossu li m'ghandhomx isiru jafu mill-gazzetti. Javzawhom u mmedjatament johorgu l-*press release*. Ix-xhud stqarr illi fi kwalunkwe kaz, dejjem jista' jkun li fin-negozjati ma jkunux se jaslu mal-*preferred bidder*. Allura lill-ohrajn jekk ikunu *qualified* – li f'dan il-kaz kienu *in a way* – jghidulhom jekk iridux jibqghu fil-process biex jekk in-negozjati jfallu, imorru fuqhom u

jkunu jistghu jifthu n-negozjati maghhom biex jaghmlu hekk jghidulhom iva u jridu jzommu l-*bid bond operational*. Meta hargu dik il-*press release* mbaghad bdew in-negozjati. Mistoqsi l-membri tal-Adjudication Committee min kienu huwa spjega li ghandu r-rapport. Kien hemm hu bhala Chairman, kien hemm Mr Alfred Camilleri li kien il-Permanent Secretary tal-Ministeru tal-Finanzi, kien hemm Mr Ivan Falzon li kien ic-Chairman tal-MIMCOL, kien hemm Mr Alex Tranter li kien ic-Chairman tal-Enemalta, kien hemm Dr Godwin Debono mill-Oil Division tal-Ufficcju tal-Prim Ministru u Mr Mario Mizzi li kien is-CEO tal-MIMCOL.

Mistoqsi jekk jafx lis-Sur Ray Ferris, l-imputat wiegeb li iva, jafu hafna. Mistoqsi jekk jaghrfux huwa spjega li iva. Mistoqsi fejn jafu u x'involviment kellu f'dan il-process ta' privatizazzjoni huwa spjega li Ray Ferris kien impjegat mal-Enemalta meta kienu qed jaghmlu l-*privitization* tal-*gas* li kienet tal-Enemalta u fil-*privitization* tal-*petroleum*, dan kien innominat bhala liaison officer jew co-ordinating officer il-ghaliex huma jkollhom bzonn hafna informazzjoni minghand id-ditta, jigifieri f'dan il-kaz kien tal-*gas*, mill-Enemalta, fuq il-*gas operations*, u l-Enemalta nnominat lil Ray Ferris biex huma li jkollhom bzonn immorru ghandu. L-istess haga f'din l-operazzjoni, tal-*petroleum operations*. Kien il-liaison officer u hadmu snin flimkien jigifieri. Mistoqsi jekk bhala membri ta' agudikazzjoni, kienx jaf min huma s-Sur Ferris huwa spjega li probabilment kien jaf iva. Kien jaf li huwa c-Chairman zgur. Mistoqsi ghalfejn jghid probabilment kien jaf huwa spjega li ghax ma jiftakarx infurmawhx jew le. *Strictly speaking* ma kinitx l-affari tieghu li jkun jaf imma kienu, ha jaghmlu hekk, kienu jistmawh qisu bniedem minnhom jigifieri, iridu minghandu, u ghen fis-*setting up* tad-*data room*, fil-process ghenhom hafna. Mistoqsi jekk huma li kellhom bzonn minghand l-Enemalta kinux jirreferu ghandu huwa spjega li kienu jirreferu

ghandu. Mistoqsi x'*say* kellu f'dan kollu s-Sur Ferris huwa spjega li xejn. Fl-*adjudication* ma kellu l-ebda *say*. Ix-xhud iddikjara taht gurament solenni illi Ray Ferris qatt ma approwcjah lilu b'xi haga biex jiffavorixxu lil xi ditta. Jista' jitkellem ghalih. Huwa jassumi illi l-ebda membru minn dawn li semma' tal-Adjudication Committee ma gie approwcjat ghax konvint li kienu jghidulu. Mistoqsi allura meta saret l-agudikazzjoni kienx hemm prezenti s-Sur Ferris huwa spjega li le.

Il-Prosekuzzjoni spjegatlu li hu l-ewwel beda billi baqa' skantat kif l-ghada li dahlu l-offerti dan kien hemm dik l-*email* li qed jghid min dahlu, eccettra. Huwa gie mistoqsi jekk din l-informazzjoni kinitx *available* ghas-Sur Ferris u cioé min dahhal l-offerti, huwa spjega li iva, kienet *available*. Il-Qorti staqsiet jekk dik hux qieghda esebita in atti u l-Proskuzzjoni spjegat li le, hu ghamel riferenza ghal rapport li deher fil-gurnali, mhix parti mill-atti. Huwa spjega li dik mill-gurnali gabarha u cioe' mill-Malta Today. Il-Prosekuzzjoni talbet li tigi esebita ghal kull buon fini u huwa ddikjara li qed ipoggi din il-*cutting* mill-gurnal tal-Malta Today tas-sebgha u ghoxrin (27) ta' Jannar, elfejn u tlettax (2013) bhala dokument "LE".

L-istess xhud fl-istess seduta in kontro-ezami d-difiza spjegatlu li huwa qal illi l-akkuzat kellu access ghal dik l-informazzjoni u staqsietu jekk huma l-bord ghandhomx ghajnuna, xi segretarja, jew *personal assistant*. Il-Privitization Unit huwa kompost minnu u minn Process Manager wahda. La ghandhom messaggiera, la ghandhom *drivers*, m'ghandhom xejn, tnejn min-nies qieghdin. Huma jahdmu permezz ta' Konsulenti Legali, Konsulenti Finanzjarji u Konsulenti Teknici fejn ikollhom bzonn, bhal kaz tal-*petroleum*. Mistoqsi jekk il-Konsulenti Legali u l-Konsulenti Finanzjarji kinux

privi ta’ dawn l-affarijiet li kienu qed isiru wkoll huwa spjega li mmedjatament, fis-sittax (16) ta’ Gunju, il-konsulenti legali biss kienu privi. Il-konsulenti l-ohra kienu ghadhom ma jafux kemm ircevew *bids*. Mistoqsi jekk però qabel dik id-data, meta dahlu t-*tenders* u huma rawhom u skrutinawhom flimkien, jaqbilx illi kien hemm hafna iktar nies mill-erbgha tal-Adjudication Board li kienu huma fis-sittax (16) ta’ Mejju iddiskutew min hu *preferred* huwa spjega li le fis-sittax (16) ta’ Mejju ircevew il-*bids* u baqghu maghluqin sad-disgha (9) ta’ Gunju ma fethuhomx. Id-difiza spjegatlu li d-diskussjonijiet li saru wara jew qabel fuq dawn il-*bids* ma kinux jinkludu – jekk jaqbel mieghu jew le – biss in-nies li kienu fuq l-adjudicating Committee, ghax kien hemm il-konsulenti huwa spjega li fis-sittax (16) ta’ Mejju, meta dahlu l-*bids*, l-unika nies barra hu u Victoria Wilson li kienu jafu l-*bids* li dahlu kienu l-avukati. Dan ghax kellu kwistjoni u hawnhekk irrefera li kellhom *injunction;* kellu *a potential bidder* però ma ibbiddjax, tah ittra, li qallu biex jiftahha f’nofsinhar, x’hin jaghlqu l-*bids*. Meta fetaha kienet protesta, kien qed javzah li se jehodhom il-Qorti biex ma jifthux dawk il-*bids* u ovvjament cempel lill-avukati mill-ewwel. Mistoqsi jekk sakemm giet mizmuma l-Adjudication Committee milli tiftah il-*bids* kinitx ghadha ma fethithomx huwa spjega li le, ma fethuhomx. Fethuhom fid-disgha (9) ta’ Gunju – hemm process verbal tan-nutar meta fethu ghax kellhom impediment mill-Qorti. Mistoqsi jekk allura lanqas huma bhala *Adjudicating Committee* ma kellhom idea ta’ x’kien hemm f’dawk il-*bids* huwa spjega li le li kienu jafu min hu l-isem, min issottometta. Mistoqsi jekk mhux min hu tajjeb jew min hu hazin jew huwa spjega li le, ma kinux jafu, *no*, *no*, *no* u b’hekk kien hemm is-sorpriza kbira kif Farrugia hareg b’dawk il-kummenti hemm. Mistoqsi jekk jigifieri ma kienx jaf hu, hlief min huma l-*bidders*, huwa spjega li lanqas is-Sur Ray Ferris, le. Mistoqsi jekk hu ma jafx il-kontenut, ahseb u ara kemm jafu s-Sur Ferris huwa spjega li zgur li le. Huwa li kien jaf min tefa’ l-*bids* biss imma l-

kontenut ma kien jafu hadd. Mistoqsi li hu jista' jassigura wkoll illi dawn il-*bids* kienu f'idejhom u hadd ma fetahhom hlief meta fetahhom in-nutar huwa spjega li hlief meta fetahhom quddiem in-nutar fil-prezenza tal-Adjudication Committee. Mistoqsi jekk jigifieri hadd fid-dinja ma seta' jkun jaf x'fihom huwa spjega li hadd. Hadd ma seta' jkun jaf.

L-istess xhud fl-istess seduta in ri ezami gie mistoqsi meta harget il-*call for tender* huwa spjega li jidhirlu li harget fl-elfejn u sebgha (2007) ma jafx ghandux ir-rapport, mir-rapport tohrog dik. Il-Prosekuzzjoni spjegat li hemmhekk jaghmlu riferenza ghar-rapport li qieghed indikat bin-numru erbgha (4) u kkonferma li iva dak huwa hemmhekk. Mistoqsi ghax hemm indikat li kien hemm anke talba ghal estensjoni huwa spjega li dik hija talba ghal estensjoni biex jircievu l-*bids*. Il-Prosekuzzjoni spjegatlu li appuntu, erbgha (4) ta' Dicembru, elfejn u sebgha (2007). Spjegatlu li qed taghmillu riferenza ghat-tielet pagna mir-rapport immarkat numru erbgha (4), *invitation to tender* u hemm indikat: "*the invitation to tender was published in the Government Gazette on the fourth (4th)* u huwa spjega li iva, fl-erbgha (4) ta' Dicembru, elfejn u sebgha (2007) fil-Gazzetta tal-Gvern. Mistoqsi jekk allura hu qed jghid illi sakemm waslu hemmhekk kienu ilhom li telqu mill-elfejn u erbgha (2004) jew mill-elfejn u hamsa (2005) huwa spjega li kienu ilhom li telqu, hemmhekk hemm meta beda l-process – il-process beda f'Dicembru tal-elfejn u erbgha (2004). Mistoqsi allura s-Sur Ferris, f'liema stadju dahal f'dan kollu huwa spjega li dahal kwazi mill-bidu nett ghax kellhom bzonnu biex jaghmlu d-*data room*, kellhom bzonnu biex jaghmlu *site visits*. Mitlub jispjega x'inhija *data room* huwa spjega li d-*data room* hija illi inti tkun trid li l-*bidders* ittihom informazzjoni fuq il-process li tkun qed tipprivatizza – x'kawzi hemm il-Qorti, x'*agreements*. Mistoqsi jekk hijiex *due diligence* huwa spjega li biex

issir id-*due diligence* fuqha. Le, mhux ezatt *presentation*. F'dan il-kaz kienet *electronic data room*, kien kollox fuq diskette. Però biex gabru dik l-informazzjoni li kienet kollha fl-Enemalta, Ray Ferris ghen hafna lill-avukati – ghax din l-avukati ghamluha – ghen hafna lill-avukati biex jaghmlu dik. Mistoqsi jekk hu ilux involut mill-bidu nett huwa spjega li mill-bidu.

Illi nhar il-11 ta' April, 2013 xehed **Joseph Azzopardi** u spjega li huwa jbiegh fidda, *jeweller* proprja u jopera l-hanut b'isem ta' Victor Azzopardi Jewellers, il-Furjana. Il-Prosekuzzjoni spjegatlu li aktar kmieni din is-sena, lejn l-ahhar ta' Frar, marru pulizija mit-Taqsima ta' Kontra r-Reati Ekonomici, is-Supretendent Paul Vassallo akkompanjat minn kuntistabbli u staqsewh xi mistoqsijiet. Mitlub jispjega ftit lill-Magistrat x'gara dakinhar u x'ghandu xi jghid dwar dan huwa wiegeb li dahal u kellu *tray* antik u staqsieh speci x'valur piu' o meno jiswa' *as at that date*. Huwa spjegalu li kellu iehor tikka akbar minnu – spjegalu ikbar minnu *two thousand eight hundred* (2,800), kien issenjalat, spjegalu, "dan *around two thousand* (2,000) illum." Spjegalu, "però jekk ilu li nbiegh kien nofs il-prezz ghax il-prezz tal-fidda kwazi ittrippla mhux irdoppja." Jigifieri *if it was purchased, say, two thousand and seven* (2007), *two thousand and eight* (2008), *it was around one thousand* (€1,000), *one thousand two hundred Euro* (€1,200), *at the most*. Mistoqsi jekk hux cert li qalilhom li fl-elfejn u tmienja (2008) qalilhom *one thousand two hundred Euro* (€ 1,200) jew Maltin l-ewwelnett u huwa spjega li Ewro. Mistoqsi hu llum x'valur tah huwa spjega li *two thousand Euro* (€2,000). Mistoqsi jekk hux cert minn dan kollu huwa spjega li iva. Il-Prosekuzzjoni spjegat li ma kienx prezenti dakinhar. Huwa spjega li iva ghax ghandu iehor ikbar minnu, *two thousand eight hundred* (2,800) immarkat fil-vetrina. Huwa staqsa jekk hux qieghed hemmhekk it-*tray* u l-Prosekuzzjoni spjegat li ghalhekk ha jaghmel referenza ghad-dokument

"MC1" li gie prezentat in atti – hawn ir-ritratti. Mistoqsi mill-Qorti sabiex jara jekk dawk humiex ir-ritratti li gie muri. Il-Prosekuzzjoni spjegat li le, hu t-*tray* kien gie muri. Huwa spjega li t-*tray* daqshekk, xi *thirty centimitres* (30cms) kien. Huwa gie mitlub mill-Qorti sabiex jara t-*tray*, ir-ritratt tieghu. Il-Prosekuzzjoni spjegatlu li jekk jghidlu li hu lill-pulizija qalilhom iktar il-valur tieghu dakinhar huwa spjega li le hu qalilhom xi *two thousand Euro* (€2,000). Il-Prosekuzzjoni spjegatlu li l-pulizija staqsewh ukoll jekk dan inxtarax u hu spjegalhom li llum jiswa' tlett elef u tmien mija (3,800) u fl-elfejn u tmienja (2008) jiswa' tlett elef (3,000). Huwa spjega li hu ma jafx. Jew tlett elef (3,000) jew tlett elef u tmien mija (3,800). Il-Prosekuzzjoni spjegatlu li hemm qabza kbira milli qed jghid issa jigifieri. Huwa spjega li huwa qallu xi tmien mija (800) inqas milli kien immarkat it-*tray* li kellu fil-vetrina. Issa jekk hux *two eight* jew *three eight* ma jiftakarx hu. Il-Prosekuzzjoni spjegatlu li ma staqsewhx biss fuq il-valur tieghu dan it-*tray* u huwa spjega li iva. Mistoqsi jekk qattx kien ghandu dan it-*tray* u lil min bieghu dan u meta wiegeb li huwa qallu jista' jkun ghandu, jigifieri jkollhom hafna xoghol minnu dan. Mistoqsi jekk dak it-*tray* qattx kien ghandu huwa spjega li jista' jkun kien ghandu ghax hu *tray* mhux dak biss ikollu. Mitlub jekk jiftakarx huwa spjega li ilu hafna zmien.

Mistoqsi jekk dakinhar ftakarx f'xi haga jekk kienx hu li bieghu t-*tray* ghax dana fl-ahhar ta' Frar u llum qeghdin f'April. Il-Prosekuzzjoni spjegat li xahar u nofs ghadda jigifieri ma jistax jifhem kif ma jiftakarx. Huwa spjega li jista' jkun kien ghandu. Imma dak it-*tray*, bhalu, kellhom kemm-il darba, jigifieri, daqsu, izghar, ikbar, kemm-il darba. Mistoqsi jekk jafx lill-imputat huwa spjega li iva u zgur li jafu. Mistoqsi kif jafu huwa spjega li jafu bhala klijent. Mistoqsi x'oggetti qatt bieghlu huwa spjega li hu gieli xtara xi haga antika minn ghandu. Mistoqsi x'oggetti gieli xtara nkluz jekk qattx bieghlu

oggetti bhal dan it-*tray* huwa spjega li iva, jiftakar darba partat xi tlett (3) affarijiet u ha *tray* minghandu antik. Imma ma jiftakarx jekk hux ezatt dak it-*tray* jew xi *tray* iehor ghax ghadda z-zmien. Mistoqsi kemm bejn wiehed u iehor huwa spjega li ma jafx sitta, sebgha, tmien snin. Il-Prosekuzzjoni spjegatlu li hu jiftakar li bieghlu *tray*, partatulu ma' xi tlett oggetti. Mistoqsi x'kienu dawn l-oggetti huwa spjega li hu ziedhom xi haga ohra. Tlett (3) affarijiet zghar tal-fidda, minghalih xi centru zghir, jekk jiftakar sew, ma jafx kienx hemm xi *candle stick*, dawk safejn jiftakar. Il-Prosekuzzjoni spjegatlu li huma talbuh illum igib xi dokumenti relatati ma' dan il-bejgh. Mistoqsi jekk ghandux dawn hu llum u jekk sabhomx huwa spjega li le, huwa ghandu d-dokumenti ta' li xtraw il-Power Plan *on credit*. Li xtrat id-ditta Power Plan li tawhom *by credit.* Mistoqsi xi xtraw il-Power Plan huwa spjega li ghandu hawnhekk. Mistoqsi jekk il-Power Plan darba xtratx minghandu huwa spjega li le ghal diversi snin. Huwa spjega li gab kopji tal-*invoices* li hargu ghan-nom ta' Power Plan, li mbaghad eventwalment baghtulhom cekk ghalih. Il-Prosekuzzjoni talbet sabiex tara naqra x'relevanza ghandhom u spjegat li hu hemmhekk qed jipprezenta tlett (3) *invoices*. Hu spjega li iva. Il-Prosekuzzjoni spjegat li dawn elfejn u sebgha (2007), elfejn u tmienja (2008) u elfejn u ghaxra (2010). Ix-xhud spjega li iva. Huwa ddikjara li dawn kienu *items taken on credit* u esebixxa dawn id-dokumenti bhala dokument "VV1". Il-Prosekuzzjoni spjegatlu li huwa qal il-Power Plan u staqsietu l-Power Plan, min u huwa spjega li Mr George Farrugia ghan-nom ta' Power Plan. Il-Prosekuzzjoni ghamlet referenza ghall-*invoice* 6061. Hawnhekk hawn id-data 12/19/2008 u cioe' dsatax (19) ta' Dicembru, elfejn u tnax (2012). Mistoqsi jekk dik hiex meta harget l-*invoice* huwa spjega li meta gie ha l-affarijiet. Il-Prosekuzzjoni spjegat li hawnhekk hawn numru ta' oggetti – *candle stick*, *candle stick*, *candelabro*, *shell sea*, *cesto*, *panierino*, *candelabro*, *bowl Cantebry shell*, *watch* u *watch*. Mistoqsi jekk minn dawn l-oggetti u l-oggetti li partatlu s-Sur Ferris ma' dak

it-*tray* hemmx relevanza ma' uhud minnhom huwa spjega li jista' jkun dak il-*panierino* z-zghir, ghax jiftakar wiehed minnhom li kien tahom, imma *candle stick* jaf li kellu xi gandlier zghir, imma ma jafx imbaghad, ezattament ghax hu spjega li jara mitt elf ruh. Mistoqsi jekk hu jiftakarx jekk l-oggetti li gie jpartat mieghu kinux inxtraw minghandu fil-fatt huwa kkonferma li kienu nxtraw minghandhom. Mistoqsi jekk hu marx u xtara *tray* minghandu huwa spjega li ehe. Mistoqsi jekk l-oggetti li partatlu mat-*tray* u ziedlu maghhom, jafx jekk kinux inxtraw minghandu t-tlett oggetti li qal li partatlu huwa spjega li tnejn minnhom jiftakar zgur li kienu minn ghandhom. L-*item* l-iehor jista' jkun li kien inxtara minghand haddiehor imma xorta jehduh huma. La jkun fidda 925 u jkun *saleable* jehduh ukoll. Mistoqsi jekk jiftakarx li kien inxtara minghandu huwa spjega li tnejn zgur. Il-Qorti spjegatlu li hu qal li kellu tnejn zgur u l-iehor u huwa spjega li tnejn zgur, u wahda jista' jkun. Issa fuq il-prezz tat-*tray* l-antik spjega li fil-kaz jekk irid imur u jurih it-*tray* li ghandu fil-vetrina kemm hu mmarkat.

Mistoqsi meta s-Sur Ferris xtara t-*tray* minghandu hariglux ircevuta huwa spjega li dan ghamel *part exchange* tlett (3) *items* u ziedhom forsi *two hundred Euro* (€200) differenza. Mistoqsi jekk dakinhar harigx ircevuta huwa wiegeb li iva. Mistoqsi jekk dik l-ircevuta jistax jesebiha f'dawn l-atti huwa spjega li tad-differenza, imma jekk hallsu *two hundred cash* huwa johroglu *two hundred cash*. Mistoqsi jekk hu fl-elfejn u tmienja (2008) harigx ircevuta meta s-Sur Ferris xtara dan it-*tray* minghandu tad-differenza biss huwa spjega li tad-differenza. ghax l-ohrajn ikollu *credit note* hu. Jaghmillu *credit note* ta' kemm tah u tah *two hundred*. Mistoqsi jekk qieghedx f'pozizzjoni li jesebixxi l-*credit note* u l-ircevuta huwa spjega li l-*credit note* mbaghad iqattghuha huma la darba li hadu bhala fuq l-oggett il-klijent. Mistoqsi jekk ir-*receipt* ghadhiex ghandu huwa spjega li

*receipt* tista’ tkun ghax *cash receipt*. Il-Prosekuzzjoni spjegatlu li dakinhar kellhom problema ghalfejn qatt ma gabuha din l-ircevuta u huwa spjega li kieku jixtieq jurihielu bil-qalb kollha.

L-istess xhud fl-istess seduta in kontro-ezami gie mitlub mid-difiza sabiex jara dawk id-dokumenti. Spjega wkoll li hu hawnhekk kien carissimu u l-Ispettur qallu diversi drabi u baqa’ jzomm *more or less* dak li qal. Spjegalu biex jara jekk fehemux sew li hu qal illi t-*tray* li ghad ghandu l-ufficcju jew fil-hanut meta l-pulizija marru biex ikellmuh fuq dan it-*tray* u li huwa ikbar mit-*tray* li hu partat biz-zieda mas-Sur Ferris u staqsieh jerga’ jghidlu kemm kien jiswa’. Huwa spjega li ma jiftakarx jekk hux *two eight* jew *three eight*, li kellu fil-vetrina. Però jista’ jghidlu, icempel issa l-hanut u jghidulu kemm hu mmarkat u jistghu jmorru jarawh. Mistoqsi jekk meta qallu dawk it-tlett (3) *items* illi hu qal li tah lura u ghamillu zieda ta’ xi mijiet; kemm jiswew ha jkunu jistghu forsi jaslu ghall-konkluzjoni hux *two eight* huwa spjega li l-problema ghax m’ghandux nuccali tal-vicin. Id-difiza spjegatlu li hu qal wahda zgur, wahda probabbli u wahda jista’ jkun, hekk qal, jew tnejn zgur u wahda jista’ jkun. Huwa spjega li dawn it-tnejn zgur. Mistoqsi jghid kemm huma dawk it-tnejn huwa spjega li *gandilabro three light*, qieghed *three hundred fifty three point eighty three* (353.83). Imbaghad hawn *panierino* u spjega li *one hundred thirty seven point fifty seven* (137.57) ex VAT dawn, ghax imbaghad hemm il-VAT maghdud hemm. Mistoqsi rigward it-tielet wiehed huwa spjega li t-tielet wiehed kien centru zghir iehor imma mhux qed jarah hemm. Mitlub jara hux forsi qeghdin fl-ohrajn huwa spjega li dan *candle stick* ukoll. Seta’ kien dan ic-cesto zghir, in-*nineteen centimetres* (19cms).

Mistoqsi kemm huwa c-cesto spjega li *one six two point ninety two* (162.92) immarkat, minghajr VAT. Gie mistoqsi jekk dawn it-tlett oggetti illi gablu biex ipartat mat-*tray* u li kienu minghandu, tnejn minnhom zgur minghandu u wiehed ghandu dubju huwa spjega li iva.

Gie mistoqsi jekk kinux jiswew, forsi, elf ewro (€1,000) jew inqas huwa spjega li ma jafx ghax huwa mhux qed jghoddhom. Il-gandelabru, *three hundred fifty three point eighty three* (353.83) ex VAT. Id-difiza spjegat li *three hundred fifty three point eighty three* (353.83) minghajr VAT u huwa spjega li nkluzi VAT, ghax qieghda hawn. *One hundred sixty two point ninety two* (162.92) dak li huwa dubjuz kienx hu, u l-iehor *one hundred thirty seven point fifty seven* (137.57). Id-difiza spjegatlu li qisu seba' mija (700) l-iktar u huwa spjega li iva. Mistoqsi jekk is-seba' mija humiex Maltin huwa spjega li huma Euros. Mistoqsi jekk jaqbilx mad-difiza li jekk hu partatlu seba' mitt ewro (€700) u ha *tray* minghandu li jiswa' iktar u li hu meta kien qed jixhed qabel ma' hu ghamillu d-domandi u qal "zied xi ftit mijiet," li mela, ghandu seba' mija (700), ftit mijiet. Huwa spjega li *it could have been two hundred up to five hundred* jigifieri. Ix-xhud spjega li ma jistax jiehu gurament kemm hallas dakinhar, ma jiftakarx.

Id-difiza spjegatlu li wasal ghall-massimu ta' hames mija, mas-seba' mija sa elf u mitejn (1,200) u huwa spjega li iva. Id-difiza spjegatlu li huwa tah *tray* li allura ma setax ikun tlett elef u tmien mija (3,800). Huwa spjega li le, illum jiswa' tlett elef ghax l-ikbar li ghandu hu jiswa' tlett elef u tmien mija (3,800), immarkat fil-vetrina. Huwa spjega li llum dak it-*tray* jiswa' hafna inqas. Id-difiza spjegat li llum jiswa' tlett elef (3,000) u huwa spjega li iva, forsi kien elf u hames mija dak iz-zmien u forsi hallih elf u mitejn (1,200).

Mistoqsi kemm dan hallsu huwa spjega li tlett mija jew hames mija, *whatever it was*. Mistoqsi jekk hux ghal dan it-*tray*, huwa spjega li iva. Id-difiza spjegatlu li Spettur iehor li mar ghandu qal illi hu qallu illi t-*tray* mertu ta’ din il-problema li ghandhom kien jiswa’ tlett elef (3,000) u huwa kkonferma dan. Id-difiza spjegatlu li jigifieri tlett elef (3,000) ma jistax ikun li jiswa’ u li dak iz-zmien kien jiswa’ forsi elf u hames mija (1,500) u filfatt ix-xhud spjega li kollox kien jiswa’ inqas. Mistoqsi jekk it-*tray* kien jiswa’ elf u hames mija (1,500), u l-oggetti li tah is-Sinjur biex ipartat kienu allura jiswew qishom elf (1,000), jew elf u xi haga zghira, imbaghad kien hemm iz-zieda tal-hames mija (500) bhala differenza. Id-difiza spjegatlu li jigifieri l-affarijiet li huwa ha biex xtara lura dan it-*tray* kienu qisu nofs kemm jiswew it-*tray*, ghax l-ohrajn kienu flus huwa spjega li hekk qisu, *yes*, tikka iktar jahseb. Mistoqsi jekk ma kinux erbgha huwa spjega li le huwa  jiftakar li kienu tlett (3) affarijiet. Id-difiza spjegatlu li l-affarijiet li xtara s-Sur Farrugia minghandu jekk mhux erbgha kienu, hafna iktar jixtri minghandu huwa spjega li affarijiet ohra kien xtara s-Sur Farrugia. Parti minnhom kien jixtrihom u jhallashom *cash* u tohrog ir-*receipt* relattiva allura hu m’ghandux dokumentazzjoni. Id-difiza spjegatlu li mela allura dawn hargu hekk ghaliex kienu *on credit* u x-xhud wiegeb li ehe u zgur. Huwa spjega li bhal dawk kellu iktar. Id-difiza spjegatlu li bejgh ta’ oggetti u rigali, hu ghamel hafna iktar bejgh lis-Sur Farrugia ta’ oggetti minghandu li ma kinux bid-dejn u allura hargu dawn u huwa kkonferma li iva *over the years.*

Mistoqsi fit-*two thousand and eight* (2008), dawk it-tlett affarijiet li nxtraw li qed jitkellmu fuqhom, ta’ meta kienet is-sena huwa spjega li piu o meno jew *two thousand and seven* (2007) jew *two thousand and eight* (2008) kienu ghax ma jiftakarx ezatt. Mistoqsi fit-*two thousand and seven* (2007) bid-dejn kemm xtara *items* is-Sur Ferris tlieta, erbgha, sitta, tmienja huwa

spjega li mela, din tat-*two thousand and seven* (2007), *four hundred sixty six* (466), jekk qed jara sew. Id-difiza talbitu jghidlu l-*items* u huwa spjega li hemmhekk *on invoice* wahda. Imma kien hemm *items* ohrajn li hallashom mal-ewwel. Id-difiza spjegatlu li le bid-dejn qallu, id-domanda kienet bid-dejn fit-*two thousand and seven* (2007) u *two thousand and eight* (2008) kemm xtara *items* minghandu s-Sur Farrugia u huwa spjega li issa, dan *two thousand Euro* (€ 2,000) fit-*two thousand and eight* (2008). Id-difiza regghet spjegatlu li qed tistaqsih rigward oggetti, *items*, mhux flus u huwa spjega li hemmhekk hemm *ten* (10) *items* fit-*two thousand and eight* (2008), *one* (1) *item* fit-*two thousand and seven* (2007) u fit-*two thousand and ten* (2010), *two* (2) *items*, skont ir-*records* li ghandhom huma. Id-difiza spjegatlu li s-Sur Farrugia xtara *eleven* (11) *items* bid-dejn minghandu u bil-*cash*. Gie mistoqsi jispjega fuq fuq, jekk jahsibx li rega' xtara daqshom f'dak iz-zmien huwa spjega li ezattament ma jistax jghid ghax hu mhux wahdu jkun il-hanut. Ghandu tlett (3) impjegati u zewgt itfal ukoll. Jigifieri daqqa jaqdih hu u daqqa jaqdih haddiehor. Mistoqsi jekk imma hu probabbli almenu illi b'*cash* u mhux dejn ikun ha diversi *items* ukoll huwa spjega li ha diversi *items*. Mistoqsi jekk jistax jghid jekk hux ghoxrin huwa spjega li ma jistax jghidlu ghoxrin jew tlieta, imma kien klijent regolari.

L-istess xhud fl-istess seduta in ri-ezami gie mistoqsi jekk id-dokument li huwa mmarka b'dawk ic-crieki, dawk l-oggetti meta nxtraw huwa spjega li nxtraw fit-*two thousand and eight* (2008). Mistoqsi f'liema xahar huwa wiegeb li kien fid-19 ta' Dicembru elfejn u tmienja (2008). Il-Prosekuzzjoni spjegat li huma qed jghidu dawn l-oggetti nxtraw f'Dicembru elfejn u sebgha (2007) u hu qed jghidilhom hemmhekk bil-gurament tieghu li dawk huma l-oggetti, u huwa spjega li affarijiet inxtraw *two thousand and seven* (2007). Il-Prosekuzzjoni spjegat li ghalhekk qed jghidlu u hawnhekk ha

jissospendi. Fis-seduta li jmiss talbu sabiex iggibilhom il-*credit note* tas-Sur Ferris u r-*receipt* li hareg lilu ha jaraw. Ix-xhud spjega li l-*credit note* jaghmluha manwali u jqattghuha. Il-Prosekuzzjoni spjegatlu li hu qal bil-gurament tieghu b'certezza li dawk huma l-oggetti li partat lis-Sur Ferris. Hawnhekk qed jghid li kienu f'Dicembru elfejn u tmienja (2008) u l-affarijiet graw qabel.

Ix-xhud gie mistoqsi meta nxtara t-*tray* mis-Sur Ferris u huwa spjega li seta' kien fl-elfejn u sebgha (2007) jew fl-elfejn u tmienja (2008). Il-Prosekuzzjoni spjegatlu allura kif jista' llum bil-gurament tieghu jghid b'certezza li dawk it-tnejn li mmarka kienu zewg affarijiet li hu partat lis-Sur Ferris meta dawn oggetti li nxtraw sena qabel u huwa spjega li ghandu ragun l-*items* li tahom lura jiftakarhom ghax tahomlu quddiemu biex ibiddilhom. Imma ma jiftkarax f'Dicembru tat-*two thousand and seven* (2007), *two thousand and eight* (2008) *or two thousand and nine* (2009). Il-Prosekuzzjoni spjegat li dawn oggetti li nxtraw fid-dsatax (19) ta' Dicembru elfejn u tmienja (2008). Mistoqsi jekk jaqbilx huwa spjega li iva. Mistoqsi mill-Prosekuzzjoni kif allura jista' jkun, is-Sur Ferris, mar ipartat xi haga ghandu fl-elfejn u sebgha (2007) meta l-oggett suppost inxtara qabel u hawnhekk qed jghidilhom li nxtara fl-elfejn u tmienja (2008) huwa spjega li le. Il-Prosekuzzjoni talbitu sabiex fis-seduta li jmiss ix-xhud irid igib mieghu l-*credit note plus receipt*.

Illi nhar id-29 ta' Lulju, 2013 xehdet **Claudette Fenech** u spjegat li giet mitluba biex tipprezenta l-*file* tal-kumpanija Power Plan Limited registrazzjoni numru C18322. Hija filfatt ipprezentatu u gie mmarkat bhala

Dokument CF1. Hija spjegat li hija qieghda tixhed hemmhekk bhala rappresentanta tal-MFSA.

Illi nhar id-9 ta’ Ottubru, 2013 xehed **George Farrugia** u spjega li hu ghandu kumpanija. Jahdem fuq id-design u llum jigifieri fuq *petrol stations*, *supply* ta' *equipment* fil-*petrol stations* u jaghmel xi *brokeage* internazzjonali u lokali wkoll *distribution* ta' *lubricants*. Mistoqsi fi zmien illi sehh il-kaz lura fis-sena elfejn u tmienja (2008) x'kien jaghmel hu dak iz-zmien kienx direttur ta' xi kumpaniji huwa spjega li kien direttur tal-Power Plan li kienet tirraprezenta l-kumpaniji taz-zejt. Huwa tenna li barra dak li jaghmel illum huma kienu jaghmlu xoghol iehor u cioe’ jiehdu hsieb l-*operations* ta' certi kumpaniji taz-zejt lokali jigifieri ghall-kumpaniji li jahdmu fiz-zejt lokali. Mistoqsi jekk bhala agent bhala *broker* kellux xi kuntatti hawn Malta bhala klijenti, kellux xi klijenti kbar huwa spjega li l-klijenti kellu l-Enemalta, kellu l-kumpaniji l-ohra privati u cioe’ Falzon, l-IBOL u l-MOBC li kienet diga maghluqa. Mitlub jispjega jekk lil Raymond Ferris jaghrfux hemmhekk fl-Awla u f'liema kuntest jafu huwa spjega li jafu l-Enemalta u kien jahdem l-Enemalta. Mistoqsi jekk kellux xi funzjoni partikolari fl-Enemalta huwa spjega li kien safejn jaf hu jiehu hsieb xi progetti li kien ikun hemm bhala *position* ma jafx ezatti x'kienet il-*position* tieghu pero’ kien jiehu hsieb ukoll progetti bhal *privatisation*.

Mistoqsi jekk huwa kienx ikollu kuntatt ta' sikwit mas-Sur Ferris huwa spjega li gieli kien ikun l-Enemalta u jiltaqa’ mieghu. Huwa spjega li l-iktar li kienu ltaqghu kien fi zmien kif avvicinat il-privatizazzjoni. Kienu ltaqghu mbaghad diversi drabi kemm l-ufficcju u kemm barra l-ufficcju. Mitlub jispjega daqsxejn ix-xhieda tieghu fit-tul dettaljat rigwardanti l-kaz li gie

fuqu jixhed huwa spjega li le dana kien hemm il-*privatisation* tal-Enemalta kienu tkellmu diversi drabi hu kien jigifieri jghid meta jitkellmu fuq il-*privatisation* illi jaf jispicca bla xoghol wara. Mitlub jispjega x'inhi l-*privatisation* huwa qal li *privatisation* tal-*petroleum division* tal-Enemalta. Huwa kompla jispjega li peress li hu kien qed jirraprezenta bhala konsorsju milli kienu dahlu l-*privatisation* kienu jitkellmu gieli hu kien jghid li jibza' li jitlef ix-xoghol imbaghad jigifieri *by time* zviluppat li anka kien interessat li jekk jirbhu l-*bid* huma kien jinteressa ruhu li jmur jahdem maghhom, jigifieri mbaghad kien hemm diskors li jista' jkun influwenti fid-decizjonijiet tal-*privatisation unit*.

Li jista' jghid imbaghad kien darba minnhom kien fi zmien il-Milied kien mar l-ufficcju ghandu u dana kienu qed jitkellmu jigifieri kien wera x-xewqa illi kien hemm tlieta min-nies illi kienu qeghdin fl-*adjudication commitee* illi ried jghaddilhom rigal kull wiehed. Kien xtara tlett centrijiet tal-fidda biex ikun jista' jghaddihom lil min qal li jista' jghaddihom. Mistoqsi jekk dawn it-tlieta min-nies kienx semmihomlu s-Sur Ferris huwa spjega li le ma jafx min huma. Mistoqsi jekk hux hu l-persuna li xtara dawn ic-centrijiet huwa spjega li iva. Mitlub jispjega dawn ir-rigali minghand min xtarahom u kemm hallas ghalihom huwa spjega minghand Azzopardi tal-Furjana, minghalih kienu fuq elf ewro (€1000)-il wiehed zgur jigifieri ma jafx ezatti l-ammont ghax m'ghandux dokumenti. Mistoqsi kemm xtara minnhom huwa spjega li tlieta. Mitlub jispjega dawna r-rigali huwa wiegeb li lilu s-Sur Ferris kien mar ghandu l-ufficcju u kien hadhom min hemmhekk. Mistoqsi x'kienet l-intenzjoni illi hu jaghti dawn ic-centri huwa spjega li xejn dana beda jghid li hu jista' jkun influwenti fl-*adjudication* tal-*privatisation*. Huwa ma jafx jigifieri jaf li kien f'posizzjoni ta' f'dawn il-*privatisation* pero' ma jafx dawn it-tlieta min-nies min kienu jigifieri dana talbu tlett rigali sostanzjali jigifieri

biex jaqdihom pero' lil min taghhom ma jafx. Mistoqsi mill-Qorti jekk dawn il-flus vuoldieri harighomx minn butu ghal biex jixtri r-rigali huwa spjega li le mill-kumpanija mill-Power Plan. Mistoqsi jekk jiftakarx l-ammont ezatt jekk kienx *cash* jew kienx *cheque* almenu huwa spjega li le kien *cheque*. Mistoqsi jekk jiftakarx lil min kien intestat huwa spjega li iva lil Victor Azzopardi Jewellers. Mistoqsi jekk sussegwentement wara li s-Sur Ferris kien mar u ha dawn ir-rigali kellux aktar kuntatt mieghu u jekk iva rigwardanti x'hiex huwa spjega li le kien hemm kuntatti jigifieri *again* kien hemm il-bicca xoghol tal-impjieg *plus* li jekk tiehdu l-kuntratt hu hsiebu fuq il-*job* insomma u haga u ohra. Darba rassu biex jghidlu x'ried jghid biha dan li qed jghid jigifieri u talbu li jekk jiehduha ghandu bzonn milli x'ta x'jifhem jigifieri ried iqassam u talbu somma ta' *fourty thousand euro* (€40,000). Mistoqsi jekk effettivament din is-somma li ghadu kif semma' issa din it-talba gietx materjelizzata huwa spjega li le dik issemmiet darba. Mistoqsi mill-Qorti jekk jigifieri dan l-ammont talbux ghalih huwa spjega li huwa milli fehem jew ghalih jew biex jghaddih lil xi hadd ma jafx. Mistoqsi mill-Qorti huwa x'fehem spjega li huwa fehem biex jghaddi lil xi hadd imma jekk kien hekk ma jafx lil min jigifieri pero' qatt ma mmaterjalizza dan l-ammont. L-ewwel haga l-kuntratt ma haduhx jigifieri u l-uniku haga li mmaterjalliza kienu dawk it-tlett centrijiet hux. Mistoqsi jekk it-talba tat-tlett centrijiet ghamililux hu direttament jew inkella hu da parti tieghu mar biex jaghmillu kompliment huwa spjega li le, huwa *basically* wera x-xewqa li hemm bzonn jaghtu tlett rigali u hu qallu jghidlu xi jrid u huwa ma jafx jigifieri kif qallu hekk qallu li ghandu bzonn tlett rigali qallu forsi jixtru xi tlett centrijiet tal-fidda. Ghalhekk xtara tlett centrijiet tal-fidda. Mistoqsi jekk pero' dan kienx jirrigwarda mbaghad ghall- gudikazzjoni ta' kuntratt huwa spjega li iva imma xorta ma haduhx jigifieri. Mistoqsi jekk baqghu ma hadux xorta huwa spjega li le. Mitlub jispjega jekk jafx jghidilhom min kien il-konsorzju, min kien interessat huwa spjega li le. Il-konsorzju taghhom,

huwa kellu kumpanija Power Plan li hija parti minnu *headed* minn Power Plan li hija parti minn John's Group li hija ta' John's Garage. Imbaghad kellu kumpanija Griega. Mistoqsi jekk jiftakarx isem il-kumpanija Griega huwa spjega li iva, kienu kumpanija tal-Mummy Dakis Group. Din is-socjeta’ kienet ser taghmel l-*finance* hija stess. Sussegwentement kellhom it-Total interessati u kienu parti bhala *operations* mhux bhala *investments* u kellhom it-Total bhala *distribution* u t-Total bhala *aviation* ghax ghalkemm huma taht kappa wahda qishom kumpaniji separati imma dawk *basically*.

Ix-xhud gie muri dokument li jinsab esebit a fol 75 immarkat bhala Dok. 13 kontenuti ritratti tac-centri li kienu nxtraw minghand Azzopardi u peress li hu qal li kien mar u xtrahom biex jara jekk jarafhomx huwa wiegeb li le dawn m'humiex huma. Dawk kienu urewhomlu. Rega’ gie mistoqsi jekk dawn humiex dawk it-tlett centri li hu originarjament kien xtara huwa wiegeb li le. Mistoqsi pero’ li jista’ jkun illi tbiddel huwa spjega li ghax dak kienu ga urewhomlu. Mistoqsi min kien urihomlu huwa spjega li l-pulizija. Mistoqsi jekk hux waqt li kienet ghaddejja l-investigazzjoni huwa spjega li iva.

Illi nhar is-16 ta’ Dicembru, 2013 xehed **Joseph Azzopardi** u gie mitlub jesebixxi xi rcevuti ta' xi *silver plates* u gie mitlub jispjega daqsxejn x'inhuma, bhala data u l-ammont. Huwa spjega li rnexxielhom jitrejsjaw kopja tac-cekk li kien tahom George Farrugia fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Dicembru, tal-elfejn u sebgha (2007) u ghandu l-*fiscal receipt* li harget min-naha taghhom ukoll. Mitlub jghid l-ammont huwa spjega li kien ta' tlett elef u tlett mija liri Maltin (Lm3,300) f'isem ta' Power Plan. Skond l-ircevuta li ghandu, dawn kienu tlett centrijiet daqsxejn imdaqqsin ta' elf u mija-il

wiehed (1,100) u ghandu kopja tal-*fiscal receipt* u ghandu *incertified true copy of the original receipt* u tac-cekk li kien tahom. Huwa spjega li qed jesebixxi dawn id-dokumenti bhala DOK JA1.

L-istess xhud fl-istess seduta in kontro-ezami kkonferma li s-Sur Farrugia xtara diversi affarijiet minghandu u nefaq xi tletin darba (30). Hu kien klijent regolari tieghu. Kull sena fil-Milied imur jixtri tant rigali. Gie mistoqsi ghaliex hu identifika dawn it-tlett centri u mhux is-sebgha u ghoxrin (27) haga ohra li kien xtara ftit qabel matul dak iz-zmien ftit wara huwa spjega li ghandu kopja ta' *invoice* ohra jekk irid jigifieri ta' xi affarijiet ohra li kien xtara u seta' jaghtihielu wkoll. Il-Prosekuzzjoni wiegbet li le ghax il-kaz qieghed fuq dawn ic-centri. Gie mistoqsi jekk bieghx iktar minn tliet centri wiegeb illi f'hajtu biegh hafna aktar. Huwa ezebixxa wahda minn diversi *invoices* li kien xtara s-Sur Farrugia u giet immarkata bhala Dok. JA 2. Mistoqsi ta' liema sena huwa spjega li din hija tad-dsatax (19) ta' Dicembru, elfejn u tmienja (2008) u stqarr illi hemm ammont sostanzjali ta' oggetti. Gie mitlub jghid x'inhuma dawn l-oggetti huwa spjega li jikkonsisti f'gandlieri, gandilabru, *shell*, *centre piece*, cesto, panierino, gandilabru, *bowl* iehor, arlogg u arlogg zghir. It-total kien ta' elfejn ewro (€2000).

Mistoqsi rigward dawk it-tlett centri fl-ewwel ircevuta li ta u dawn il-hafna gandilabri jekk hux dawn biss xtara minghandu fil-perjodu elfejn u sebgha (2007) u elfejn u disgha (2009) huwa spjega li le hu jmur dejjem f'Dicembru. Mistoqsi jekk hemmx iktar hu spjega li kien imur dejjem f'Dicembru jixtri minghandu jigifieri darba f'sena u matul is-sena ma kienx imur.

Mistoqsi jekk jiftakarx dak li kien qal fl-ahhar seduta illi l-akkuzat kien mar ghandu u biddel xi affarijiet huwa wiegeb li iva. Ix-xhud qal li huwa partat tnejn (2) jew tlett (3) oggetti ha xi haga tiswa' iktar flus u tah il-flus.. Huwa kompla jispjega li jiftakar hekk vagament u jista' jkun li ha dak it-*tray*. Jista' jkun pero' ma jistghax jghid.

Illi nhar il-21 ta' Jannar, 2014 xehed **Alfred Camilleri** fejn saritlu referenza ghax-xhieda li kien ta Emanuel Ellul illi kien gie msemmi li x-xhud ghandu xi rapport. Filfatt il-Prosekuzzjoni qratlu ezatt x'qal ix-xhud Emanuel Ellul: "Ghandi rapport, kien hemm jiena bhala Chairman, kien hemm Alfred Camilleri li kien Permanent Secretary tal-Ministru tal-Finanzi li fil-fatt ghadu Permanent Secretary fil-Ministeru tal-Finanzi." Huwa staqsa rapport ta' x'hiex kien. Hawnhekk il-Prosekuzzjoni spjegat li huma hemmhekk qeghdin jittrattaw wiehed mill-kazijiet rigward l-iskandlu taz-zejt. Ix-xhud spjega li ma ghandux rapport fuq dan l-iskandlu taz-zejt. Il-Prosekuzzjoni spjegatlu li l-Avukat Generali talab biex jigi msejjah bhala xhud ghaliex qieghed imsemmi a fol 131. Huwa rega' staqsa r-rapport fuq x'hiex kien u l-Prosekuzzjoni spjegatlu li dana hawnhekk hekk qed jghid: "Kien hemm Ivan Falzon kien Chairman tal-Mimcol, kien hemm Alex Tranter, kien hemm Chairman tal-Enemalta, kien hemm ukoll Dr. Godwin mill-*Oil Divisions* tal-ufficcju tal-Prim'Ministru u Mario Mizzi". Huwa staqsa jekk din mhux fuq il-*Privatisation* tal-*Petroleum Division* u l-Prosekuzzjoni spjegatlu li hekk jidher ghax hemm Mario Mizzi. Huwa spjega li iva, dak ghandu x'jaqsam ma' dal-kaz li qed jissemma' bhal issa u li ilu jissemma' ghal ftit xhur dik hija l-*Privatisation* tal-*Petroleum Division* li ghada ghaddejja u ghada ma naghlqitx u huwa m'ghandu l-ebda rapporti bhal dawn. Ix-xhud stqarr illi bazikament huwa kien involut fil-ftuh tal-*bids* u cioe' jiffirma minn meta nfethu l-*bids* u daqshekk.

L-istess xhud fl-istess seduta in kontro-ezami spjega li lis-Sinjur jafu. Gie mistoqsi jekk meta kien sar xi haga fuq dawn il-ftuh tat-*tenders* kienx prezenti jew kellux xi nvolviment fih dan fid-decizjoni u huwa spjega li ma jidhirlux le, fil-ftuh tat-*tenders* ma jidhirlux. Mistoqsi jekk kienx hemm xi *pressure* da parti tieghu xi darba fuqu huwa spjega li le lilu qatt ma kellmu fuq dawn l-affarijiet. Huwa sostna li meta’ xi hadd jaghmel xi *pressure* fuqu fuq xi haga huwa jirrapporta dwar dan.

Illi nhar il-21 ta’ Jannar, 2014 xehed **Mario Mizzi** fejn iddikjara li ghal xi zmien huwa kien jokkupa l-kariga ta' CEO fil-MIMCOL. Mistoqsi jafx lis-Sur Raymond Ferris wiegeb li iva jafu bhala ufficjal tal-Enemalta, u ilu mill-elfejn u tmienja (2008) u sussegwentement wara fin-negozjati tal-istess facilita' tal-*Petroleum*. Is-Sur Ray Ferris kien fil-kapacita' tieghu ta' *Projects Manager* pero' dak iz-zmien li kienu qed jaghmlu t-transazzjoni, meta qed jghid kienu jaghmlu ghax hu kien qed jippartecipa fil-*privatisation* taghha, is-Sur Ferris kien qieghed jaghmel il-*Liaising* bejn l-Enemalta u l-*Privatisation Unit* f'din it-transazzjoni. Mistoqsi jekk hux hemmhekk biss jafu hu lis-Sur Ferris jew jafux f'xi okkazjonijiet ohra, relatati mal-Enemalta huwa spjega li le, lil Ferris kien jafu bhala Ufficjal tal-Enemalta waqt li kienu qed jaghmlu dan il-process. Mistoqsi jekk hu u s-Sur Ferris kienux jiltaqghu spiss fuq il-mejda jew hekk bhala rapprezentant tal-Enemalta huwa spjega li bhala *Adjudicating Committee* kienu qed jitkellmu fl-epoka elfejn u tmienja (2008) fejn kienu tim ta' sitta (6). Kien hemm is-Sur Ellul, Mr. Tranter, ix-xhud stess, Ivan Falzon, Godwin Debono u ma jafx min kien hemm izjed. F'dak l-istadju s-Sur Ferris kien, jekk mhux sejjer zball, ikun prezenti ghaliex meta kienu jigu ghad-dettalji ta' informazzjoni huwa kien il-persuna nkarigata illi kien jghin u jiffacilita' biex jigbor l-informazzjoni

mill-Enemalta. Mistoqsi meta jghid jghin u jiffacilita' *l-informazzjoni*, jistghax jelabora ftit zghira fuqha huwa gab bhala ezempju li kien involut anke qabel ma harget it-*tender* per se, min-naha tal-Enemalta, biex jghin il-*Privatisation Unit* biex jigbru per ezempju l-lista tal-assi li kienu jaghmlu, jiffurmaw parti mill-RFP u allura kienu jiffurmaw parti mit-transazzjoni. Kien il-persuna illi kien jilliasja, kienu qed jitkellmu hawnhekk fuq transazzjoni tas-sitta (6) jew seba' (7) facilitajiet: Has Saptan biex jiftehmu, Kordin, l-*Aviation Unit* ta' Hal Luqa, etc, etc. Allura kull informazzjoni *parcelled* minn dan il-process huwa kien jottjenija mal-Managers responsabbli tal-facilitajiet u jgibha l-*privatisation* u huma jipprocessawha, minnha hargu l-*information memorandum*. Jekk jiftakar sew anke meta ntefghu l-*bids* u l-*bidders* jaghmlu, jitolbu l-klarifici u jkunu klarifici teknici hu kien ic-*channel* illi tigi ottenuta l-informazzjoni. Mistoqsi mill-Qorti jekk qattx lilu offrielu xi rigal huwa spjega li le. Mistoqsi jekk qattx tkellmu fuq affarijiet f'dan is-sens huwa spjega li le.

Illi nhar il-21 ta' Jannar, 2014 xehdet **Victoria Wilson** u l-Prosekuzzjoni spjegatilha li ha taghmel referenza ghax-xhieda ta' Emanuel Ellul datata hdax (11) ta' April, elfejn u tlettax (2013) folio 135 fejn ix-xhud kien qal hekk: "Fis-sittax (16) ta' Mejju, meta dahlu l-*bids* l-unika nies barra jien" jigifieri Ellul, "u Victoria, Victoria Wilson li konna nafu li l-*bids* dahlu kienu l-avukati. Ghala? Ghax kelli kwistjoni u hawnhekk irreferejt li kellna *injection*, kelli a *potential bidder* pero' ma bbidjax illi taghni ittra li qalli biex niftahha f'nofsinhar (12:00pm) x'hin jghalqu l-*bids*. Meta ftahtha kienet protesta, kien qed javzani li ser johodna l-Qorti biex ma nifthux dawk il-*bids* u ovvjament lili, cempilt lill-avukat mill-ewwel". Mistoqsija x'taf tghidilhom fuq dan hija spjegat li tikkonferma dak li qed jghid is-Sur Ellul l-Ex Chairman tal-*Privatisation* illi l-*bids* ma nfethux. Milli tiftakar fid-dsatax

(19th) ta’ Mejju jigifieri tlett (3) ijiem wara, li kien it-Tnejn kien hemm il-*Court Injunction* minn dik il-kumpanija li kienet taghthom dik l-ittra u minghaliha fil-Qorti dehru fis-sitta u ghoxrin (26th) ta’ Mejju. Hija taf li l-*bids* infethu fid-disgha (9th) ta’ Gunju. Jigifieri hi tikkonferma dak kollu li qal is-Sur Ellul.

Mistoqsija jekk tafx lis-Sur Raymond Ferris hija spjegat li iva. Mistoqsija jekk taghrfux fl-Awla hija spjegat li iva. Mistoqsija jekk is-Sur Ferris kienx ikun prezenti maghhom ghal xi *meetings* u jekk iva f'liema kuntest kien ikun prezenti u ghan-nom ta' min hija spjegat li s-Sur Ferris kien rapprezentant tal-Enemalta u huma mill-*Privatisation* ikunu qeghdin jahdmu li kwalunkwe kumpanija li jkunu qeghdin jipprivatizzaw, dak iz-zmien kienu ghaddejjin b'disgha (9), u kienu jitolbu l-ghajnuna tal-kumpanija biex jekk ikollhom bzonn ta' xi nformazzjoni minn dik il-kumpanija jkunu, ikollhom din il-persuna li hi responsabbli biex iggibilhom l-informazzjoni. It's *what she would call a Liaison Officer*. Kien ikun maghhom il-ghaliex kien ikollhom bzonnu, pero' ma kienx parti mill-*Adjudication Group*, kien ikun hemm ghal dak li kellhom bzonn. Mistoqsija rigward meta hija semmiet informazzjoni, tiftakarx x'tip ta' informazzjoni kien jitlob lill-*Privatisation Unit* hija spjegat li enormi, u cioe’ meta ssemmi l-Enemalta per ezempju kien ikollhom bzonn kull tant xi problemi, bhal ma' xi *unions*, kienu jitolbu l-*agreements*, kien ikollhom bzonn in-numru ta' haddiema, kien igibilhom in-numru ta' haddiema, dawn l-affarijiet. Affarijiet li kienu jitilghu waqt in-negozjati mal-*bidders*. Mistoqsija jekk bhala *technicalities* ukoll kienux jitolbu xi affarijiet hija spjegat li *technicalities* huma kellhom it-*Technical Advisors* maghhom, jigifieri dik kienu jhalluha f'idejn it-*Technical People*. Pero' ghandha tissuspetta li jekk kellu bzonn jista' jkun, pero' hi ma tafx. Mistoqsija jekk tiftakarx min kienu

t-*Technical Advisors* hija spjegat li minghaliha kien Charles Daily, kumpanija Ingliza, pero' hija qieghda taht gurament li qed tiftakar kollox mill-memorja ghax access ta' karti issa ma fadlilhiex. Mistoqsija jekk hija lis-Sur Ferris giliex iltaqghat mieghu barra l-*Privatisation Unit* hija spjegat li kienu jiltaqghu waqt il-*Privatisation Unit*, forsi kien imur jiehu kafe' l-ufficcju jiddiskutu xi haga. Mistoqsija mill-Qorti jekk qattx lilha l-imputat offrielha xi rigal jew ghaddielha xi rigal hija spjegat li le zgur li le.

L-istess xhud fl-istess seduta in kontro-ezami ddikjarat li hija x-xoghol taghha fil-*Privatisation Unit* kien ta' *Transaction Manager* fejn kienet tkun responsabbli li l-*meetings* jigu flimkien, il-korrispondenza u dan, pero’ ma kinitx fl-*adjudication*. Mistoqsija kemm kienet ilha tafu hija spjegat li minghaliha l-ewwel darba li gie ntrodott mal- *Privatistation* kien elfejn u sitta (2006), pero' m'hijiex certa. Mistoqsija jekk hux snin hija spjegat li l-ghaliex l-ITT harget fl-elfejn u sebgha (2007) jigifieri jista' jkun li kienu ilhom sena jippreparaw. Mistoqsija jekk hija kinitx ilha tafu sena f'dik il-kariga tal-*Liaison Officer* hija spjegat li tafu jigifieri jiltaqghu fil-laqghat u hekk mhux li tafu personali. Mistoqsija jekk f’dik is-sena ma ratx xi ghajn hazina jew xi haga li mhix flokha min-naha tieghu hija spjegat li kieku rat kienet titkellem. Mistoqsija rigward il-*prohibitory injunction*, dik l-ittra li semmiet jekk kinitx anonima jew iffirmata hija spjegat li jekk tiftakar sewwa dik kienet ittra li giet moghtija lilhom. Hija qalet li l-*prohibitory injunction* ghamluha wara, lilhom kienu tawhom ittra. Mistoqsija jekk dik l-ittra kinitx l-istess hija spjegat li x'kien il-kontenut tal-ittra ezatt ma tiftakarx, pero' tiftakar illi l-parir tal-avukati tal-*Privatisation* kienet li ma jifthu xejn. Hija ddikjarat illi l-ittra kienet inghatat bl-idejn lil Mr. Ellul l-Ex Chairman tal-*Privatisation*. Mistoqsija rigward dik l-ittra kinitx mibghuta mill-istess nies li mbaghad ghamlu l-Mandat ta' Inibizzjoni hija spjegat li

jekk tiftakar sewwa iva. Mistoqsija jekk tiftakarx jekk hux tal-Imhallef Geoffrey Valenzia hija spjegat li ma tiftakarx min kien. Mistoqsija jekk tafx pero' li kien hemm iktar minn wiehed (1) hija spjegat li le qabel ma fethu l-*bids injunction* wahda (1) biss kellhom wara li fethu l-*bids* iva imma. Mistoqsija jekk gietx michuda u mbaghad fethuha hija spjegat li safejn taf hi kien gie a favur taghhom biex fethu l-*bids* f'dak il-lejl ghax kieku ma kinux jifthuha.

Illi nhar id-19 ta' Mejju, 2014 xehed l-**Inginier Alexander Tranter** u spjega li huwa kien jokkupa l-kariga ta' *Non Executive Chairman* tal-Enemalta bejn il-perjodu tal-ewwel (1) ta' Lulju, elfejn u hamsa (2005) u l-wiehed u tletin (31) ta' Mejju, elfejn u ghaxra (2010). Huwa kien gie appuntat mill-Gvern fil-kariga ta' *Chairman* tal-Korporazzjoni sabiex jiccerja l-*Board* tal-Enemalta.

Lill-imputat odjern jafu bhala Raymond Ferris u bhala Ufficjal tal-Enemalta. Mistoqsi jekk kellux xi tahdidiet mas-Sur Raymond Ferris fil-kariga tieghu spjega li iva kellu dwar l-operat tal-Enemalta u l-funzjonijiet li hu kien jaghti lill-istess Enemalta.

It-titolu ta' Raymond Ferris illum-il gurnata ma jiftakrux pero' jaf li kien il-bniedem responsabbli ghall-progetti li kienet tiehu hsieb l-Enemalta. Jista' jghid li m'huwiex l-ewwel darba illi Raymond Ferris kien gie mghajjat quddiem il-*Board* tal-Enemalta u dan ghaliex kien ikollu xi presentazzjonijiet x'jaghmel lill-*Board* u spjega li kien jiltaqa' mieghu wkoll dwar progetti li kien jiehu hsieb fejn kien jirrapprezenta lill-Enemalta mal-*Privatisation Unit*.

Bhala *Board* ma jistax jiftakar li effettivament qatt ircevew xi lment jew xi rapport dwar l-operat tas-Sur Ferris fuq ix-xoghol u lanqas fil-vesti tieghu personali bhala *Chairman*. Rapporti qatt ma rceva. Huwa qatt ma rceva xi rapporti dwar l-imputat. Spjega illi l-imputat kien gie appunat mill-Enemalta stess sabiex ikun il-persuna responsabbli u l-kuntatt bhala *Liason Officer* mal-*Privatisation Unit*.

Illi nhar id-19 ta’ Mejju, 2014 xehed **Ivan Falzon** u spjega li huwa ghandu professjoni ta' *Accountant* pero' illum-il gurnata pensjonant u ghamel xi zmien membru tal-*Adjudication Board* tal-*Privatisation Unit*. Spjega li hu kien wiehed mill-membri fundaturi meta twaqqfet il-*Privatisation Unit* u dana sa xi sentejn (2) jew tlett (3) snin ilu. Gieli kellu pozizzjoni fl-*Adjudicating Team* per se u gieli kien fil-*Unit* bhala *back up support* u dan ghaliex kien ikun hemm xi membru iehor mill-Mimcol stess li jkun fl-*Adjudicating Board*.

Huwa kien jokkupa l-kariga ta' *Chairman* tal-Mimcol u kien jokkupa din l-istess kariga sakemm spicca xi sentejn (2) jew tlett (3) snin ilu. Pero' fil-*Privatisation Unit* ma kienx fit-*term* kollu fil-kapacita' tieghu bhala *Chairman*. Spjega illi l-imputat jafu bhala Raymond Ferris ghaliex kien wiehed mill-persuni fl-*Adjudicating Team*. U spjega li qabel ma kien hemm l-imputat jirrapprezenta l-Enemalta fuq il-*Board* kien hemm persuna ohra nominata mill-Onorevoli Austin Gatt.

Sussegwentement ma baqax l-istess Ministru u l-Enemalta appuntat lil Raymond Ferris l-imputat. Spjega illi Ray Ferris ma kienx fil-*Unit* bhala *Adjudicator*. Kien il-*Liason Officer* bejn l-Enemalta u l-*Privatisation Unit* u dana sabiex jekk ikunu jridu nformazzjoni mid-*data room* kienu juzaw is-servizz tieghu. Waqt li l-imputat kien il-*Liason Officer* fl-*Adjudicating Board* dak iz-zmien kienu qeghdin jithaddtu sabiex jipprivatizzaw il-*Petroleum Division*. Naturalment ikun hemm affarijiet li huma teknici jew kuntratti li trid tipprezentahom u ghalhekk hemm bzonn illi d-*data* tigi *updated* u jekk waqt il-*meetings* ikollhom bzonn xi nformazzjoni ulterjuri dwar xi suggett naturalment li ghandu x'jaqsam mal-*Petroleum Division* kienu jaghtu struzzjonijiet lil Raymond Ferris sabiex igibilhom informazzjoni li jkun ikollhom bzonn ghas-seduta ta' wara.

Safejn jaf hu Raymond Ferris dejjem ikkopera maghhom u dejjem gabilhom l-informazzjoni mitluba minnhom. Safejn jaf hu hadd qatt ma gabilhom xi rapport dwar l-etika tas-Sur Ferris.

Illi nhar it-13 ta’ Ottubru, 2014 xehed l**-Inginier Karl Camileri** fejn ikkonferma li huwa kien jokkupa l-kariga ta' Chief Executive Officer tal-Korporazzjoni Enemalta u dan bejn il-perjodu Novembru, elfejn u disgha (2009) u Novembru, elfejn u hdax (2011). Spjega li f'dan il-perjodu kellu tlett (3) Chairmen differenti u cioe' l-ewwel l-Inginier Alexander Tranter, imbaghad Mr Edmond Gatt Baldacchino u finalment William Spiteri Bailey. Teknikament it-tlett (3) Chairmen kienu kollha *non executive* pero' jaf li kien hemm zmien meta kien hemm Alexander Tranter meta kien jokkupa kariga esekuttiva ghaliex ma kienx hemm Chairman. L-imputat jafu, jafu bhala Raymond Ferris u jafu tramite l-korporazzjoni.

Spjega illi Raymond Ferris kien jokkupa l-kariga ta' speci ta' Liason Officer mal-Privatisation Unit taht id-Dipartiment li dak iz-zmien kien jaqa' taht il-finanzi u jaf li kellu dak l-irwol primarju u t-titolu tieghu kien Chief Projects Officer. Spjega li ma kienx hu li nnomina lil Raymond Ferris f'dik il-pozizzjoni izda sabha hemmhekk. Meta kien mar u spjegalu x'kienet il-*brief* tal-irwol tieghu kien qallu li huwa kien gie appuntat bhala Privatisation Officer bejn il-Unit tal-Enemalta u ghal kull logistika li kellha bzonn il-Privatisation Unit u cioe’ studji, analizi u nformazzjoni. L-imputat kien jara li l-Enemalta taghti din l-informazzjoni lill-Unit u kemm dam jokkupa l-kariga tieghu ta' CEO jaf li s-Sur Ferris baqa' bl-istess kariga. Mistoqsi jekk il-kuntratt tas-Sur Ferris kienx wiehed definit jew indefinit spjega illi kien definit izda wara sar indefinit. Jaf li pero' meta kien dahal huwa xoghol il-kuntratt tas-Sur Ferris kien wiehed ta' Manager. Jekk kienx definit jew indefinit ma jafx. Pero' jaf li sussegwenti kien mar ikellmu u kien tah karta ffirmata mis-CEO ta' qablu li huwa kellu wkoll *designation* ta' Chief Officer. Pero' ma kienx jezisti kuntratt. Huwa kien tkellem mal-Avukat internament fejn effettivament l-imputat kien gie elevat ghal Chief Officer u l-Avukat taghhom intern Dr. David Degiorgio illi l-kaz huwa car, il-firma tas-CEO hemm qieghda, tkellem mal-Inginier Alexander Tranter u jaf li kien tah kuntratt bil-kariga ta' Chief Operation Officer fil-fatt u jaf li kienu rrangaw n-nomeneklatura. Jaf li dan il-kuntratt imbaghad kien wiehed definit. Mistoqsi jekk kemm dam huwa CEO kellux ilment spjega illi mal-Korporazzjoni ma kienx jahdem effettivament, li jista' jghid li mill-Privatisation Unit il-*feedback* kien dejjem ikun wiehed posittiv. Qatt ma kellu rapport negattiv fil-konfront tieghu.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar it-28 ta’ Novembru, 2014 (fol. 268) sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Rat illi fil-5 ta’ Frar, 2015 gew moqrija l-artikoli u l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Illi nhar it-18 ta’ Dicembru, 2014 xehdet **Claire Axiaq** u spjegat li llum il-gurnata hija tahdem l-Airmalta u qabel l-Airmalta kienet tahdem l-Enemalta. Waqt li kienet tahdem l-Enemalta kienet tokkupa l-kariga ta' Private Assistant fis-CEO u tghid li s-CEO dak iz-zmien kien Louis Giordimaina. Huwa minnu li f'xi zmien kienet irceviet xi korrispondenza minghand l-Ispettur Angelo Gafa' u spjegat li jekk tiftakar sewwa li din kienet titratta dwar *employment history* ta' Mr Raymond Ferris u spjegat li effettivament hija kienet ghaddiet din l-informazzjoni lill-Ispettur Gafa' tramite *email*.

Mistoqsija jekk kellhiex korrispondenza ohra mal-Ispettur Gafa' wara li kienet ghaddietlu dak li kien talabha spjegat li le ma kellhiex. Giet murija dokument GA9 a fol. *fifty three* (53) u spjegat li dan huwa dokument li hija kienet baghtet lill-Ispettur Angelo Gafa'.

Illi nhar il-5 ta’ Frar, 2015 xehed **Godwin Debono** u spjega li huwa jokkupa l-kariga ta’ geofiziku. Din hija l-professjoni tieghu. Huwa kien fuq il-Bord tal-*fuel procurement* tal-Enemalta u dana sal-perjodu tal-elfejn u sitta

(2006). Beda ftit wara l-elezzjoni fis-sena elfejn u tlieta (2003). Spjega illi l-Enemalta kienet tohrog *offers* ghall- *procurement* taz-zejt indipendentement minn dan il-Bord. Huwa kien jippartecipa biss meta kienu jidhlu l-offerti u dana sabiex l-*award* tinghata lill-inqas offerta. Naturalment kull offerta tohrog b'numru ta' *specifications* u huma jivverifikaw li dawn l-ispecifications tal-offerta jkunu tajbin. Huwa mportanti illi l-offerta tkun skont il-kriterji li jkunu hargu u sussegwentement jekk ikun hemm iktar minn wahda, l-irhas wahda tohodha. L-imputat ma jafux u qatt ma ltaqa' mieghu u lanqas jaf min hu.

**L-imputat Raymond Ferris** kien gie nvestigat u rrilaxxja zewg sqarrijiet kif imsemmija aktar 'il fuq immarkati bhala Dok GA 4 u Dok GA5 rispettivament li jinsabu esebiti fil-process a fol. 43 et seq. Jinghad li dawn l-istqarrijiet gew rilaxxati wara li l-imputat inghata l-fakolta li jitkellem ma' avukat liema jedd huwa rrinunzja ghalih kif jirrizulta mid-dokument esebit fl-atti a fol 42 immarkat bhala Dok GA3.

Fl-istqarrija li huwa rrilaxja nhar is-27 ta' Frar 2013 (Dok GA4) jghid li huwa kien impjegat fil-kariga ta' Chief Project fil-Korporazzjoni Enemalta. Jghid li l-impjieg tieghu kien gie terminat peress li kien hemm *restructuring* fil-korporazzjoni u kien ha *hand shake*. Jghid li huwa bejn is-sena elfejn u sebgha (2007) u elfejn u tmienja (2008) kien jokkupa l-kariga ta' *liason officer* bejn l-Enemalta u l-Privatisation Unit waqt il-privatizazzjoni tal-Petroleum Division tal-Enemalta. Jikkonferma li ma kienx jifforma parti mill-Adjudicating Committee. Mistoqsi jekk jafx lil George Farrugia jghid li jafu u jaf ukoll li kien tefa xi offerta sabiex jiehu t-tender. Qal li darba minnhom kien cempillu dan George Farrugia u qallu li xtaq ikellmu u mar

ghandu l-ufficcju hdejn l-ufficini tal-HSBC gewwa Hal Qormi. Jghid li meta kien hemm qallu li xtaq jirbah it-tender tal-privatisation tal-petroleum u qallu kif seta' jghinu biex jiehu t-tender. Spjega illi huwa ma jiddeciedi xejn u xoghlu kien biss sabiex jaghti xi spjegazzjonijiet. Qal li qabel ma telaq dan Farrugia kien tah xi rigali u qallu 'ara lil min ser taghti dawn ir-rigali'. Jghid li fil-fatt dan Farrugia ghamillu hafna *pressure*. Ma kienx jaf x'ser jaghmel bihom u ghalhekk iddecieda li ma jghid lil hadd dwarhom u qabad u hadhom id-dar. Jghid li wahda minnhom kienet centru tal-kristall u l-ohrajn kienu bombonieri tal-fidda. Qal li zammhom id-dar sakemm Farrugia gie skwalifikat. Wara jghid li mar bihom ghand Azzopardi Jewellers tal-Furjana u zied xi flus maghhom u biddilhom ma' tray tal-fidda. Huwa fil-fatt jghid li dawn ir-rigali kienu gew stmati ghal prezz ta' elfejn u seba' mitt ewro (€2,700). Mistoqsi jekk qalx lil Farrugia x'ghamel b'dawn ir-rigali wiegeb fin-negattiv. Mistoqsi ghaliex qabel kien ta spjega differenti jghid li ppanikja pero' din kienet il-verita' kollha. Jghid li huwa qatt ma kellu x'jaqsam ma' pulizija. B'mod kategoriku jichad dak li gie allegat lilu u cioe' li huwa mar fl-ufficcju ta' Farrugia u talbu erba' rigali sabiex jghaddilhom lil membri tal-Adjudicating Committee. Jghid li huwa kien injora t-talba ta' Farrugia sabiex jaghti dawn ir-rigali. Jghid ukoll li quddiemu Farrugia jghid li kienu tlieta r-rigali kif qal hu stess u mhux erbgha kif gie allegat lilu mil-pulizija. Jichad ukoll dak li gie kkonfrontat bih u cioe' li huwa talab is-somma ta' erbghin elf ewro (€40,000) lil Farrugia una volta jirbah it-tender.

Huwa rrilaxxja stqarrija ohra l-ghada u cioe' fit-28 ta' Frar 2013 (Dok. GA 5 fol 47). Mistoqsi jekk hux minnu li r-rigali li kien tah Farrugia kienu ntizi sabiex jigu moghtija lil xi membri tal-Adjudicating Committee u membri tal-MOBC jghid li dik hija l-verzjoni ta' Farrugia izda huwa ma ghamel xejn minn dan. Jichad ukoll li kien hu li qal lil Farrugia li huwa seta' jezercita

x'influwenza fuq membri ta' dan il-kumitat u fil-fatt qatt ma ezercita ebda influwenza fuq hadd. Jichad ukoll kif gie allegat lilu li kien ftiehem ma' George Farrugia li una volta s-socjeta' tieghu Power Plan tirbah it-tender huwa jinghata s-somma ta' erbghin elf ewro (€40,000) sabiex jaqsamha mal-membri tal-Adjudicating Committee. Jghid li huwa qatt ma talab din is-somma u ghalhekk ma kien hemm l-ebda somma biex jaqsam. Jghid ukoll li qatt ma kien hemm membru ta' dan il-kumitat li talbu xi rigal minghand George Farrugia. Jghid li kienu nies ta' integrita kbira. Mistoqsi jekk qatt ircieva xi rigal iehor waqt li kien jahdem l-Enemalta jghid li le. Jghid li huwa ma rrapporta dan l-incident lil hadd ghaliex haseb li kien ser jikkomplika l-affarijiet u kollox kien idur kontrieh. *Ex admisses* fl-ahhar parti ta'l-istqarrija jghid testwalment hekk "*George kien tani dawk ir-rigali fl-istess waqt li qalli, "ara x'tista' taghmel biex nirbah it-tender jien." Minkejja li jien hadt dawn ir-rigali nghid li ma nterferejt ma' hadd. Ma' George ma rgajtx tkellimt fuq din il-bicca xoghol ghax it-tender ma hadhiex hu*."

**L-imputat Raymond Ferris** xehed viva voce l-Qorti f'aktar dettal nhar l-24 ta' Marzu 2015 fejn iddikjara li qabel ma kien gie akkuzat bl-akkuzi odjerni huwa kien jahdem l-Enemalta Corporation. Huwa kien jokkupa l-kariga ta' Chief of Projects Petroleum and Gas u tenna li ha din il-kariga gradwalment. Huwa qabel kien jokkupa l-kariga ta' Manager Projects u wara s-CEO kien sejjahlu sabiex imexxi l-Petroleum Gas u progetti kbar fosthom il-Privatisation Unit. Ic-Chairman dakinhar kien l-Inginier Alex Tranter. Huwa sar jaf lil George Farrugia ghaliex huwa kien applika sabiex jiehu koncessjoni tal-gass u kien mar ma' xi nies biex iduru s-sit. Fost in-nies li kien gab kien hemm xi nies barranin ma' min huwa kien se jaghmel dan in-negozju. Spjega li dawn kienu gew fid-*data room* biex jaghmlu *due diligence*. Kien hemm il-files kollha li jikkoncernaw id-Dipartiment tal-Gass

u dan sabiex eventwalment wara li jaghmlu l-evalwazzjoni jaghmlu l-*bid*. F'dan il-kaz il-Gvern ried li d-Dipartiment tal-Gass jigi privatizzat ghal tletin (30) sena.

Effettivament meta’ huwa ltaqa’ ma' George Farrugia t-tender kien diga' hareg. Mistoqsi jekk kienx hemm *bidders* ohra apparti dik ta' George Farrugia wiegeb li iva kien hemm ohrajn. Xoghlu kien sabiex jaghmel *liason* bejn il-Privatisation Unit, tal-Korporazzjoni ghax wara kollox kien qed jirrapprezenta l-Korporazzjoni u l-*bidders* kollha. Huwa beda jahdem bhala Liason Officer mis-sena elfejn u sitta (2006) u qal li sal-akkuzi odjerni kienu ghaddew sentejn (2) u huwa kien stazzjonat ir-raba’ sular tal-Administration Block f'dawn is-sentejn (2) fil-Power Station tal-Marsa u ghalhekk fl-ufficini tal-Enemalta.

L-imputat tenna li ta' sikwit kien jara lil George Farrugia fil-kurituri tar-raba’ sular u peress li kien ghamel konoxxenza mieghu kien isellimlu, jghidlu bongu u jaghtu t-tislima lil xulxin. Effettivament George Farrugia kien jidhol ghand ic-Chairman u kien jidhol ghand il-Financial Officer. Fil-fatt lil George Farrugia kien jarah fil-post bejn darbtejn (2) jew tlett (3) darbiet f'xahar. L-imputat fil-fatt ma kienx jarah jitkellem mal-Financial Officer jew mac-Chairman pero' kien jarah jistenna barra l-ufficcju taghhom biex jidhol ikellimhom. Pero' fl-inkontri li kien ikollhom ma' dawn in-nies huwa qatt ma ppartecipa.

Huwa beda x-xoghol tieghu mal-Enemalta fis-sena elfejn u hamsa (2005) u qal li ma kienx facli u fil-fatt kien hemm min hadu fuq demm id-dars. Fil-fatt anke sahansitra kien hemm drabi meta kien jitlob ghal xi file kienu

jaghmluha mpossibbli li jkollu access ghalih. Is-segretarja tawhielu wara tlett (3) snin minkejja li kellu hafna xoghol u qal li l-atmosfera tax-xoghol kienet wahda fejn ikellmuh ghax bilfors.

L-imputat jahseb li trattawh hekk ghax kien *fair* ma' hafna. Huwa sostna li fil-fatt naqqas hafna l-ispiza li kien hemm, ma kienx japprova hafna affarijiet u ma kienx bhall-ohrajn fis-sens li jiffirma u jghaddi kollox. Huwa sostna li kien jaghmel xoghlu fis-sens li jistaqsi u ma japprovax l-affarijiet li ma dehrlux li kellu japprovahom. Sussegwentement kien hemm kuntratt kbir tal-Power Station il-gdida tal-BWSE u spjega li kien cempillu s-CEO u cioe' l-Inginier Carl Camilleri fejn kien qallu biex jiffirma r-rapport tal-*final adjudication* u biex jiffirma l-kuntratt.

Il-kuntratt tal-Power Station kellu bzonn il-firem ta' sitta (6) jew tmienja (8). Huwa tenna li David Spiteri Gingell kien irrizenja mill-kariga li kellu qabel u ghalhekk talbu l-firma tal-imputat floku u dan mhux fil-posizzjoni li kellu pero' bhala firma. Naturalment huwa xtaq jarah dan il-kuntratt li kien ha jiffirma u beda jaqra dan il-kuntratt. Fil-fatt sostna li qrah xi tlettax (13)-il darba u kien qed jikteb in-notamenti tieghu u qal li ma hassx li kellu jiffirma ghal mitejn miljun (200,000,000) u ghalhekk irrifjuta li jffirma dan il-kuntratt.

Huwa stqarr illi ma riedx jiffirma peress illi l-Gvern f'dan il-kuntratt kien ha jixtri prototype u l-Gvern is-soltu ma jixtrix prototype, salv jekk il-prototype ma jiffinalizzax l-istudju hu. Fit-tieni lok minhabba l-kwistjoni tal-*abatement* li jwaqqa' s-socks (Sox) u nocks (Nox) u cioe' l-carbon monoxide u biex taghmel l-abatement kienet se tiswa' seba' u ghoxrin miljun

(27,000,000) pero' kien hemm kelma fl-*adjudication report* li *it was plausible* u cioe' xejn garantit. Huwa tenna li l-Power Station kienet se tahdem bil-*heavy fuel oil* waqt li fir-rapport kien hemm miktub li tal-gass kienet irhas u ma kienx hemm *abatement* u ghalhekk ma kienx bzonn li jsir dan l-*abatement* u cioe' l-valur ta' sebgha u ghoxrin miljun (27,000,000). Start up kienet iktar malajr ta' ghoxrin (20) minuta cioe' meta l-magna tkun mejta. Kien ikun hemm metragg partikolari illi tal-BWSE kien hemm metragg differenti iktar mill-ispecs li talbu huma, u fl-*adjudication* kien hemm dawn l-affarijiet kollha miktubin li huwa hass li dawn ma kinux flusu izda flus il-poplu u beza' li fil-futur issir investigazzjoni fejn isaqsuh ghalfejn iffirma. Kien ghalhekk li ma ffirmax ghaliex kienet kontra l-kuxjenza tieghu.

L-imputat spjega li l-*heavy fuel oil* ihammeg hafna aktar mid-diesel u l-gass ihammeg hafna inqas. Qal li l-apparat li gie ttenderjat kien sempliciment switch minn diesel ghall-gas mentri l-ohra u cioe' tal-BWSE kien hemm xi spiza ta' xi sebgha u ghoxrin miljun (27,000,000) ghall-konverzjoni u ghalhekk ma ffirmax. Huwa jaf illi l-Inginier is-CEO Carl Camilleri kien baghat ghalih u qallu li l-ohrajn kienu ffirmaw u qallu li huwa pero' ma kienx f'pozizzjoni li jiffirma. Filfatt spjegalu r-ragunijiet tieghu kif spjega lill-Qorti. Fil-fatt kien issuggerixxa li huma jiltaqghu mal-Head of Electricity u jmorru jieklu u jitkellmu u jghid li dan kien l-Inginier Peter Grima. Huwa qed jiftakar li kien hemm raguni ohra ghaliex huwa ma ffirmax u dan ghax ma kellhomx kuntratt tal-ispare parts.

Huwa qal ukoll li l-*operation* ta' cast kien gholi hafna xi tlettax (13)-il tunellata *ash* kuljum ghax sussegwentement trid tarmih ukoll u dan il-kuntratt ma kienx jezisti lanqas. Effettivament marru jieklu l-Hilton u kienu

huwa, s-CEO Carl Camilleri u l-Inginier Peter Grima u kien rega’ issolleva dawn il-punti kollha u l-Inginier Peter Grima dakinhar qallu li dik hi s-sitwazzjoni u dik ha tibqa'. Huwa fil-fatt spicca jiekol u qalilhom li kien qed jitlef il-hin tieghu u telaq l'hemm u ma ffirmax. Tenna li wara dan l-incident kien hemm hafna kurrenti. Huwa ddikjara li lilu bdew ma jkellmuhx, jekk ikun gol-lift ma jidhlux, jitilghu bit-tarag, nehhewh mir-raba’ sular u poggewh fl-ewwel sular. Fil-fatt kienu poggewh go ufficcju ikrah u s-segretarja tieghu ma kellhiex fejn toqghod tant li kellu joqghod ma' genbha. Wara qatghuh mil-laqghat ministerjali u meta’ johorgu jieklu ma kinux jghidulu.

Mistoqsi ghal-liema perjodu huwa kien gie skartat wiegeb li kien bejn is-sena elfejn u disgha (2009) u l-elfejn u ghaxra (2010). Jiftakar illi fil-hdax (11) ta' Jannar, elfejn u tnax (2012) u cioe’ dakinhar li kien inkalja l-Concordia kien ghajjatlu c-Chairman l-Inginier Louis Giordimaina u fil-fatt kien fid-Dipartiment tal-Gas, Birzebbugia li dak iz-zmien kienet qed tigi rranjatha mill-Enemalta pero' ghan-nom tal-Liquigas.

L-imputat kien tela’ hemmhekk dakinhar ghax kien hemm xi problemi bil-union u dan ghaliex bejn il-hmistax (15) ta' Dicembru u l-hmistax (15) ta' Marzu meta jkun hemm hafna kesha jibdew jibbottiljaw anke ghaxart elef (10,000) cilindru kuljum. Fil-fatt jiehu n-nies mill-Power Station biex jahdmu hemmhekk u jilqghu d-domanda u kien hemm *shop steward* partikolari li beda jxewwex in-nies biex ma jahdmux.

Huwa mar hemmhekk, tkellem max-*shop steward* u pprova jgib kollox ghan-normal u waqt li kien hemmhekk xi s-saghtejn ta' wara nofsinhar

(14:00) rcieva sms u qalulu li c-Chairman xtaq ikellmu u c-Chairman dak iz-zmien kien Louis Giordimaina u staqsewh jekk hux possibbli jkun ghal-laqgha fit-tlieta u kwart (15:15) u fil-fatt wiegeb li kien possibbli li huwa jkun prezenti.

Huwa jiftakar li dakinhar li kien mar kienet il-kesha u ha kikkra te' u qalilha li wasal. Fil-fatt kien qalilha li kien sema' lic-Chairman jitkellem u seta' kien hemm in-nies pero' qaltlu biex jidhol. Hemmhekk huwa sab lil Dr. Andrew Borg Cardona u c-Chairman. L-imputat tenna li minn mindu kien gie mahtur f'Novembru ta' qabel kien rah xi darba fil-Milied u qallu dakinhar illi xoghlu kien spicca u qallu biex jippakja u jitlaq. Fil-fatt ghal din il-laqgha seta' jkeccieh b'dak il-mod ghax kien ilu jahdem maghhom seba' (7) snin. Fil-fatt huwa kellu mpjieg *of trust* u ghalhekk setghu jitterminawulu. Huwa gie nfurmat li kienu lesti li jaghtuh ghaxart elef (10,000), jippakkja u jitlaq. Qallu wkoll li kien lest li jaghmillu rakomandazzjoni. Pero' l-imputat wiegbu li ma kienx sodisfatt b'ghaxart elef (10,000) u tenna li dak iz-zmien huwa kien jaqla' tlieta u erbghin elf (43,000) fis-sena. Fil-fatt kien talabhom jaghtuh somma differenti cioe' wahda xierqa u tawh erbgha u sittin elf u erba' mitt ewro (€64,400) u baqa' bla xoghol u ghadu bla xoghol sa llum.

Huwa jiftakar li darba minnhom kien qieghed il-Gas u kien ircieva telefonata. Id-data ezatt ma jiftakarhiex pero' jaf li kellhom id-*drinks* tal-Milied liema *drinks* isiru bejn it-tmintax (18) u l-ghoxrin (20) ta' Dicembru, u ghalhekk it-telefonata rceviha f'dawk iz-zminijiet. Filfatt kien cempillu George Farrugia tat-Total fejn awguralu u staqsieh jekk hemmx cans li jmur jiehu drink mieghu. Farrugia talbu sabiex jghaddilu l-ufficcju tieghu wara li jispicca fejn kien mal-Gas. L-imputat staqsieh fejn kien dan l-ufficcju tieghu

u qallu biex imur jistenna fil-vicinanzi tal-HSBC Headquarters ta’ Hal Qormi. Huwa lesta x-xoghol kollu li kellu u qallu li kien se jieqaf hemm bhala kortezija, jiehu drink tal-Milied u wara jmur il-*party* tas-sular taghhom tal-Enemalta.

Meta’ wasal hemmhekk sab lil George Farrugia fuq il-bankina, hareg jawguralu u naturalment haseb li kien se jmur jiehu *drink* u dak il-hin qallu li xtaq jiehu t-tender li kienet hierga tal-Petroleum u qallu hares jekk jehodha hu ghal mieghu u offrielu *job*. Huwa dak il-hin ma wiegbux la fin-negattiv u lanqas fil-pozittiv.

Huwa ddikjara li fl-ewwel lok kien kuntent bix-xoghol li kien qed jaghmel l-Enemalta u jekk imur mieghu jigi f'kunflitt ta’ interess mal-ohrajn kollha. Imbaghad Farrugia qallu li kien lest li jaghmel il-petrol stations u kien jinkariga lill-imputat biex imexxi l-operat waqt li Farrugia stess jiehu hsieb ibiegh iz-zejt u jimpurtah u l-marketing u hekk ikun f'idu. Farrugia kien staqsa lill-imputat x'jahseb u jekk kienx hemm cans li jehodha u l-imputat wiegbu li hemm Adjudicating Board u li huwa ma kellux x'jaqsam ma’ dan l-Adjudicating Board. Ghamlu xi kwarta u Farrugia qallu kif kien bi hsiebu jopera una volta jiehu t-tender. L-imputat stqarr illi ma kienx qed ihossu f'postu ghaliex sab ruhu go rokna u qal li fil-fatt baqghu fuq it-targa tal-ufficcju. L-imputat hadlu b'idu, dahal fil-karozza u talbu jistenna minuta u gab kaxxa fiha xi *one foot (1ft) by three inches (3")* irrepjatha f'dawk il-*brown papers* li jkunu *sprayed* u zewg (2) pakketti zghar homor fis-sens ta' kaxxi sprenjat ahmar u qallu li kellu xi haga u qallu *Happy Christmas*. L-imputat qallu grazzi u hekk kif kien se jitlaq Farrugia talbu biex jghaddilu kelma u jekk ried seta’ jaghtihom dawn li tah u jgiblu ohrajn. Dak il-hin l-

imputat stqarr illi xxokkja ruhu u ma riedx jiehu decizjoni ta’ dak il-hin, qabad u saq lil hemm. L-imputat mar l-ufficcju, tellghahom mieghu fl-ufficcju, fetahom u sab *bowl* rettangulari tal-kristall u zewg bombonjieri tal-fidda zghar ftit ikbar mill-ghonq ta' landa tonn taz-zejt. Fetah il-*cabinet* u waddabhom hemm u ghamlu xi sena u xahar f'dak il-*cabinet* u nel frattemp beda l-process tat-tender normali.

L-imputat spjega li r-rigal huwa hadu fl-elfejn u tmienja (2008) u jiftakar li fi Frar tal-elfejn u disgha (2009) kellu jaghti distribuzzjoni ta' gass lill-koncessjonarju l-gdid. Peress li huma kellhom xi sitt mitt elf (600,000) cilindru pprova li n-nies ma jaghmlux *holding* tac-cilindri u jaghtu biss ghall-bzonn biex ikollu kontroll ghall-*handover* tac-cilindri u tal-gaggi cioe' dawk li jkun hemm fuq it-trakk li jgorru c-cilindri. B'hekk jitnizzlu minn fuq il-vettura permezz tal-fork lifter u dan peress li kellu rendikont tal-gageg u tac-cilindri lill-koncessjonarju l-gdid li llum huwa Liquigas. Spjega li dan kien l-istess tender li kien qed jibbidja ghalih ukoll George Farrugia li effettivament kien il-*preferred bidder* peress li kien ghadu ma ffirmax il-koncessjoni u ghalhekk ma kienx ghadu *successful* u dan kollu fl-elfejn u tmienja (2008) ghax fi Frar tal-elfejn u disgha (2009) kellu jaghti l-*hand over* tad-distribuzzjoni.

L-imputat spjega li dan kien it-tender li xtaq jiehu George Farrugia. Meta huwa ha r-rigali minghand George Farrugia ga kien hemm il-*preferred bidder* ghax fil-fatt ir-rigali hadhom f'Dicembru u l-koncessjonarju l-gdid ha d-distribuzzjoni fi Frar tas-sena ta' wara. Meta’ s-Sur Farrugia qallu li seta’ jaghtihom lil haddiehor huwa fehmu li kien qed jirreferi lil tal-Ajudicating Committee.

L-imputat spjega li sussegwentement kien hemm tender iehor wara tal-gass u fost il-*bidders* kien hemm George Farrugia. Spjega li l-*expression of interest* gabruha sittax-il kumpanija pero’ kienu ghaxra li bbidjaw. F’din it-tender rebhet  is-socjeta’ BB Energy, it-tieni gie Falzon u t-tielet ipplejsjaw Petroleum u Power Plan.

L-imputat tenna li r-rigali li gew f’idejh kien zammhom fil-*cupboard* ghal sena. Huwa stqarr illi ommu kienet mietet u hallietlu xi flus u xtaq jixtri xi haga biex ikollu tifkira ta' ommu. Kien mar ghand Joe Azzopardi biex jara x’jista’ jixtri bhala rikordju u ra l-famuz *tray* li sussegwentement gie esebit f'dawn il-proceduri. Staqsa lil Joe Azzopardi kemm iqum u qallu li kien jiswa' elfejn u seba' mitt ewro (€2,700). Fil-fatt l-imputat qallu li kellu xi rigali li m'ghogbuhx u xtaq ibiddilhom jekk jaccettahom. Huwa rahom u tah valur taghhom u l-imputat zied maghhom u ha t-*tray*. Is-Sur Azzopardi tah valur ta' tlett mitt ewro (€300) ghal dawn l-oggetti, zied elfejn u erba' mija maghhom (2,400) u ha t-*tray*.

Mistoqsi ghaliex effettivament ma kellux reazzjoni mod iehor meta rcieva dan ir-rigal huwa stqarr illi dan George Farrugia kien midhla tal-kbarat tal-Enemalta. Il-biza' tieghu kienet tali li jekk jirrapporta din il-kwistjoni ha tigi *back fired* fuqu. L-imputat sostna li huwa kellu prijorita' ghax dak iz-zmien kellu zewgt (2) itfal l-Universita', il-mara tieghu ma tahdimx u huwa l-unika *bread winner.*

Fil-fatt jaf illi dan George Farrugia kien ikun dejjem mac-Chairman sahansitra anke siefer mieghu u anke mac-Chairman ta' qablu. Ikkonferma li fil-fatt Farrugia kien siefer ma' Alexander Tranter. Sussegwentement kien gie mahtur Gatt Baldacchino pero’ m’huwiex cert jekk sifirx ma' Gatt Baldacchino. L-imputat jaf li effettivament George Farrugia kien imur jitkellem ma' Gatt Baldacchino wkoll ghax kien jarah barra l-ufficcju tieghu u kien jarah ukoll ghand il-Financial Controller Pippo Pandolfino bl-isem ta' Joseph maghruf bhala Pippo. Kien ukoll midhla ta' Frank Sammut u ta' Tancred Tabone, effettivament kienu kollha midhla ta' xulxin. L-imputat hass illi kieku tkellem dawn kienu jtajruh tlett (3) snin qabel milli effettivament tajjruh dakinhar ta' zewg (2) minuti kollox.

Huwa jiftakar li darba fost l-ohrajn il-Pulizija kienu baghtu ghalih u kienu talbuh biex imur id-Depot u naturalment mar. Huwa pogga bilqieghda u tawh kafe'. Fil-fatt kien hemm is-Supretendent Vassallo u l-Ispettur Angelo Gafa' u jaf li kien hemm xi Surgent pero' ma jafx kunjomu. Huwa spjega li ghall-ewwel kienet qisha speci ta' konversazzjoni li ghaddiet bejnu u bejn l-Ufficjali tal-Pulizija mbaghad f'hin minnhom staqsewh jekk kienx jaf lil George Farrugia u qalilhom li jafu, u staqsieh jekk qattx mar jiekol mieghu u wiegbu li le qatt ma kien, u qallu jekk qattx siefer mieghu wkoll u wiegbu le, u staqsieh jekk qattx tah xi rigal u wiegbu iva. Hu qallu li kien tah erba' (4) rigali li jiswew elfejn (Lm 2,000) lira-il wiehed. Mistoqsi jekk kinux lira jew ewro wiegeb li ma jafx, pero' dak iz-zmien ewro kien. F'dak il-hin imbaghad ammetta mieghu li kien tah xi haga tal-kristall u zewg (2) bombonjieri. Pero’ qalulu li mhux minnu dak li kien qed jghid u qalulu li kienu ha jgibu lil George Farrugia quddiemu sabiex isir konfront bejniethom u huwa ma kellux oggezzjoni u qalulu wkoll li kien se jaghmel tfittxija d-dar u qallu li kien se jaqliblu kullimkien u l-imputat wiegeb li ma

kinitx problema basta li wara jaghmel kollox f'postu. L-imputat fil-fatt hadu d-dar u staqsieh biex ifittex u ralu l-arlogg tal-lira ta' Malta u qallu biex jiftah u jara li go fih kien hemm Magro l-Gilda tal-Furjana ghax kien xtrah minghandu. Il-Pulizija wara staqsieh liema *tray* kienu qeghdin jitkellmu dwaru u l-imputat urieh dak li kien hemm fil-vetrina.

Fil-fatt meta' kienu waqt l-interrogazzjoni u l-Pulizija kienu jistaqsuh dwar dawn l-affarijiet li effettivament kien tah George Farrugia huwa kien qallu li kien ircieva l-bombonjiera tal-kristall u zewg (2) oggetti tal-fidda u kien qal lill-Pulizija li kien mar bihom ghand Azzopardi u biddilhom fejn hareg il-flus u xtara *tray*. Ghalhekk meta' marru huma d-dar staqsewh liema *tray* kien xtara u effettivament kien urihom it-*tray* li kellu fil-vettrina, fetah il-vettrina, hareg it-*tray* u ghaddieh lill-Pulizija li elevawh u fil-fatt tah ricevuta ta' dan it-*tray*. Huwa spjega illi lill-Pulizija fil-fatt kien qalilhom li dan it-*tray* kien xtrah ghall-prezz ta' elfejn u seba' mitt ewro (€2,700) u li lil Azzopardi Jewellers kien tahom dawn it-tlett (3) oggetti li kien tah George Farrugia u li kien zied maghhom. Huwa cahad bil-qawwa kollha dak li qal George Farrugia li lilu kien tah erba' (4) affarijiet li jiswew elfejn ewro (€2,000)-il wiehed u li jiswew tmint elef ewro (€8,000) b'kollox. Sussegwentement mar mal-Pulizija, il-Pulizija staqsewh jekk kellux jiehu xi pinnoli bhala procedura normali u l-mara tieghu qalilha li ma kienx sa jmur lura.

Mistoqsi mill-Qorti jekk huwa rrilaxjax iz-zewg (2) *statements* qabel ma effettivament sar is-*search* jew wara wiegeb li ma jiftakarx f'liema mument huwa rrilaxja l-istatements. Pero' naturalment l-istorja fil-konfront ta' George Farrugia kien qalilhom qabel ma saret it-tfittxija u cioe' fil-

konversazzjoni li kellu maghhom. Huwa jaf li meta marru lura d-Depot, il-Pulizija staqsewh jekk huwa kienx talab is-somma ta' erbghin elf (40,000) lil George Farrugia.

Mistoqsi mill-Qorti jekk setghax kien il-kaz li huwa ghamel *statement* filghaxija u ghamel *statement* iehor l-ghada filghodu wiegeb illi qed jiftakar issa li qed tfakkru l-Qorti li kien ghamel xi *statement* fis-sebgha ta' filghaxija (19:00) u kien ghamel *statement* iehor l-ghada filghodu qabel ma gie l-Qorti.

Mistoqsi meta effettivament il-Pulizija bdew jallegaw li effettivament huwa talab is-somma ta' erbghin elf (40,000) minghand George Farrugia wiegeb li jekk mhux sejjer zball dan kien waqt l-ewwel *statement*. Mhux minnu mija fil-mija (100%) li huwa qatt talab din is-somma flus lil George Farrugia. Huwa fil-fatt lill-Pulizija qalilhom il-verita' kollha.

Mistoqsi mill-Qorti jekk effettivament huwa qattx tkellem ma' xi nies tal-*adjudicating team* rigward xi tender li kellu pendenti George Farrugia wiegeb li huwa qatt ma kellem lil hadd u ghalhekk cahad bil-qawwa kollha kemm li talab lil George Farrugia s-somma ta' erbghin elf (40,000) kif ukoll li huwa qatt qallu jew iddiskuta mieghu l-possibilta' li kellu jkellem xi nies mill-*adjudicating team*. Huwa sostna li lil George Farrugia dejjem zammu *at arm's length*. L-imputat fl-ebda hin ma qatt agixxa fuq dak li qallu George Farrugia u huwa qatt ma tkellem ma’ hadd, iddikjara li huwa dawn l-affarijiet qatt ma jaghmilhom.

Huwa stqarr illi effettivament ma deherlux li kellu jirrapporta dan l-incident u cioe' li huwa ha dawn ir-rigali ghax beza' min-nies ta' fuqu u cioe' minn Tancred Tabone, Gatt Baldacchino, Alex Tranter u persuna ohra li kienet l-istess grad tieghu Pippo Pandolfino u huwa hass li dawn in-nies li kienu hbieb ma' George Farrugia u kellhom aktar influwenza milli huwa seta' qatt kellu.

Mistoqsi min kien il-Financial Officer ta' dak iz-zmien li huwa semma fil-bidu tax-xhieda tieghu wiegeb li kien Pippo Pandolfino. Huwa kkonferma li fix-xhieda tieghu semma li kien hemm BB Energy li rebhet it-tender tal-Petroleum. Mistoqsi jekk kellhomx xi rapprezentant ta' Malta wiegeb illi le dawk kienu barranin diretti. Sahansitra kienu ghamlu reklam f'magazine nternazzjonali dwar din is-sejha sabiex jigbru nteress internazzjonali. Naturalment iktar ma jkun hemm *bidders* iktar ahjar.

Huwa spjega li Manuel Ellul, Alfred Camilleri, Dr. Debono u Mario Mizzi kienu jiffurmaw parti mill-*adjudicating team* tal-privatizzazzjoni u maghhom kien hemm ukoll Ivan Falzon. Dawn in-nies li ghadhom kemm gew imsemmija lilu ma kellhomx l-ufficcju taghhom l-Enemalta. Huwa xtaq li effettivament lil Alex Tranter, Pippo Pandolfino, Gatt Baldacchino u Tancred Tabone kollha kellhom l-ufficini taghhom l-Enemalta f'xi zmien. Fil-privatisation unit huwa kellu rwol ta' Liason Officer u kien jagixxi fl-interess tal-Korporazzjoni Enemalta. Pero' huwa qatt ma kien ghamel xi rapport u kollox kien jinzamm kunfidenzjali. Fil-fatt darba minnhom sahansitra anke sar rapport lic-Chairman li l-imputat kien ihalli l-impjegati fl-ghama dwar dak li kien qed isir u huwa ma dehrlux li kellu jizvela xi haga ghaliex in-

negozjati kienu ghadhom ghaddejjin u ma xtaqx johloq xi spekulazzjoni. Fil-fatt lanqas il-*bidders* ma kienu jafu.

Huwa ddikjara li fil-fehma tieghu l-inkwiet tieghu mill-Enemalta beda meta huwa ma ffirmax l-*agreement* mal-BWSC. Dak iz-zmien ic-Chairman fil-kwistjoni BWSC kien Alexander Tranter u c-Chief Finance Officer (CFO) kien Pippo Pandolfino. Spjega li Pippo Pandolfino kien irrizenja mill-Enemalta u ghamel xi zmien mar jahdem mal-Petrolium Tanking immexxija minn Tancred Tabone u ghadu hemm sa llum.

Mistoqsi mill-Qorti jekk effettivament dawn in-nies li huwa sejhilhom bhala ljuni u cioe' b'referenza ghal Alexander Tranter, Gatt Baldacchino, il-Financial Officer Pippo Pandolfino, kif ukoll lil Alexander Tranter kellhomx l-ufficcju taghhom l-Enemalta wiegeb li iva kellhom l-ufficini taghhom hemmhekk. Huwa qal ukoll illi fil-konfront tan-nies l-ohra tal-Adjudicating Team l-ufficcju taghhom ma kienx hemmhekk. Mistoqsi mill-Qorti jekk effettivament il-valur tal-oggetti li kien tah George Farrugia kienx minnu li kien jammonta ghal elfejn ewro (€2,000)-il wiehed u cioe' li kien tah erba' (4) rigali, huwa cahdu b'mod kategoriku u qal li dawk it-tlett (3) oggetti li kien tah u cioe' dik ir-*rectangular* kienet tal-kristall waqt li zewg (2) bombonjieri tal-fidda kien stmahom Azzopardi stess fil-valur ta' tlett mitt ewro (€300). Effettivament huwa minnu wkoll illi t-tray li huwa kien xtara minghand Azzopardi Jewellers kien jiswa' elfejn u seba' mitt ewro (€2,700) u kien hu li hareg id-differenza minn butu.

Mistoqsi jekk effettivament hux minnu li huwa kien talab lil George Farrugia biex jaghtih is-somma ta' erbghin elf (40,000) sabiex jghaddihom

lill-Adjudicating Team kemm il-darba l-Power Plan jiehu t-tender jghid li dan mhu veru xejn. Huwa qatt ma tkellem ma' George Farrugia li kellu jkellem lill-membri tal-Adjudicating Team u fil-fatt qatt ma tkellem mal-ebda wiehed minn dawn il-membri. Fil-fehma tieghu dawn kienu nies integri u li kienu fdawh fi rwol partikolari u ma kellux ghalfejn illi kif jghid fi kliemu stess "*I let them down*".

B'referenza ghal Frank Sammut iddikjara li dan ma kienx jigi l-Enemalta pero' kien imur fil-Petroleum ta' Birzebbugia li tifforma parti mill-Enemalta. Fil-fatt meta Frank Sammut kien imur il-Pertroleum kien sar jaf u staqsa ghaliex kien imur hemmhekk. Lilu kienu tawh bhala risposta illi effettivament huwa kellu xi fuel storjat hemm u ghalhekk kellu dritt imur hemmhekk.

Huwa ddikjara li c-Chief Financing Officer li huwa semma li kien involut meta ha l-kuntratt BWSC kien Pippo Pandolfino. Pippo Pandolfino kien jahdem bhala Financial Controller mal-Enemalta u sussegwentement mar jahdem mas-Socjeta' Petroleum Tanking. Mistoqsi min huma d-dirigenti tas-Socjeta' Pertoleum Tanking wiegeb li fost l-ohrajn hemm Tancred Tabone, Francis Portelli u Anthony Cassar li llum il-gurnata t-tlieta (3) li huma ghaddejjin proceduri kriminali in konnessjoni mar-reati konnessi mal-Petroleum.

Huwa qal ukoll illi effettivament ghalkemm Pippo Psaila kien diga' spicca mix-xoghol tieghu mal-Enemalta kien gie msejjah sabiex jiffirma l-kuntratt. Pandolfino kien spicca mill-Enemalta u kien xorta gie msejjah biex jiffirma l-kuntratt u effettivament jekk jiftakar sew kien iffirma l-kuntratt ghan-

nom tal-Enemalta. Huwa kkonferma wkoll illi huwa l-kuntratt tal-BWSC irrifjuta li jiffirmah ghar-ragunijiet li huwa ta fix-xhieda tieghu.

Mistoqsi jekk kellux xi pressjoni biex jiffirma dan il-kuntratt wiegeb li fil-fatt kellu pressjoni mis-CEO l-Inginier Carl Camilleri ghaliex qallu li effettivament l-ohrajn kienu diga' ffirmaw u kien l-imputat biss li ma ffirmax. Tant hu hekk li sahansitra anke marru jieklu flimkien il-Hilton biex jiddiskutu ghaliex huwa naqas milli jiffirma.

Huwa stqarr illi ma' George Farrugia m'ghandu l-ebda hbiberija izda ghandu biss *working acquaintances*. Mistoqsi kemm-il darba ltaqa’ mieghu dan George Farrugia wiegeb li effettivament kien iltaqa’ mieghu darba minnhom meta kien dawru mad-Data Room u darba ohra meta effettivament kien gie l-impjant. Apparti dawn iz-zewg (2) okkazjonijiet jaf li ltaqa’ mieghu kemm-il darba fil-kuritur meta kien qed jistenna biex jitkellem mad-dirigenti tieghu. Jiftakar ukoll illi huwa kien mistieden sabiex jiehu *drink* ghand George Farrugia meta kien cempillu hu u qal li dan il-jum kien xi jum partikolari bejn it-tmintax (18) u t-tnejn u ghoxrin (22) ta' Dicembru. Pero' effettivament huwa ma hax *drink* ghax baqa’ fuq l-ghatba tal-ufficcju.

L-imputat ikkonferma wkoll li qabel ma telaq is-Sur Farrugia kien tah xi rigali u qallu wkoll sotto voce illi jekk ried seta’ jqassamhom lil haddiehor. Fil-fatt qallu biex jghaddilu kelma tajba u jekk ried jaghtihom lil haddiehor u mbaghad jinfurmah. Mistoqsi jekk huwa effettivament hassux skomdu jircievi dawn ir-rigali wiegeb illi fil-Milied kulhadd jircievi rigali. Ikkonferma wkoll li dawn l-oggetti li in segwitu kien biddel mat-*tray* tal-fidda kellhom

valur skond l-istima li tah Azzopardi Jewellers ta' tlett mitt ewro (€300) u huwa maghhom kien zied elfejn u erba' mija (2,400) biex xtara dan it-*tray*.

Huwa stqarr illi l-Power Station fi zmien il-Milied ikun qisu ghand il-Pavi fis-sens li kulhadd ikun ghaddej bil-*hampers*. Kull Milied huwa kien jara diversi *hampers* ghaddejin l-Enemalta. Huwa ddikjara li qatt ma hass li kellu jkellem lil xi hadd ghax huwa dawn l-affarijiet ma jaghmilhomx u jekk George Farrugia xtaq jaghti xi haga lil haddiehor seta' ta lilu direttament ghax huwa m'huwiex messaggier. Mistoqsi jekk huwa qattx ircieva xi haga minghand George Farrugia tramite terza persuna wiegeb li le qatt.

Semghet lill-partijiet u cioe' l-avukat difensur u l-Ufficcjal Prosekutur jitrattaw il-kawza fis-seduta tat-23 ta' April 2015 fejn talbu lil din il-Qorti tghaddi ghas-sentenza finali taghha.

Il-Qorti thoss li huwa d-dmir taghha tikkumplimenta lill-Ufficcjal Prosekutur tal-manjiera professjonali li huwa mexxa din il-kawza u l-lejalta tieghu lejn il-ligi meta gie biex tratta l-kaz b'mod partikolari ghar-referenzi legali li huwa ghamel lejn sentenzi tal-Qrati ta' Malta u awturi fis-suggett.

Ikkunsidrat.

Illi f'din il-kawza l-Avukat Generali ghogbu jakkuza lill-imputat principalment b'erba' reati u cioe' dak kontemplat fl-Artikolu 115 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' bir-reat maghruf bhala *'korruzzjoni'*,

fit-tieni lok bir-reat kif dispost fl-Artikolu 121A tal-Kap 9 u cioe' bir-reat ta' '*korruzzjoni minn persuna li jkollha l-infuwenza'* u fit-tielet u raba' kaz bir-reat kif previsti fl-Artikoli 308 u 309 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' r-reat maghruf bhala *'Frodi b'egħmil Qarrieqi' u 'Każijiet oħra ta' qligħ b'qerq' mgharuf bhala 'frodi semplici'*. Illi ghalhekk jispetta qabel xejn li din il-Qorti tispjega fid-dettal l-elelmenti ta' dawn it-tlett reati u dan fid-dawl tal-provi u fatti prodotti u provati bil-ghan sabiex tara jekk tista' issib htija o meno tal-imputat.

**Ir-reat ta' Korruzzjoni.**

Jinghad li r-reat ta' korruzzjoni ta' ufficjal pubbliku huwa reat li jmur lura sa zmien il-ligi Rumana. Il-legislazzjonijiet tal-passat ipprovdu ghal piena ta' ufficcjali pubblici li kienu korrotti b'severita' kbira. Fil-fatt il-ligi of '*The Twelve Tables'* applikat f'kull kaz simili bhal dan f'kaz ta' htija l-piena tal-mewt.

Fil-fatt fil-ktieb '**The Elements of Roman Law'**[1] jinghad li "*At the dawn of Roman Law the Twelve Tables enacted the death penalty against a iudex or arbiter convicted of taking a bribe. From Augustus onwards judges who accepted bribes incurred severe penalties under the lex Julia repetundarum.*"

Il-Kodici Penali taghna kif ser jigi mfisser spjegat aktar 'il quddiem jipproporzjona l-piena skond il-gravita' tar-reat f'kull kaz partikolari. **Sir**

[1] 4th Edition R.W Lee pagna 401.

**Andrew Jameson** ikkummenta li kien ikun ahjar li reat bhal dan ma jkunx inkluz fil-kodici milli jigi trattat bi piena leggera u mhux adegwata. Fil-fatt dan **Jameson** ikompli jghid li *"The punishment attached to an offence so dangerous, so easily perpetrated, so hard to be discovered ought to be such as rigourously to exclude the temptations to sacrifice duty to gain."*[2]

Fil-fatt imkien fil-kodici Penali taghna ma nsibu tifsira ta' dan ir-reat ta' korruzzjoni. Ghalkemm fis-sentenza moghtija fl-ismijiet **il-Pulizija vs Paola Pace**[3], l-Imhallef Montonaro Gauci ghamel referenza ghal enciklopedija u qal *"the offence of bribery may be defined as the offering, giving or accepting of consideration in some shape or form, that it may be a motive in the performance of functions for which the proper motive outght to be a conscientious sense of duty."*[4]

Il-korruzzjoni ta' ufficjal publiku huwa trattat fl-artikoli tal-ligi enumerati **Artikolu 115** et seq tal-Kodici Penali. Dawn il-provedimenti jaqghu taht it-Titolu III intitolat "*Fuq id-delitti kontra l-amministrazzjoni tal-gustizzja u amministrazzjonijiet Pubblici ohra*." U appuntu taht is-sub-titolu IV intitolat "*Fuq l-abbuz tal-Awtorita pubblika – fuq ufficcjali jew impjegati pubblici li jesigu l-flus jew hwejjeg ohra kontra l-ligi. Fuq estorsjoni u fuq il-korruzzjoni*."

**L-Artikolu 115** u cioe' l-artikolu li gie moghti mill-Avukat Generali fil-konfront ta' l-imputat odjern huwa verzjoni raffinata ta' dak li kien

[2] Notes on Crminal Law (revised edition 1954-55) Professor A.J. Mamo pagna 95.
[3] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-17 ta' Mejju 1950.
[4] Encyclopaedia Brittanica Vol. 4 'Bribery'.

antecedentement l-**Artikolu 107** tal-"Leggi Criminali per le Isole di Malte e le sue Dipendenze" li kien gie promulgat fis-sena 1854 u kien jipprovdi s-segwenti:-

"*Qualunque ufficiale od impiegato sotto il Governo, il quale in occasione del suo officio o impiego accettasse doni, promesse od offerte, sara punito come segue:*

(1) *Se l'oggetto, fosse perche l'ufficciale od impiegato adempisce a cio che il suo dovere gli impone, la pena sara' dei lavori forzati o della prigioneria da uno a tre mesi;*
(2) *Se l'oggetto fosse perche l'ufficiale od impiegato mancasse a cio che il suo dovere gli impone, la pena nel solo fatto dell'accettazione, sara di lavori forzati o della prigioneria da uno a dodici mesi;*
(3) *Se, oltre l'accettazione del dono, della promessa o dell'offerta, l-ufficiale od impiegato effettivamente mancasse al suo dovere, appena sara dei lavori forzati da sei mesi a tre anni.*"

Nel frattemp dan l-artikolu gie rinumerat ghall-Artikolu 114 fis-sena 1911 u ghall-Artikolu 113 fis-sena 1914. L-ewwel parti ta' dan l-artikolu gie mibdul b'Att XII tas-sena 1914 u kien jaqra kif segwenti:

"*Qualunque ufficiale pubblico o impiegato sotto il governo, il quale in occasione del suo officio o impiego, ricevesse, per se o per altri, in denaro o in altra utilita una retribuzione che non gli e dovuta ma accetta la promessa o l'offerta sara punito come segue*..."

Fis-**sub incizi (1) u (3) ta' l-artikolu 115** l-unici tibdiliet li saru kienu fil-kliem '*della retribuzione della promessa o dell'offerta*' u minflok iddahhlu l-kliem '*del dono, della promessa o dell'offerta'*. Ghalhekk dan li nbidel kienu l-modalitajiet ta' kif jista' jsehh il-korruzzjoni. Ghalhekk ma kienx hemm aktar limitazzjoni fuq il-kliem uzat mil-legislatur. In effetti jekk ir-rigal gie ricevut ghal terza pesuna, ir-reat xorta kien isehh. Il-legislatur ghamilha cara li r-rigal ma kellux ikun dovut la ghal persuna li kienet qed tircevieh u lanqas ghal xi terza pesuna.

**L-Artikolu 114** (illum 115) rega' gie emendat b'Att IV tas-sena 1974 u l-artikolu fil-present jipprovdi:-

"*Kull ufficjal jew impjegat pubbliku li, in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tieghu, jitlob, jircievi jew jaccetta ghalih jew ghal haddiehor xi rigal jew weghda jew offerta ta'xi rigal fi flus jew f'utli ieħor, jew ta' xi vantagg iehor, li ghalihom huwa ma jkollux jedd, jehel, meta jinsab hati.......*"

L-Att IV tas-sena 1974 zied il-kliem "... *jew f'utli ieħor*" mal-kliem "*jew ta'xi vantaġġ ieħor*"*.* Jinghad ukoll li l-pieni zdiedu wkoll u dan ghaliex huwa mportanti li jigi salvagwardat l-integrita' ta' individwi li jahdmu fid-dipartimenti tal-Gvern. Minkejja dan il-gravita' tar-reat u konsegwentement il-piena wkoll tvarja.

Fil-fatt l-**Artikolu 115** jkompli jipprovdi li:-

(*a*) *"jekk l-iskop tal-hlas, tal-weghda jew tal-offerta, ikun sabiex l-ufficjal jew impjegat jaghmel dak li hu fid-dmir tieghu li jaghmel, il-piena ta' prigunerija minn sitt xhur sa tliet snin;*

*(b) jekk l-iskop ikun sabiex l-ufficjal jew impjegat jonqos li jaghmel dak li hu fid-dmir tiegħu li jaghmel, ghall-fatt biss li jkun accetta l-hlas, il-weghda jew l-offerta, il-piena ta'prigunerija minn disa' xhur sa hames snin;*

*(c) jekk, barra milli jkun accetta l-hlas, il-weghda jew l-offerta, l-ufficjal jew impjegat ikun fil-fatt naqas li jaghmel dak li hu fid-dmir tieghu li jaghmel, il-piena ta'prigunerija minn sena sa tmien snin"*.

Ghalhekk kif tajjeb osserva l-ufficcjal prosekutur fit-trattazzjoni tieghu meta ghamel referenza ghal sentenza moghtija mill-Qrati nostrana fejn kien hemm referenza ghal dak li kien qal il-**Professur Mamo** *"this crime subsists at any rate in it simple form, irrespective of the inherent justice or injustice of the act which the reward was intended to induce the public officer to do. The Justice or injustice of what the public officer does or engages to do in view of the reward or promise or offer or reward, is not an essential ingredient of the crime but only serves as a criterion to distinguish one form of the crime from another for the purpose of punishment*."[5]

Din id-distinzjoni harget fis-sentenza fl-ismijiet **il-Pulizija vs Lawrence sive Lorry Cuschieri, Andrew Schembri, Carmel sive Charles Gauci u Paul Galea**[6] fejn inghad is-segwenti:

[5] Notes on Criminal Law (revised edition 1954-55) Professor A.J. Mamo, pagna 84.
[6] Deciza mill-Qorti ta l-Appell Kriminali fil-25 ta' Lulju 1986.

*"In propositu huwa rilevanti hafna l-***Artikolu 114** *(illum 115) stante li dan jistabilixxi diversi gradi ta' piena bazata fuq kriterji relattivi ghall-iskop u l-effetti tal-att kostitwenti l-korruzzjoni, fis-sens li l-ligi tiddistingwi principlament bejn il-kaz fejn l-iskop tar-rigal ikun sabiex l-ufficcjal jaghmel dak li hu fid-dmir tieghu li jaghmel; u l-kaz fejn l-iskop ikun sabiex ma jaghmilx dak li hu fid-dmiru – fit-tieni kaz, jekk l-ufficjal 'fil-fatt' jonqos li jaghmel dak li kien fid-dmir li jaghmel."*

Fil-kaz appena msemmi, il-Qorti riteniet li "*.... u huwa immaterjali - ghal finijiiet tar-responsabilita' li nonostante dan il-vantagg l-impjegat xorta wahda ghamel dmiru. Ghax ir-reat odjern almenu fil-limiti tal-paragrafu (b) tal-Artikolu 114 (illum 115(b)) huwa kkonsmat mal-accettazzjoni tal-offerta u mhux mal-effetto ta' din fuq l-ezercizzju tal-funzjonijiet tal-impjegat."*

Fir-rapport ministerjali ghall-Artikoli korrispondenti fl-Italian Draft Code tas-sena 1887 intqal:-

*"Il concetto che in questa parte deve dominare la lagge, e di colpire severamente ma venalita del pubblico ufficiale che accetta per atti del suo ufficcio, retribuzioni non dovute. E la venalita' e colpita indipendentemente della giustizia o ingustizia degli atti stessi imperocche e di universale interesse che non si faccia cadere in discredito od in sospetto la pubblica potesta col rendere venali ufficci i quali per la lagge devonsi prestare gratuitamente."*

Fil-fatt id-diskussjoni dwar il-piena ghar-reat ta' korruzzjoni tista' tigi sommata fi kliem tas-sentenza kif moghtija mill-Qorti:-

*"L-iskop u effikacja tal-korruzzjoni huma fatturi rilevanti ghal quantum tal-piena, u mhux ghall-ezistenza o meno tar-responsabilita' kriminali. Il-ligi hija cara; 'kul ufficcjal.... li jircievi jew jaccetta jikkommetti dan ir-reat."*[7]

X'inhuma ghalhekk l-elementi ta' dan ir-reat ta' korruzzjoni? Dawn l-elementi huma deskritti f'diversi sentenzi lokali[8] fosthom fis-sentenza **il-Pulizija vs Joseph Buhagiar et**[9] fejn gew deskritti bis-segwenti manjiera:

1. Illi l-hati jrid ikun ufficcjal jew impjegat pubbliku.
2. L-accettazzjoni ta' rigal jew weghda jew offerta' ta' xi rigal li ghalihom ma jkunx hemm jedd.
3. L-azzjoni ta' l-ufficcjal jew impjegat pubbliku li jaccetta r-rigal, weghda jew offerta trid tkun in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tieghu.
4. Ghal fini li l-impjegat jew ufficcjal jaghmel jew biex ma jaghmilx dak li hu fid-dmir tieghu li jaghmel.

Jinghad bla tlaqliq li dawn l-erba' elementi jridu jikkonkorru kollha fl-istess hin sabiex jista' jinghad li r-reat gie pruvat. Din il-Qorti ghalhekk sejra

---

[7] Deciza mill-Qorti ta l-Appell Kriminal fil-25 ta' Lulju 1986 fl-ismijiet il-Pulizija vs Lawrence sive Lorry Cuschieri et.

[8] Uhud mis-sentenzi li jsemmu dawn l-elementi ta' dan ir-reat huma **l-Pulizija vs Joseph Tedesco u Carmel Deguara** deciza mill-Qorti ta l-Appelli Kriminali fit-28 ta' Jannar 1994, **Il-Pulizija vs Alfred Demicoli** deciza mill-istess Qorti nhar it-2 ta' Mejju 1985 u s-sentenza gja msemmija fl-ismijiet **il-Pulizija vs Lawrence sive Lorry Cuschieri.**

[9] Deciza mill-Qorti ta l-Appell Kriminali fid-19 ta' Lulju 1982.

titratta ma' kull element b'mod separat u fid-dettal stante kif stqarrew il-partijiet stess il-portata ta' din il-kawza.

1. **Illi l-hati jrid ikun ufficcjal jew impjegat pubbliku.**

Dan hu l-ewwel element essenzjali ghall-ezistenza ta' dan ir-reat. Il-kliem tal- ligi huwa wiesa' u jinkludi fih kull ufficcjal u mpjegat tal-Gvern. Ghalhekk l-ewwel haga li l-Qorti trid tezamina hux jekk l-imputat hux ufficcjal jew impjegat pubbliku. Per ezempju fis-sentenza **l-Pulizija vs Joseph Buhagiar et**[10] il-Qorti rriteniet li " *...jirrizulta mill-provi li l-imputati George Vassallo u Carmelo Mifsud huma impjegati tal-Gvern u t-tnejn jaqghu taht id-definizzjoni ta' impjegat pubbliku..*".

Fis-sentenza **l-Pulizija vs Lawrence sive Lorry Cuschieri**[11] il-Qorti riteniet li: *"l-ewwel ingredjent huwa relattiv ghan-natura ossia ufficcju tal-persuna li tkun accetta r-rigal. Il-ligi espressament tirrikjedi li din il-persuna tkun ufficcjal pubbliku jew impjegat pubbliku, u ghalhekk huwa eskluz kull min ma jkollux din il-vesti – salv dak li ser jinghad aktar il-quddiem[12]. Ir-raguni ta' dan l-ingredjent jinsab fir-ratione legis li hija dik li tipprotegi l-interess tas-socjeta'...."*

Ir-raguni ghall-ezistenza ta' dan l-element huwa tali ghaliex ir-reat jista' jipproduci konsegwenzi dizastruzi lejn is-servizz pubbliku, kif ukoll lejn l-

[10] Deciza mill-Qorti ta l-Appell Kriminali fid-19 ta' Lulju 1982.
[11] Ibid
[12] Ibid

interess tal-individwu fejn ufficcjali u/jew impjegati pubblici ghandhom ikollhom certu nfluwenza. **Cheveu Helie** fil-fatt jghid li *'min jikkommetti reat bhal dan ikun qed jittradici mhux biss id-doveri partikolari ta' l-ufficcju tieghu izda anke jittradici l-interess tal-komunita li giet fdata bis-sistema gudizzjarja nnifissha'*[13]. Ghalhekk tali element huwa indispensabbli.

F'dan l-istadju issir referenza (u dan sabiex jigi eskluz kwalsiasi dubju jekk bniedem li jahdem l-Enemalta hux impjegat pubbliku ghalkemm in realta hadd mill-partijiet ma qajjem xi eccezzjoni f'dan ir-rigward) ghas-sentenza gja citata fl-ismijiet **il-Pulizija vs Lawrence sive Lorry Cuschieri**[14]. Cuschieri kien impjegat mal-Malta Drydocks u *seconded* mal-Public Works Department. Huwa kien gie akkuzat li kien hallas flus kbar lil Andrew Schembri, Carmel sive Charles Gauci u lil Paul Gauci u dan sabiex jghinuh jottjeni permess tal-bini. Il-problema li tqajmet kienet li kien hemm diversi xhieda li ddikjaraw li l-akkuzat Cuschieri ma kienx ufficjal publiku. Fil-fatt il-Qorti kkonkludiet li *"Min dan jirrizulta li Lorry Cuschieri la hu ufficjal pubbliku u lanqas impjegat mal-Gvern izda huwa mpjegat mal-Malta Drydocks. F'dan l-istadju huwa opportun li jinghad li skond id-dispost ta' l-* ***Artikolu 121 (1)*** *tal-Kodici Kriminali, l-artikolu tal-ligi li japplikaw ghal ufficcjal pubbliku cioe' l-**Artikolu 115** u l-**Artikolu 120** kif ukoll l-artikoli l-ohra taht dan l-artiklu japplikaw ghal:-.."*

*"kull persuna li tkun moghtija jew li jkollha funzjonijiet li jkollhom x'jaqsmu mal-amministrazzjoni ta'korp imwaqqaf b'ligi jew xi korp iehor li jkollu personalità guridika distinta, jew li tkun impjegata ma'dak il-korp, kif jghoddu ghal jew dwar ufficjal jew persuna msemmija fl-artikolu 115."*

[13] Ibid
[14] Ibid

F'dan il-kaz fuq imsemmi il-Qorti rriteniet li "*l-ligi anki f'dan il-kaz riedet tikkawtela l-funzjonament rett, svestit minn kull element ta' korruzzjoni u 'foul play' fl-amminsitrazzjoni li minhabba l-importanza tal-funzjonijiet tieghu fis-socjeta' in generali huwa kunsidrat - ghal finijiet ta' din il-parti tal-ligi – fuq l-istess livell ta' dipartiment Governattiv*."

Tali decizjoni ghalhekk nehhiet kwalsiasi '*loop hole*' li seta' kien hemm f'dan il-kaz fejn l-imputat hu akkuzat principalment b'tixhim f'entita' pubblika li giet kostruwita b'ligi u li ghandha entita distinta ad differenza ta' socjeta' privata. Ghalhekk m'hemmx dubju li l-imputat huwa fil-fatt ufficcjal pubbliku.

**2. L-accettazzjoni ta' rigal jew weghda jew offerta ta' xi rigal li ghalihom ma jkunx hemm jedd.**

It-tieni element huwa l-accettazzjoni ghalih jew ghal haddiehor ta' renumerazzjoni jew promessa jew offerta ta' renumerazzjoni li mhix dovuta lilu b'ligi. Huwa essenzjali li l-korruzzjoni ghandha tiehu l-forma ta' accettazzjoni ta' xi rigal jew weghda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utli iehor, jew ta' xi vantagg iehor irrispettivament mill-valur jew sura taghha. Hafna drabi l-korruzzjoni kienet tikkonsisti f'accettazzjoni ta' kunsiderazzjonijiet ta' valur pero l-accettazzjoni ta' weghda hija bizzejjed. M'hemmx ghalfejn li l-valur jigi kwantifikat. Hanwhekk ghal darb'ohra ssir

referenza ghas-sentenza fuq citata **il-Pulizija vs Lawrence sive Lorry Cuschieri**[15] fejn inghad li:-

*"It-tieni estrem tar-reat odjern jirrikjedi li l-impjegat pubbliku ikun ircieva jew accetta xi rigal jew vantagg jew utilita. F'dan ir-rigward, Il-Qorti tosserva li l-lokuzzjoni adoperata mil-ligi hija tali li tirrikjedi fiha kull haga li tista' tkun ta' vantagg ghal persuna li tkun giet korrotta, u ghalhekk mhux necessarju li dan il-vantagg ikun jikkonsisti fi flus. Dak li hu essenzjali hu li l-oggett ikun ta' beneficcju ghalih, ghax f'dan il-kaz hemm l-inkoraggjament f'din il-persuna li titradixxi l-fiducja moghtija lilha mis-socjeta' billi tkun qieghda taghmel ghal vantagg taghha dak li suppost qed taghmel minghajr hlas."*

Cio nonostante jrid ikun hemm almenu weghda ta' flus jew ta' xi vantagg iehor ikun x'ikun. Jekk l-ufficjal pubbliku jew impejgat pubbliku jcedi ghal solicitazzjoni jew pressjoni minghajr ma jkun hemm tali weghda l-att tieghu ma jammontax ghal att ta' korruzzjoni (sotto linear ta' din il-Qorti). Ghalkemm tali agir jista' jkun illegali zgur li pero' ma jikkwalifikax ghar-reat kontemplat fl-**Artikolu 115** tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Ghalhekk wiehed jistaqsi jekk hemmx bzonn li l-weghda jew rigal ghandux isir personalment jew jistax isir tramite intermedjarju. Jinghad li attwalment jirrizulta minn kliem il-ligi stess li mhux necessarju li r-rigal weghda jew offerta jsir lejn l-ufficjal pubbliku personalment jew li tigi accettata personalment minnu. Jekk l-ufficjal pubbliku agixxa tramite intermedjajru r-reat jissustixxi xorta. Basta pero' l-intermedjarju jkun

[15] Ibid

agixxa bil-kunsens tal- ufficcjal pubbliku. Lanqas ma taghmel xi differenza jekk il-vantagg kien ser isir a beneficcju tal-ufficcjal pubbliku jew ta' xi terza persuna, purche l-ufficjal pubbliku kien jaf x'kien ghaddej. Dawn iz-zewg punti huma trattati fid-dettal fis-sentenza **__il-Pulizija vs Victor Busuttil Naudi__**[16]. F'dan il-kaz l-imputat kien avvicina lil Dr. Albert Camilleri li kien bin l-Onorevoli Bertram Camilleri li kien il-Ministru tal-Industija u qallu li jekk missieru rnexxielu jgiblu licenzja ta' mportazzjoni kien lest li jaghtih is-somma ta' mitejn lira sterlina. Il-Ministru ma accettax l-offerta. Il-Qorti f'dik is-sentenza qalet is-segwenti:-

*"...biex wiehed jaghmel id-delitt kontemplat fl-artikolu 118 (2) illum 120 (2) tal-kodici kriminali huwa mehtieg li l-offerta li biha jittanta l-ufficjal pubbliku, jaghmilha jekk mhux direttament ghall-inqas indirettament lill-ufficcjal pubbliku. Biex jinghad li l-offerta saret indirettament lill-ufficjal pubbliku jehtieg li dina tkun intiza biex tasal ghandu u biex huwa jsir jaf biha, izda minghajr ma hu mehtieg li l-vantagg jew utili offert ikun intiz personalment ghalih. Jekk l-offerta issir lil terza persuna ghall-vantagg esklussiv taghha, minghajr il-hsieb jew il-prospettiva li l-offerta titwassal ghal konjizzjoni tal-ufficcjal pubbliku, u bil-hsieb li dik it-terza persuna tuza l-influwenza taghha personali fuq l-ufficcjal pubbliku b'xi rakkomandazzjonijiet jista jinghad li saret offerta ta' xiri – 'bribe' – ta' dik it-terza persuna, izda mhux ta' l-ufficcjal pubbliku. U tabilhaqq skop tal-offerta huwa l-korruzzjoni permezz taghha ta' l-ufficjal pubbliku u ma jistax ikun hemm korruzzjoni jew perikolu ta' korruzzjoni jekk bl-offerta l-ufficcjal ma jkunx jaf."*

---

[16] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-11 ta' Jannar 1950.

Ghalhekk l-offerta lejn l-ufficcjal pubbliku tista' tkun diretta jew indiretta. Fil-kaz ahhari, sabiex jissusti r-reat, l-offerta trid tkun intiza sabiex tasal ghal ufficcjal pubbliku u l-ufficjal pubbliku irid ikun jaf dwarha.

Rigward il-valur tal-offerta jinghad li dan hu rrelevanti u ghal dan il-ghan issir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **il-Pulizija vs Alfred Demicoli** fejn inghad li "*Ghandu jinghad ukoll illi ghall-fini tal-artikoli tal-Kodici Kriminali specjalment l-artikolu 114 (illum 115), l-ammont ta' dawn il-hlasijiet huwa irrelevanti."*

F'dan ir-rigward l-awtur Taljan **Pessina** jghid "..*non vi bisogno che il privato interesse del pubblico ufficciale nella corruzione sia sempre pecuniario; basta l'appagamenti di un desiderio qalunque, di un bisono, sia diretto e personale sia indiretto."*[17]

Anke l-awtur Taljan **Maino** huwa ta l-istess opinjoni u jghid li ".. *ne si puo far distinzione se la utilita data o promessa sia grande o piccola."*

Ghalhekk sabiex din il-Qorti tikkonkludi fuq dan it-tieni element issir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **il-Pulizija vs Joseph Tedesco u Carmel Deguara** b'referenza ghall-insenjament appena citat fejn intqal li:- "… *in vista ta l-insenjamenti ta' l-illustrissimi studjuzi citati aktar qabel l-amont ta' utili rikoverat mill-ufficcjal pubbliku hu ghalhekk irrelevanti u l-*

[17] Elementi di Diritto Penale Vol. III pagna 63.

*importanti hu li effettivament dan ikun imqieghed jew ircieva ghaliha jew ghal haddiehor il-godiment jew sodisfazzjoni li jappagah.”*

Dan qed jinghad b’referenza ghall-enfasi li ghalet il-Prosekuzzjoni dwar il-valur tal-oggetti li nghataw minn George Farrigia bhala rigali stante li dwar dan hemm kontestazzjoni stante li l-valur moghti minn George Farrugia ma jaqbilx ma dak moghti mill-imputat u zgur li x-xhud independenti Joseph Azzopardi ma kienx f’posizzjoni li jikkonferma l-valur tal-oggetti li kien xtara George Farrugia u ghadda lill-imputat stante kif jghid hu stess George Farrugia kien klijent regolari u tajjeb tieghu u kien jixtri hafna affarijiet minghandu b’mod regolari.

**3. L-azzjoni ta’ l-ufficcjal jew impjegat pubbliku li jaccetta r-rigal, weghda jew offerta trid tkun in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tieghu.**

It-tielet element kontemplat fir-reat skond l-**Artikolu 115 tal-Kap 9** tal-Ligijiet ta’ Malta hi dik li l-accettazjoni tar-renumerazjoni jew il-weghda jew l-offerta hi maghmula mil-ufficjal pubbliku in konnessjoni mal-ufficcju tieghu jew l-impjieg tieghu. Dan ifisser li dan kollu ghandu jaqa’ fil-parametri tal-funzjonijiet tieghu. Ghalhekk jekk l-att m’ghandux x’jaqsam mal-funzjonijiet tieghu ta’ ufficcjal pubbliku u cioe’li m’ghandux dritt jaghmel dak l-att skond l-impjieg tieghu xorta jibqa’ att ta’ ufficcjal pubbliku pero’ mhux wiehed li jaqa’ fil-parametri ta’ dan ir-reat. Trid tkun haga li fuqha l-ufficcjal pubbliku ghandu kontroll immedjat jew fir-rigward ta’ haga li hu biss jista’ jaghmel.  Ghalhekk ma jimpurtax jekk tali haga

taqax tahtu direttament taht il- kompetenza tieghu jew jekk taqax taht il-funzjonijiet li talvolta jista' jiddelega.

Terga' ssir referenza ghas-sentenza **il-Pulizja vs Lawrence sive Lorry Cuschieri**[18] fejn il-Qorti rriteniet li:-

*"It-tielet ingredjent jesigi li dan il-vantagg jigi accettat in konnessjoni mal-kariga jew l-impieg tal-persuna korrotta. In subjecta materja, il-qorti jidhrilha opportun li jigi osservat il-lokuzzjoni xejn ristretta adoperata mill-ligi. Kull ma hu necessarju hu li l-att in kwistjoni, relattiv ghal vantagg offert, ikun konness mal-funzjonijiet tal-impjegat, izda b'mod li jidhol fl-ambitu tal-funzjonijiet tieghu, ghax huwa unikament f'dan il-kaz li jista' jigi pregudikat l-interess generali. Fi kliem iehor l-att intiz irid ikun, 'an act of his office'."*

Fil-fatt il-Qorti tikkwota lil **Professur Mamo** kif del resto ghamel l-ufficcjal prosekutur fejn qal li:-

*"it seems however sufficient if the act be one in respect of which the officer concerned could only by reason of his office give any directions or make any arrangements whatever, or in any manner influence the decision thereon"*[19]

[18] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-28 ta' Jannar 1994.
[19] Vide footnote numru 7

Is-sentenza tkompli tipprovdi li: *"Il-Qorti taqbel perfettament din l-interpretazzjoni tal-ligi, stante li hi konformi u tinkwadra pjenament mar-rationale taghha cioe' dak li tassigura li l-esercizzju tal-funzjonijiet da parti tal-impjegati ikun 'rite et recte' f'kul kaz*." . Il-Qorti qalet ukoll "*.....mhux necessarju li l-att tkun tali li jaqa' direttament fl-ambitu tal-funzjonijiet tieghu – imma huwa sufficjenti li jkun tali li, l-impjegat ikun jista' jaghmel fl-esercizzju tax-xoghol tieghu."*

Fil-kaz fl-ismijiet **il-Pulizija vs Geraldo Sacco**[20] il-Qorti pero' ma esprimietx ruhha bl-istess manjiera meta' qalet *"illi l-fatt tal-imputat lanqas ma jista' jikkostitwixxi d-delitt ta' korruzzjoni – fil-limiti tal-kompetenza tal-ewwel u kwindi ta' din il-Qorti - kontemplata fl-artikolu 114 (illum 115) tal-Kodici Kriminali ghax l-imputat m'ghamilx l-att fl-okkazjoni tal-impjieg tieghu. Dak li huwa ghamel kien att ta' impjegat pubbliku imma mhux att tal-impjieg tieghu, ghax hu ma kellu ebda dmir, bhala parti mill-attribuzzjonijiet tieghu imhabba fl-impjieg tieghu li jithabat biex l-impjegati tat-trucks jithallsu tal-overtime. Biex tkun tista' tigi sostnuta l-korruzzjoni hemm bzonn qabel xejn li jigi stabbilit ness bejn l-accettazzjoni ta' flus jew utli iehor u l-esercizzju tal-kariga jew impjieg pubbliku li f'dan il-kaz ma kienx hemm..."*

Minkejja dan kif ser jirrizulta minn sentenzi aktar ricenti l-interpretazzjoni li qed tinghata fis-sentenzi nostrana hija dik kif imfissra mil-Professur Mamo.

[20] Notes on Criminal Law ( revised edition 1954-55) Professor A.J. Mamo pagna 87

Fil-fatt il-Qorti fis-sentenza **<u>il-Pulizja vs Liliana Galea</u>**[21] inghad li "*In the third place it is essential that the acceptance of the remuneration or promise or offer be made by the public officer <u>in connection with his office or employment</u>. The old Italian text said: 'in occasione suo officio od impiego'. This means that the act in respect of which the reward, etc. is accepted must fall within the functions of the public officer concerned. An act which is foreign to the functions of such public officer and which he would not have the right to do by virtue of his office, will indeed be an act of that officer but not an act of his office. It does not matter, however, whether the act falls directly within the officer's own competence or whether it falls within his delegated functions. What is indispensable is that the act be one which the officer could do in the exercise of his duties. A magistrate, says Carrara, who has not the cognisance of a case, does a very wrong thing if he accepts a reward to recommend the matter to his colleague: in fact he may be guilty of fraud, but he cannot be guilty of the crime of corruption unless he is the secret agent of his colleague (Prog. Parte Spec., Vol. V, para. 2533). Nor is it sufficient that the public officer accepting the reward etc. or the person making the reward may have <u>thought</u> that the act was one within the duties of that officer: it is necessary that the act should be such in the reality of things (Pessina).*"

Fil-fatt f'sentenza moghtija ricentement fl-ismijiet **<u>il-Pulizija vs Giuseppe Maria Cini</u>**[22] dejjem b'referenza ghal dan ir-reat dik il-Qorti kienet hasset illi ma kienx hemm l-accettazjoni tal-parti l-ohra u lanqas ma kien hemm xi forma ta' ftehim sabiex l-appellant jaghmel dak li ma messux jaghmel jew li

[21] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fi1-11 ta' Dicembru 1956.

[22] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-28 ta' Marzu 2012

huwa fid-dover li jaghmel u ghalhekk dan ir-reat kif dispost fl-Artikolu 115 ma jissistix.

Din il-Qorti tghid li l-fatti huma simili ghal kaz in desamina u dan ghaliex ma jirrizultax li effettivament l-imputat qatt talab ghal xi rigali, jew addirittura qatt ma wieghed li ser ikellem jew javvicina lil xi hadd fuq l-Adjudicating Board. Jirrizulta biss sic et simplicite li l-imputat ircieva r-rigali taht l-ebda pretest salv li kienu rigali ghal Milied. Tant ma kellhomx importanza ghalih li hallihom fil-cabinet ghal sena u nofs u mar u sarrafhom ghal xi rigal iehor meta t-tender in kwisjtoni kien gia mirbugh minn terzi u bla ma huwa tkellem jew avvicina lil hadd dwar l-istess. L-imputat fl-istatement tieghu kif ukoll viva voce l-Qorti jispjega car is-sitwazzjoni li nstab fiha meta’ acceta r-rigali.

4. **Ghal fini li l-impjegat jew ufficcjal jaghmel jew biex ma jaghmilx dak li hu fid-dmir tieghu li jaghmel.**

Illi ghalhekk minnufih jigi rilevat li l-offerta jrid ikollha l-iskop li tinduci lill-ufficjal pubbliku li jaghmel haga li m’ghandux x’jaghmel. Fl-ewwel ipotesi, meta l-ufficcjal pubbliku jaghmel id-dover tieghu in kontro kambju ghal xi vantagg il-Professur Mamo jghid “..*the law wants to protect the integrity of the public service and the prestige of the judiciary which are harmed in the esteem which they should enjoy by any imporper reward received even though it is not intended to injure materially the interests of the individual or the interest of Justice*.”[23]

[23] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-23 ta’ Jannar 2014

Ufficcjali Publici jridu jaghmlu xoghlhom minghajr ebda offerti, weghdiet jew rigali apparti dawk li jsiru skond il-haqq.

It-tieni ipotesi hija meta r-rigal jew kull haga li tinghata lill-ufficcjal pubbliku sabiex jehel milli jaghmel id-dover tieghu l-**Professur Mamo** jghid *"that there is in addition to the injury to the good name of the service also the danger of actual injury to the right of the individuals or of justice and the law takes account of this for the purpose of aggravating the punishment."*[24]

Infatti fis-sentenza fl-ismijiet **il-Pulizija vs Alfred Demicoli**[25] il-Qorti irriteniet "*b'referenza ghar-raba' element ghandu jigi stabbilit jekk l-ufficjal pubbliku hax il-flus bl-iskop jew li jaghmel dak li huwa fid-dover li jaghmel jew li jonqos li jaghmel dak li hu fid-dover li jaghmel (sottolinear ta' din il-Qorti). Id-differenza fil-prattika tirrigwarda l-piena li ghandha tigi applikata*."

M'hemmx dubju li l-**Artikolu 115** tal-Kodici Kriminali ma jikkontemplax korruzzjoni ta' ufficcjal pubbliku in konnessjoni ma' att li kien gja sehh. Pero' dan kien isehh jekk tali att isehh ta' sikwit li l-ufficjal pubbliku jibda jippretendi dan l-att. Hawnhekk fuq dan il-punt din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza msemmija mill-Prosekuzzjoni waqt it-trattazzjoni taghha fl-ismijiet **il-Pulizija vs Liliana Galea**[26] fejn dik il-Qorti stqarret li

---

[24] Ibid Professor Mamo op cit pagna 87.
[25] Ibid Professor Mamo op cit pagna 87.
[26] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-2 ta' Mejju 1985

*"Jinghad mill-ewwel illi l-appellanti hija korretta meta tghid illi taht is-sistema legali taghna bribery after the fact ma jezistix. U din il-kwistjoni ma gietx trattata mill-ewwel Qorti'*. Bhalma ntqal fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs David Gatt**[27] differentement mill-posizzjoni fil-ligi Taljana, taht il-ligi taghna *"sakemm ma jkunx hemm ftehim qabel (enfasi tal-Qorti) il-kommissjoni ta' l-att ma jistax ikun hemm korruzzjoni ta' ufficjal pubbliku wara li dan ta' l-ahhar ikun qeda d-dover tieghu. Il-Professur Mamo jghallem li 'as Section 114(a) and (b) (illum 115(a) u (b)) are worked, it seems that there can be the crime of corruption only where the reward promised or offered is made to the public officer and accepted by him in respect of an act he has yet to do and not also for an act he may have already done."*

Illum il-ligi Maltja ma taccettax il-kuncett ta' *"bribery after the fact"* kif donnu qed jigi accettat mil-ligi Taljana u kif fl-izvilupp ta' ordinament guridiku Taljana kien hemm incertezza jekk din il-korruzzjoni setghetx issir wara l-kummissjoni tar-reat. L-awtur **Luigi Maino** fit-trattat tieghu "Commento al Codice Penale Taliano" kellu quddiemu l-ligi Penali kemm dik promulgat bid-digriet tal-hamsa u ghoxrin (25) ta' Gunju tal-elf tmien mija u hamsa u sittin (1865), kif ukoll dak tal-kummissjoni dwar il-"Progetto Ministeriale tal-elf tmien mija u seba` u tmenin (1887), izda mhux dik tal-Codice Rocco tal-elf disgha mija u tletin (1930).

Fl-ewwel zewg progetti, jghid il-**Maino**, ma kienx hemm distinzjoni bejn "atto da compiere o atto gia compiuto". Fil-fatt jghid *"la formola: per un atto del sua ufficio si leggeva ance nel Articolo 162 del Progetto*

[27] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-28 ta' Marzu 2012

*Ministeriale dell'1887: ed e formola che non distingue atto da compiere o atto gia compiuto*"[28]. M'hemmx dubju li huwa l-Kodici Penali Toskan li ghamel distinzjoni bejn *"la corruzzione propiamenta detta dalla illecita accettazzione dei doni*". Il-**Maino** jghid "*considerando come corruzzione il mercato relattivo ad atti da compiere e come illecita accettazione delitto minore il ricevere una indebita ricompensa per atti d'ufficcio gia eseguiti senza corruzzione.*" Kien hemm dibattitu shih bejn l-awturi u l-Kummissjoni Taljana dwar dan il-kuncett u cioe` setghax ufficjal pubbliku jkun hati ta' korruzzjoni wara l-fatt. "*Ma la commussione approvo' la formola del progetto Ministeriale come passata nel attuale articolo 171, e che comprende la ipotesi degli atti gia compiuti. Fu osservato che si violano i doveri d'ufficio anche con la accettazione di doni inseguito ai atti compiuti . . .*"[29]

Din il-kwistjoni giet definittivament rizolta fil-Codice Rocco tan-1930 fejn taht it-titolu "*Corruzione per un atto d'ufficio"* it-tieni paragrafu ta' l-artikolu 318 jghid testwalment "*se il pubblico ufficiale riceve la retribuzione per un atto d'ufficio da lui gia compiuto . . .*" Quindi ghal-ligi Taljana ma hemmx kwistjoni u ufficcjal pubbliku jista' jinstab hati ta' korruzzjoni jekk ikun ircieva xi kumpens wara l-att. Naturalment, dejjem soggetta ghat-tifsira ta' "*retribuzioni*" kif definiti mill-istess Manzini u Francesco Antolisei.

Mhux l-istess pero' taht il-ligi Maltija fejn sakemm ma jkunx hemm ftehim qabel (emfasi tal-Qorti) il-kommissjoni ta' l-att ma jistax ikun hemm korruzzjoni ta' ufficcjal pubbliku wara li dan ta' l-ahhar ikun qeda d-dover

[28] Deciza mill-Qorti ta l-Appell Kriminali fil-11 ta' Novembru 2011.

[29] Volume 2, pagina 209, para 926.

tieghu. Fejn il-**Professur Mamo** jghallem li *"as Section 114a u b (illum 115a u b) are worked, it seems that there can be the crime of corruption only where the reward promised or offered is made to the public officer and accepted by him in respect of an act he has yet to do and not also for an act he may have already done*."

Ghal dak li jirrigwarda l-element intenzjonali, l-**Maino** jkompli jghallem li b'referenza ghal art. 171 u 172 (tal-Kodici 1865) *"...... a costituire il delitto di corruzzione e` necessario il concorso delle due volonta` del corruttore e del corrotto, il loro accordo e la loro fusione sul patto eriminoso ......."* Ghal **Maino** dan kien bizzejjed ghal konsumazzjoni tar-reat u ma kienx hemm ghalfejn l-ufficjal pubbliku jwettaq jew ma jwettaqx dak pattwit. Jidher li dan il-hsieb gie accettat mill-"*Commissione della Camera di Deputati*" u tal-Kummissjoni Senatorjali (1887) tant, li fit-test definittiv tal-Kodici gie milqugh il-hsieb *"di far retrocedere la consumazione del reato all'istante in cui il pubblico ufficiale ha ricevuto il dono o accetta la promessa, perche il fare, il ritardare od ommettere l'atto e il fine del delitto, ma questo e' completo quando si conclude il turpe merchato ........"*[30] kif inghad, dan il-hsieb gie eventwalment rifless fil-Codice Rocco peress illi la r-reat kien ikkunsmat mal-"*concorso delle due volonta*`" ma kienitx taghmel differenza jekk din il-konsumazzjoni saritx qabel jew wara l-fini tad-delitt. Izda, l-ligi Maltija qatt ma resqet lura l-konsumazzjoni tar-reat ghal mument tal-ftehim, peress li l-ufficjal pubbliku dejjem jista` jregga lura minn dak pattwit u jimxi fit-triq id-dritta u din il-possibilita` m'ghadhix tigi negata. Huwa biss meta l-*"concorso delle due volonta` del corruttore e del corrotto"* jigi msarraf f'dak miftihem li r-reat ta' korruzzjoni jkun kunsmat.

[30] Volume 2, pagina 209, para 926.

Illi ghalhekk jispetta lil din il-Qorti tapplika l-fatti tal-kaz in desamina ghall-elementi tar-reati kif fuq spjegati.

In breve bhala fatti jirizulta s-segwenti:-

1. Illi l-imputat kien fuq xoghol tieghu gewwa l-impjant tal-Gass, B'Bugia meta rcieva telefonata ftit jiem qabel il-Milied u jghid li kien bejn it-18 u l-20 ta' Dicembru tas-sena elfejn u tmienja (2008) minghand George Farrugia fejn awguralu xewqat sbieh ghal Milied u talbu jghaddi s'ghandu jiehu bibita tal-festi.
2. L-imputat jghid li talab lil Farrugia jispjegalu fejn kienu l-ufficcini tieghu u dan qallu li kienu hdejn l-HSBC headquarters Hal Qormi u qallu li kien ser jieqaf ghal ftit, jiehu drink ghandu qabel ma jmur il-*party* fuq is-sular taghhom tal-Enemalta.
3. Illi l-imputat fil-fatt mar fil-post indikat lilu u jghid li meta mar hemm sab lil George Farrugia fuq il-bankina u ghalhekk hareg u awguralu l-Milied it-Tajjeb u huwa haseb li kien ser jakkompanjah gewwa sabiex jiehdu drink flimkien pero' minflok qallu li xtaq jiehu t-tender tal-Petroleum u qallu li jekk jiehu dan it-tender huwa seta' jibda jahdem mieghu. Huwa ma wiegbu xejn.
4. Staqsieh jekk kellux cans u mill-ewwel wiegbu li kien hemm Adjudicating Board li kellu jiddeciedi u huwa ma kellux x'jaqsam ma' dan il-Board.
5. Jghid li baqa' jitkellem ghal xi kwarta ghalkemm ma hassux komdu jitkellem filfatt

baqghu fuq il-bankina. Wara ftit jghid li hadlu b'idu u telaq lejn il-karozza tieghu biex jitlaq.

6. Dak il-hin Farrugia qallu minuta u mar u gab tlett kaxxi u qallu li kienu xi haga ghal Milied. Qallu grazzi u huwa u ser jitlaq qallu "*jekk trid tihom dawn u ingiblek ohrajn*"

7. Huwa kien ixxokjat u telaq 'l hemm.

8. Jghid li mar l-ufficcju u pogga dawn it-tlett rigali li kienu bowl rettangolari tal-kristall u zewg bombonieri zghar tal-fidda ftit ikbar mill- ghonq tal-landa tat-tonn taz-zejt u poggihom go cabinet.

9. Jghid li huwa beza' li jghid lil ta' fuqu dwar dan ghaliex kien jaf li George Farrugia kien midhla ta' l-ufficjali gholja tal-Enemalta tant li jghid li kien ikun fil-kurituri tal-Enemalta jistenna biex jitkellem mal-ufficjali gholja f'diversi okkazjonijiet fosthom ic-chairman Alexander Tranter u l-Financial Controller is-sur Pandolfino.

10. Jghid ukoll li f'dawk iz-zminijiet l-Enemalta tkun qisa il-Pavi b'hafna hampers ghaddejjin ghal ghand dak u ghal ghand 'l iehor.

11. In segwitu jghid li huwa kien wiret xi flus minghand ommu u xtaq jixtri xi haga sabiex ikollu xi rikordju taghha u ghalhekk wara xi sena u xahar li kien ircieva dawn ir-rigali kien mar ghand Azzopardi Jewellers u ha r-rigali li kellu sabiex ibiddilhom u jzid maghhom u jixtri xi haga li jhobb hu ta' valur.

12. M'hemmx dubju li effettivament u dan mhux kontestat li l-imputat kif stqarr hu stess a tempo vergine ta' l-investigazzjoni tieghu kif ukoll aktar tard il-Qorti u kif del resto gie konfermat ukoll minn Joseph Azzopardi stess li t-tray tal-fidda li hemm esebit il-Qorti nxtara minghand Azzopardi u dan parti bil-flus li

hareg l-imputat u parti bit-tibdil tar-rigali li kien qala' minghand George Farrugia. Zgur pero' li t-tray li hemm esebit il-Qorti mhux rigal minn dawk li ghadda George Farrugia lill-imputat u ghalhekk zgur li r-rigali li ghadda George Farugia lill-imputat kellhom valur hafna inqas.

13. Skond ix-xhieda ta' Joseph Azzopardi a fol. 142 huwa jghid li huwa minnu li l-imputat kien partat dan it-tray esebit il-Qorti ma' xi tlett oggetti zghar u jghid li kien zied maghhom u li dan kien sehh xi sebgha jew tmien snin qabel ma xehed fis-sena 2013.

14. Meta dan Azzopardi gie mistoqsi jekk kellux xi ricevuti jghid li kellu xi invoices tal-oggetti li kienet xtrat is-socjeta' Power Plan li taghha George Farrugia kien Direttur li gew esebiti a fol 159 et seq u jikkonferma li George Farrugia kien klijent regolari tieghu u li kien jixtri minghandu ta' sikwit. Pero' ma setghax jikkonferma liema kienu r-rigali li kien xtara George Farrugia u kien ghadda lill-imputat u li in segwitu gew skambjati.

15. George Farrugia pero' jaghti verzjoni totalment differenti u jghid li kien l-imputat li mar ghandu fl-ufficcju u li kien talbu sabiex jaghtih tlett rigali ghaliex xtaq jaghtihom lil xi membri tal-A*djudicating Board.* Mistoqsi min kienu dawn in-nies pero' jghid li ma jafx. Farrugia jghid ukoll li ta tlett centri tal-fidda lill-imputat u dawn kienu jiswew xi elf ewro-il wiehed. Qal ukoll li l-imputat kien talbu s-somma ta' erbghin ewro una volta jiehu t-tender sabiex iqassamha pero' din ma mmaterjalizzatx ruhha.

16. Jghid li tah biss dawk it-tlett rigali. Jikkonferma pero' li t-tender ma hadux. Muri r-ritratt a fol 75 tal-process fejn kien hemm tlett centri tal-fidda jghid li dawk ma kinux r-rigali li kien xtara u fil-fatt anke waqt l-investigazzjoni l-pulizija kienu wrewh dawn ir-ritratti u cahad li kienu r- rigali li kien ta lill-imputat.

17. Illi ghalhekk zgur li c-centri li kienu jiswew madwar tlett elef ewro skond is-Sur Azzopardi zgur li ma kienux ir-rigali li gew moghtija lill-imputat.

18. Illi fis-seduta tas-16 ta' Dicembru 2013 is-Sur Azzopardi jghid li George Farrugia kien jixtri hafna rigali minghandu u rega' esebixxa xi invoices ta rigali li kien jixtri u din l-invoice hija datata Dicembru 2008 u l-oggetti hemm indikati ghandhom valur hafna inqas mic- centri tal-fidda kif murija a fol 75.

19. Illi l-imputat jixhed li qatt kellem lil xi hadd fl-adjudicating board dwar it-tender ta' George Farrugia u l-Prosekuzzjoni ressqet numru ta' xhieda f'dan ir-rigward u cioe' lil Alfred Camilleri Permanent Secretary fil-Ministeru tal-Finanzi (fol. 204), Mario Mizzi CEO tal-Mimcol (fol 207), Victoria Wilson (fol. 210, Alexander Tranter non executive chairman tal- Enamalta (fol. 229), Ivan Falzon membru tal-Adjudicating Board (fol. 231), l-Inginier Karl Camilleri c-Chief Executive Officer tal-Enemalta (fol 264), Godwin Debono fil-kapacita' ta' geofiziku (fol. 66) ilkoll jikkonfermaw li jafu lill-imputat u dan bhal *liason officer* bejn l-Enemalta u l-Privatisation Board. Ilkoll jghidu li kien jghinhom f'dak li jitolbuh fir- rigward informazzjoni u dokumentazzjoni tal-Enemalta pero' hadd minnhom ma jghid li l-imputat kellimhom fuq xi materja li kienet pendenti quddiem l-Adjudicating Board u hadd minnhom ma jghid li l-imputat qatt offrielhom xi rigal, weghda jew offerta. Kollha jitkellmu fil- pozittiv fir-rigward ta' l-imputat.

20. Bhala fatt l-imputat jghid li huwa ma kellem lil hadd la fuq l-applikazzjoni li George Farrugia kien tefgha ghat-tender u lanqas fuq ir-rigali li kien ircieva minghand l-istess George Farrugia u dan fil-fatt huwa provat mill-provi mressqa.

21. Jikkonferma wkoll li huwa fl-ebda hin ma qatt talab ghal xi rigal jew vantagg u la qatt ma

ghamel xi weghda jew offerta li kien ser jghin lil xi hadd billi jaghmel xi haga li mhux suppost jaghmel in konnessjoni man-natura tax-xoghol tieghu.

Illi din il-Qorti thoss li x-xhieda moghtija mill-imputat hija aktar vero simili fil-kwadri tal-fatti prodotti u cioe' li huwa mar minghalih biex jiehu bibita tal-Milied u sab li George Farrugia mhux vera kien stiednu ghal *drink* izda sabu jistennieh barra u fil-fatt laqghu barra t-triq u kellmu fuq it-tender li kellu pendenti fl-Adjudicating Board. Jidher li l-imputat fl-ebda hin ma dahal fl-ufficini ta' George Farrugia u wara ftit tal-hin telaq 'l hemm fis-sliem bla ma kien ftihem xejn. Jidher li l-imputat sema dak li kellu xi jghid Farrugia pero' fl-ebda hin ma accetta li jippartecipa f'xi diskussjoni ma' terz dwar it-tender ta' Farrugia. Qabel ma telaq Farrugia tah xi rigal tal-Milied u qallu jekk trid tihom 'il min trid. Hawnhekk f'dan il-kwadru ma jirrizultax il-*"concorso delle due volonta` del corruttore e del corrotto"* u cioe' li msarraf xi ftehim ghaliex ftehim ma jirrizultax li kien hemm u ghalhekk l-ebda reat ta' korruzzjoni ma seta' jigi kunsmat.

**Korruzzjoni minn persuna li jkollha l-influwenza**.

Din it-tieni akkuza hija dik naxxenti mill-**Artikolu 121A tal-Kap 9** tal-ligijiet ta' Malta li jipprovdi s-segwenti:-

"*Kull min iwiegħed, jagħti jew joffri, sew b'mod dirett sew indirett, xi vantagg mhux xieraq lil xi persuna ohra li tasserixxi jew tikkonferma li huwa jew hija jkunu kapaċi li jagħmlu xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod*

*kif tiddeċiedi xi persuna li hemm imsemmija fl-artikoli precedenti ta'dan is-subtitolu u ta'xi persuna ohra, sabiex igieghel lil dik il-persuna ohra tesercita dik l-influwenza, sew jekk dak il-vantagg mhux xieraq ikun ghal dik il-persuna ohra jew ghal xi hadd iehor, ghandu, meta jinsab hati........."*

Illi din l-Qorti tirrileva li possibilment din l-akkuza inghatat bi svista mill-ufficcju tal-Avukat Generali u dan ghaliex sabiex tissusisti dan ir-reat iridu jikkonkorru s-segwenti elementi komplessivament u cioe':-

1. L-imputat irid jaghti jew joffri, sew b'mod dirett sew indirett, xi vantagg mhux xieraq
2. lil xi persuna ohra
3. liema persuna trid tasserixxi jew tikkonferma li huwa jew hija jkunu kapaci li jaghmlu xi nfluwenza mhux xierqa
4. fuq il-mod kif tiddeciedi xi persuna kif imsemmija fl-Artikolu 120 tal-Kap 9 u cioe' fuq ufficcjal jew impjegat pubbliku
5. sabiex igieghel lil dik il-persuna u cioe' l-ufficcjal jew impjegat pubbliku tesercita dik l-influwenza,
6. sew jekk dak il-vantagg mhux xieraq ikun ghal dik il-persuna ohra jew ghal xi hadd iehor.

Illi bir-rispett kollu l-ebda wiehed minn dawn is-sitt elementi ma gew provati fid-dawl tal- provi mressqa. Dan ghaliex l-imputat fl-ebda hin ma offra jew ta b'xi mod dirett jew indirett xi vantagg lil persuna ohra, u lanqas ma qatt ittanta jaserixxi jew jinfluwenza lil xi hadd sabiex igieghel lil xi ufficjal jew impjegat pubbliku jesercita xi influwenza sabiex jiehu vantagg ghalih jew ghal terz. Kull ma rrizulta hu li l-imputat accetta xi rigali minghand George Farrugia waqt li huwa kien ufficcjal pubbliku fi zmien tal-

Milied. Jista' jkun li tali haga mhix etikament korretta pero' zgur li ma taqax fil-parametri ta' dan ir-reat.

Fit-tielet lok l-imputat gie akkuzat bir-reat ta' '*Frodi b'ghemil qarrieqi*' kif previst fl-**Artikolu 308** tal-Kodici Kriminali li jiddisponi s-segwenti:-

"*Kull min, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi jaghmel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi jinqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi juri haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta'krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża'dwar xi grajja kimerika, jaghmel qliegh bi hsara ta' haddiehor, jehel........*"

It-truffa u d-delitti l-ohra ta' frodi affini bdew jigu kkonsidrati b'mod awtonomu fl-ahhar tas-seklu tmintax u t-truffa kif nafuha llum dehret l-ewwel darba, ghalkemm b'isem differenti, fil-Kodici Penali Franciz tal-1810 li fl-Artikolu 405 jikkonsidra bhala truffa l-att ta' dak li b'ingann ikun "*escroque ou tente' d'escroquer la totalite' ou partie de la fortune d'autrui*."

It-terminu Truffa, uzat anki mill-Kodici Taljan tal-1889 u mill-Codice Sardo kien minflok adoperat mill-Kodici Taskan tal-1853 biex jindika l-approprijazzjoni indebita, mentri l-vera truffa kif nafuha ahna llum kienet denominata f'dak il-Kodici bhala Frode. Fir-relazzjoni tal-Kummissjoni tal-

Kamra tad-Deputati Taljana fuq il-progett tal-Kodici Penali tal-1857,[31] intqal illi:-

*"La parola truffa parve piu' addattata del vocabolo frode a designare quella speciale categoria di malefizi in cui l'usurpazione degli averi si commetta con l'inganno fraudolenti raggiri e la scelta parve alle Commissione opportuna perche' il significato specifico della parola truffa e' piu' universalmente penetrato nel linguaggio comune come designativo di una categoria speciali di delitti commessi mediante l'astuzia e il raggiro della vittima, mentre il vocabolario frode e' preferibilmente usato per indicare il genere dei malefizi che hanno per loro fondamento la menzogna e l'inganno. Ed in questo significato piu' ampio e piu' comprensivo viene appunto la parola frode usata in tutta la nostra legislazione; cosi' che la scelta di un altro vocabolo, destinato a significare una delle singole specie di azione compiuta col mezzo della frode, e' anche imposta dalla necessita' di mettere in armonia il linguaggio del Codice Penale con quello delle altre legge vigenti."*

Bhal Kodici Toskan, anki dak tad-Due Sicilie tal-1819[32] kien isejjah frodi d-delitt illum maghruf bhala truffa. Ir-Regolamento Pontificio tal-1832[33] taht il-vokabolu Truffa kien jinkludi kemm it-truffa kif ukoll l-approprijazzjoni indebita. Il-Codice Parmense tal-1820[34] u dak Estense tal-1855[35] assumew imbaghad it-terminu Truffa kif nafuha fid-dritt penali Taljan tal-ahhar mitt sena u dak taghna.

[31] Volume 2, pagina 209, ibid para 925.

[32] nru. CCXXXIII.
[33] Artikolu 430
[34] Artikolu 357.
[35] Artikolu 448

Ta’ min izid hawn illi d-disposizzjonijiet tal-Kodici Taljan tal-1889 dwar it-Truffa kienu mehuda mill-Codice Sardo-Italiano tal-1859[36].

Dawk tal-Kodici taghna, kienu gew mehuda minn Sir Adriano Dingli mill-paragrafu 5 tal-Artikolu 430 tal-Codice delle Due Sicilie li hu identiku, hlief ghal xi kelmiet li ma jaffettwawx is-sustanza, ghall-Artiklu 405 tal-Kodici Penali Franciz li fuqu inghad diga.

F’dan il-kuntest, il-ligi aktar mill-interess socjali tal-fiducja reciproka fir-rapport patrimonjali individwali, hawn qed tittutela l-interess pubbliku li jimpedixxi l-uzu tal-ingann u tar-raggiri li jinducu bniedem jiddisponi minn gid li fil-kors normali tan-negozju ma kienx jaghmel.

Illi fis-sentenza **Rex vs Vittorio Azzopardi**[37] il-Qorti iccitat estensivament mic-Chaveau et Helie u anki minn diversi sentenzi tal-Qorti ta’ Kassazzjoni ta’ Parigi biex tispjega li hu necessarju biex ikun hemm ir-reat ta’ truffa li l-manuvri jew raggiri jkunu ta’ natura li jimpressjonaw bniedem ta’ prudenza u sagacja ordinarja, li jkunu frawdolenti u li hu necessarju li jkunu mpjegati biex jipperswadu bl-assistenza ta’ fatti li jqajjmu s-sentimenti ohra msemmija mil-Ligi. F’dik il-kawza ssemmiet ukoll is-sentenza **Regina vs Giuseppe Galea**[38] fejn gie stabbilit illi “*che per costituire la frode sotto la disposizione da quel articolo 282*[39] *non e’ necessario la concorrenza di*

[36] Artikolu 493.

[37] Artikolu 626.
[38] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-27 ta’ Mejju 1935 - (Vol XXIX – iv – p 398).
[39] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-12 ta’ Mejju 1887.

*ambedue i mezzi menzionati nell'atto di accusa essendo sufficiente l'impiego di inganno o di simulazione per persuadere l'esistenza di un credito immaginario anche senza un artifizio contratio ai regolamenti."*

Dwar l-artifizi hemm diversi sentenzi tal-Qrati taghna. Per ezempju in re **Il-Pulizija vs Nikol Bonnici**[40] l-Qorti qalet: *"Il-Qorti t'isfel fis-sentenza taghha...... waslet ghal konkluzjoni illi hemm bzonn biex ikun hemm reat taht l-artikolu 309 (illum 308) illi dak il-kliem ikun akkompanjat minn apparat estern li jsahhah il-kliem stess fil-menti tal-iffrodat. Dina it-tezi hija dik accettata fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti anke kolleggjalment komposta fil-kawza* ***Regina vs Francesco Cachia u Charles Beck*** *deciza fit-2 ta' Jannar 1896 li fiha intqal illi "quello articolo non richiede solamente un'asserzione menzogniera e falsa, ma richiede inoltre che siano state impiegato inganno, raggiro o simulazione, ed e' necessario quindi che la falsa assertiva sia accompagnata da qualche atto diretto a darlo fede*."

Fis-sentenza taghha in re **Il-Pulizija vs Carmelo Cassar Parnis**[41], il-Qorti presjeduta mill-Imhallef G. Flores kienet qalet illi "*ghar-reat ta' truffa kontemplat fl-artikolu 322 tal-Kodici Kriminali (illum artikolu 308) kif jidher mid-dicitura partikolari deskrittiva adoperata, hemm bzonn li tirrizulta materjalita' specifika li sservi ta' substrat ghall-verosimiljanza tal-falsita' prospettata bhala vera, u hekk bhala mezz ta' qerq. Ma huwiex bizzejjed ghall-finijiet ta' dak l-affermazzjonijiet, luzingi, promessi, minghajr l-uzu ta' apparat estern li jirrivesti bi kredibilita' l-affermazzjonijiet menzjonerji tal-frodatur. Il-ligi taghti protezzjoni specjali kontra l-ingann li jkun jirrivesti dik*

[40] Illum l-Artikolu 308 tal-Kodici Kriminali.
[41] Deciza mill-Qorti ta l-Appell Kriminali fis-27 ta' Mejju 1944.

*il-forma tipika, kwazi teatrali, li tissupera il-kawtela ordinarja kontra is-semplici kliem u luzingi, u li taghti lil dawn, l-esterjorita; ta' verita' kif tirrendi l-idea, l-espressjoni felici u fid-dritt Franciz "mise-en-scene*".

Jista' jizdied ukoll li mill-gurisprudenza nostrali, l-aktar awturi iccitati mill-Qrati taghna huma l-Arabia, il-Pincherle, ic-Chaveau et Helie, ic-Chaveau, il-Carrara u l-Pessina.

Illum, ghalhekk, huwa assodat fil-gurisprudenza taghna illi biex ikun hemm ir-reat tat-truffa, ghal dawk li huma artifizi, ma hix bizzejjed is-semplici gidba, izda jinhtieg li jkun hemm ukoll l-apparat estern li jaghti fidi lil dik il-gidba. Irid ikun hemm dik il-"*magna callidibus ad decipiendum aliquam addibite*"; irid ikun hemm dik l-impostura li tikkonstringi lil dak li jkun li jemmen, li tnehhi kull suspett u li tipparilizza d-diligenza tal-iffordat u tissorprendilu il-bwona fede tieghu.

Kwantu jirrigwarda l-element tad-dolo dak li hu mehtieg li jigi pruvat huwa s-segwenti:

a. fl-ewwel lok irid ikun hemm l-intenzjoni tal-frodatur li jipprokura b'ingann il-konsenja ta' flus jew oggetti bi profitt ingust tieghu. L-ingustizzja tal-profitt tohrog mill-istess artikoli 308 u 309 tal-Kodici Kriminali (Kap 9) fejn jirrikorru l-kliem "bi hsara ta' haddiehor" il-lezjoni ta' dritt, u l-profitt ikun ingust appuntu ghax ikun hemm lezjoni ta' dritt.

b. Hemm bzonn ukoll jigi pruvat illi s-suggett attiv tar-reat fil-mument tal-konsumazzjoni tar-reat ikun konxju tal-ingustizzja tal-profitt u b'dan il-mod il-legittimita' produttiva tal-profitt hija bizzejjed biex teskludi d-dolo.

Fl-ahharnett din il-Qorti jidhrilha li hu rilevanti jigi ripetut dak li kienet qalet fis-sentenza taghha preliminari fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Glen sive John Debattista**'[42]:

a. Fl-ewwel lok, illi essenzjalment l-elementi tar-reat kontemplat fl-artikolu 308 huma tnejn – l-element immaginarju u l-element fattwali, inkwantu l-akkuzat biex jaghmel qligh indebitu jivvinta storja u jara kif jaghmel biex jillustraha, biex jikkonvinci lill-vittma biex temmen l-istorja. Tradizzjonalment fil-kontest tal-frodi, jintuzaw is-sostantivi raggiro u mise-en-scene. Ta' l-ewwel, fil-lingwa Taljana, per estensjoni saret tfisser proprju "*truffa, inganno, imbroglio*", pero' originarjament kienet tiddeskrivi l-azzjoni li biha wiehed jdur u jerga' jdur ma' persuna ohra, b'fittagni, bil-hsieb li jdawru biex jaghmel xi haga li l-ewwel persuna tkun tixtieq li l-ohra taghmel. Dak li fit-Taljan difett jinghad – "*iretirlo in imbroglio*" – bhala definizzjoni ta' "raggirare" – fil-Malti nuzaw l-espressjoni – "*idahhal fl-ixkora*". Mise-en-scene tirriferixxi ghal dak kollu li jintuza fuq il-palk ta' teatru biex johloq l-atmosfera fittizja li jkun hemm bzonn ghar-recta li ser issir.

Fit-tieni lok, illi parti mill-**Artikolu 308** tal-Kodici Kriminali, jista' jigi anki limitat ghal dik il-parti li tghid – "*Kull min b'mezzi kontra l-Ligi.... jew billi*

[42] Deciza mill-Qorti ta l-Appell Kriminali fil-31 ta' Ottubru 1959.

*juri haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-esistenza ta' ......... krediti immaginarji".*

Kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Kevin Ellul Bonnici) Vs Emanuel Tabone**[43]

*"…. r-reat tat-truffa jirrikjedi li jkun hemm mhux biss is-semplici kliem menzonjer, imma anke l-"mise-en-scene" li taghti kreditu lil dak il-kliem ta' ngann".*

Issir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Alexandra Farrugia Mamo) vs Emmanuele Ellul**[44] fejn gie ritenut li fil-ligi taghna, element essenzjali ghall-kostituzzjoni tar-reat ta' truffa hija l-*mise en scene*, cioe' dawk l-*"artifizi"* jew "*raggiri*" idoneji li jinducu, u li effettivament ikunu nducew, lill-vittma fi zball – l-ingann – u li b'konsegwenza ta' dak l-izball il-vittma taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-korrispondenti qliegh ghall-agent. Kif jispjega l-gurista Taljan **Francesco Antolisei**, b' "*artifizio*" wiehed ghandu jifhem...

*"...ogni studiata trasfigurazione del vero, ogni cammuffamento della realta' effettuato sia simulando cioe' che non esiste (per es., richezza, titoli, nome, qualita', ecc.), sia dissimulando, vale a dire, nascondendo cio' che*

[43] Deciza mill-Qorti ta l-Appell Kriminali fit-8 ta' Marzu 1995.
[44] Deciza mill-Qorti ta l-Appell Kriminali fl-14 ta' Frar 1997 - Appell Kriminali Inferjuri (VCC) Nru 148/96

*esiste (per es., il proprio stato di insolvenza, di persona coniugata, o inabilitata, l'uso di una determinata cosa*, ecc.)"[45]

L-istess awtur jiddefinixxi r-raggir bil-mod segwenti:

*" Il raggiro....e' un avvolgimento ingegnoso di parole destinate a convincere: piu' precisamente una menzogna corredata da ragionamenti idonei a farla scambiare per verita'"* [*ibid.*].

Il-ligi taghna ma tirrikjedix li l-messa in xena, cioe' li dawn l-artifizji jew raggiri, ikunu xi haga kumplikata jew arkitettata b'hafna pjanijiet; in fatti l-ligi stess tindika l-forom li dawn l-artifizji jew raggiri jistghu jiehdu. Fost dawn hemm is-sitwazzjoni ta' meta persuna b'kwalsiasi forma ta' qerq, ingann jew simulazzjoni taghti x'tifhem li ghandha flus meta m'ghandhiex. Meta wiehed johrog cekk meta jkun jaf, jew messu ragjonevolment kien jaf, li ma hemmx fondi fil-kont in kwistjoni sabiex dak ic-cekk jista' jigi onorat, ikun qed jinganna jew jipprova jinganna, b'wahda mill-forom kontemplati fil-ligi taghna.

Pero' kif inghad, element essenzjali iehor tar-reat in dizamina huwa t-telf patrimonjali li ggarrab il-vittma bil-konsegwenti qliegh ghall-agent, liema telf u qliegh ikunu r-rizultat ta' xi haga li taghmel jew tonqosha milli taghmel il-vittma ghax tkun giet imqanqla. Infatti t-truffa komunement tigi

[45] Deciza mill-Qorti ta l-Appell Kriminali fl-20 ta' Gunju 1997 - Appell Kriminali Inferjuri (VDG) Nru. 270/96.

mqabbla mas-serq u mal-approprjazzjoni indebita, bid-differenza bejn it-tlett reati konsistenti fil-mod ta' kif isir telf u l-korrispondenti qliegh.

Fi kliem l-awtur appena citat:

*"Il consenso della vittma carpito fraudolentemente, caratterizza il reato di truffa e lo distingue sia dal furto che dall'appropriazione indebita. Ambedue questi reati infatti, presuppongono il dissenso della vittma perche il primo esige l'impossessimento della cosa in contrasto col volere di colui che detiene, mentre il secondo postula da parte del possessore un' arbitraria e percio non consentita, asunzione di poteri che sono riservati al propretario. Nella truffa, invece l'agente mediante artifizi o ragiri riesce ad ottenere che la vittma si danneggi da se consegni una cosa, assuma un' obbligazione, rinunzi ed un diritto ecc. Compia insomma un atto di disposizione pregiudizievole per il suo patrimonio e vantaggioso per altri"*[46]

Illi ghalhekk fid-dawl tas-suespost ma jidhirx li l-imputat f'xi hin uza xi *messa in scena* (jew l-*artifizi* jew *raggiri*) sabiex tinduca lil xi terz sabiex jaghtih xi haga jew jaghmel xi haga li minnha kien se jiggwadanja xi vantagg. L-imputat ircieva biss rigal bla ma kien talab ghalihom u dawn gew moghtija lilu volontarjament minghajr ma kien hemmx talba ghalihom. Zgur li l-agir ta l-imputat ma jinkwadrax ruhu taht dan id-diposizzjoni tal-ligi. Jinghad ukoll li anke l-ufficcjal prosekutur lanqas ma tratta dan ir-reat ghaliex minkejja li nghata mill-ufficcju ta l-avukat generali

[46] **Manuale di Diritto Penale – Parte Speciale I,** Guiffre' (Milano), 1986, p. 295.

l-istess ufficjal prosekutur ma kellux wisq x'jghid fir-rigward ta' dan ir-reat u fil-fatt irremetta ruhu ghal gudizzju tal-Qorti.

Dwar l-ahhar reat u cioe' dak ta' frodi semplici kontemplat fl**-Artikolu 309 tal-Kodici Kriminali**, liema reat hu kompriz u nvolut fir-reat [**fl-Artikolu 308**] dan ir-reat jiddisponi s-segwenti:-

"*Kull min, bi ħsara ta'haddieħor, jaghmel xi qlieg iehor b'qerq, mhux imsemmi fl-artikoli ta'qabel ta'dan is-sub-titolu, jehel, meta jinsab hati*...."

Illi ma hemmx dubju li l-imputat ma ghamel l-ebda qliegh fil-fatt ta' xi vantagg izda l-qliegh li seta' ghamel kien li accetta rigal tal-Milied minghand George Farrugia. Dan l-agir wahdu ma jinkwadrax ruhu fil-parametri ta' dan ir-reat.

Element essenzjali tar-reat in dizamina huwa t-telf patrimonjali li ggarrab il-vittma bil-konsegwenti qliegh ghall-agent, liema telf u qliegh ikunu rizultat ta' xi haga li taghmel jew tonqos milli taghmel il-vittma <u>ghax tkun giet ingannata.</u> F'dan il-kaz ma jirrizultax li jista jinghad li George Farrugia kien xi vittma jew li sofra xi telf patrimonjali u dan ghaliex ir-rigali li huwa ta lill-imputat tahomlu minn rajh bla ma gew mitluba lilu u taht l-ebda obbligu ta' xejn.

Ghalhekk dawn ir-reati ta' frodi kif dik semplici kif ukoll dik maghmula b'ghemil qarrieqi ma jirizultawx provati.

Il-Prosekuzzjoni talbet lil din il-Qorti tordna l-konfiska tal-oggetti esebiti ai fini tal-Artikolu 23 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta’ Malta u dan ghaliex irreferiet ghalihom bhala l-istrumenti li servew jew li kien mahsub li jservu sabiex isir id-delitt pero stante li l-imputat ma nstabx hati tar-reati kif addebitati fil-konfront tieghu din il-Qorti mhi ser tordna l-ebda konfiska. Dan qed jinghad ukoll ghall-Artikolu 23A fejn il-Prosekuzzjoni talbet li jkun hemm konfiska skond l-Artikolu 5 tal-Money Laundering Act (Kap 373 tal-Ligijiet ta’ Malta) u ghalhekk stante li l-imputat ma nstabx hati tar-reati mhix ser tordna l-ebda ordni ta’ frizar fuq il-proprjeta’ mobbli u immobbli tieghu.

Il-Prosekuzzjoni talbet ukoll lill-Qorti sabiex f’kaz ta’ htija tordna l-interdizzjoni generali perpetwa jew interdizzjoni generali specjali bhala parti mill-piena ai termini tal-**Artikolu 119** tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta liema talba wkoll qed tigi rigettata stante li l-imputat qed jigi liberat minn kull akkuza.

**Il-Qorti ghalhekk wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-Artikolu 18, 23, 23A, 30, 31, 115(b) (c), 119, 121A (1) (2) (3), 309, 310 (1) (a) u 533 tal-Kapitolu tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Artikolu 5 tal-Kapitolu 373 tal-ligijiet ta’ Malta qieghda tiddikjara li ma ssibx lill-imputat RAYMOND FERRIS hati ta’ l-akkuzi kollha u tilliberah minnhom.**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------